REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/835

tal-5 ta' Mejju 2025

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazji kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali"

(2) Id-dazji kumpensatorji attwalment fis-seħħ huma b'rati li jvarjaw bejn 25 % u 33,4 % fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, 28,2 % fuq il-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u rata ta' dazju ta' 33,4 % fuq il-kumpaniji l-oħrajn kollha mill-Arġentina. Fi Frar 2019, il-Kummissjoni aċċettat ukoll impenji offruti mill-esportaturi Arġentini ([3]) li jikkonsistu fi kwota annwali mingħajr dazju għall-bijodiżil bi prezz minimu bbażat fuq il-prezz uffiċjali taż-żejt tal-fażola tas-sojja tal-Arġentina, flimkien mal-kostijiet tal-produzzjoni u l-merkanzija.

(3) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil bħalissa huma soġġetti għal miżuri anti-dumping meta joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ([4]) jew mill-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") ([5]) u għal miżuri kumpensatorji meta joriġinaw mill-Indonezja ([6]) jew mill-Istati Uniti tal-Amerka ([7]).

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(4) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti ([8]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1037/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244 tal-11 ta' Frar 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina (ĠU L 40, 12.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/244/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/245 tal-11 ta' Frar 2019 li taċċetta offerti ta' impenn wara l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina (ĠU L 40, 12.2.2019, p. 71, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/245/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/261 tal-10 ta' Frar 2025 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/261, 11.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/261/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1266 tad-29 ta' Lulju 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 277, 2.8.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1266/oj.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indonezja, ĠU L 317, 9.12.2019, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2092/oj.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1267 tad-29 ta' Lulju 2021 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 277, 2.8.2021, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1267/oj.

([8]) Notifika dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antisussidji (ĠU C 183, 25.5.2023, p. 2).

(5) It-talba għal rieżami tressqet fl-10 ta' Novembru 2023 mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil ("l-applikant" jew "EBB, European Biodiesel Board") f'isem l-industrija tal-bijodiżil tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni tas-sussidjar u rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(6) Qabel il-bidu tar-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Arġentina ("GtA") ([9]) li kienet irċeviet talba dokumentata kif xieraq, u stiednet lill-GtA għal konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-konsultazzjonijiet saru fil-5 ta' Frar 2024. Madankollu, ma setgħet tintlaħaq l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku mal-GtA. Fid-dawl tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħejjiet memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza li jinkludi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tagħha u li abbażi tagħha nbdiet l-investigazzjoni. Dan il-memorandum jinsab fil-file li jista' jiġi vverifikat mill-partijiet interessati. Il-kummenti magħmula mill-GtA f'dik l-okkażjoni ġew miġbura fil-qosor u indirizzati fil-memorandum.

(7) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ([10]), li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fid-9 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġina mill-Arġentina ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([11]) ("in-Notifika tal-Bidu").

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu kkunsidrat**

(8) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni tas-sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.5. **Partijiet interessati**

(9) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni bl-għan li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lill-produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi magħrufa fl-Arġentina u lill-awtoritajiet tal-Arġentina, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-iskadenza u stednithom jipparteċipaw.

(10) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Kummenti dwar il-bidu**

(11) F'sottomissjoni datata l-15 ta' Marzu 2024, il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils ("CARBIO, Cámara Argentina de Biocombustibles") ikkontestat il-bidu minħabba li l-analiżi tad-dannu fit-talba naqset milli tikkunsidra fatturi rilevanti oħra li jistgħu jirriżultaw f'dannu. Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) sostniet ukoll li t-talba ma kinitx sostanzjata biżżejjed, jiġifieri fir-rigward tas-suppożizzjoni li, jekk il-miżuri kumpensatorji jitħallew jiskadu, l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina jiżdiedu u jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

([9]) F'dan ir-Regolament, it-terminu "GtA" jintuża f'sens wiesa', u jinkludi l-Ministeri, id-Dipartimenti, l-Aġenziji u l-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni), ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([11]) Notifika tal-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina (ĠU C, C/2024/1355, 9.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1355/oj).

(12) Il-Kummissjoni qieset li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza biex turi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' sussidjar u rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Mhuwiex eskluż li t-talba fiha xi lakuni jew elementi li mhumiex raġonevolment disponibbli għall-industrija tal-Unjoni, iżda din is-sitwazzjoni ma tistax iddgħajjef il-konklużjoni ġenerali li kien hemm biżżejjed evidenza li jistħoqqilha investigazzjoni ulterjuri. Barra minn hekk, l-istandards evidenzjarji mhumiex l-istess għall-bidu u stadji oħra tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet tal-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO).

(13) Fil-kummenti tagħhom dwar il-bidu, il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) u l-GtA sostnew li kienu seħħew bidliet leġiżlattivi rilevanti mill-investigazzjoni oriġinali, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fil-provinċja ta' Santa Fe u tal-mandat domestiku tal-bijodiżil. Barra minn hekk, huma sostnew li kien mistenni li jsiru bidliet leġiżlattivi oħra matul l-investigazzjoni.

(14) Il-Kummissjoni qieset din l-informazzjoni fl-analiżi tal-iskemi ta' sussidju kkonċernati fil-premessi minn (35) sa (51) u (271) sa (283) u fl-analiżi tal-probabbiltà fil-premessi (323) sa (330).

1.7. **Kampjunar**

(15) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li għandha mnejn tikkampjuna l-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

1.7.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(16) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tar-rappreżentattività f'termini ta' volum ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni bejn l-1 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2023. Tqieset ukoll it-taħlita tal-prodott fil-kampjun. Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'erba' produtturi tal-Unjoni. Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli fl-istadju tal-bidu, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ammontaw għal madwar 15 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni u 24 % tal-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi li wieġbu għall-inkjesta. F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. L-ebda parti ma pprovdiet kummenti. Il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni tqies rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.7.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(17) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(18) Importatur mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Minħabba n-numru żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.7.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Arġentina*

(19) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi kollha fl-Arġentina biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-missjoni tal-Arġentina biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(20) Seba' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet produtturi esportaturi, li jappartjenu għal żewġ gruppi, abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 68 % tal-volum totali tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-Arġentina rrapportat fil-Eurostat fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernati, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma sar l-ebda kumment.

1.8. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u verifika**

(21) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-GtA, lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lil importatur mhux relatat, u lill-applikant. Dawn il-kwestjonarji saru disponibbli online ([12]) fil-jum tal-bidu, ħlief għal dawk maħsuba għall-GtA u l-applikant, li saru disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati.

(22) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-GtA, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, importatur mhux relatat u l-applikant.

(23) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu u tal-interess tal-Unjoni.

(24) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-GtA u tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Chevron, Amsterdam, in-Netherlands,

— Masol Iberia Biofuel, S.L.U., El Grao (Castellón) u Barċellona, Spanja,

— Raffineria di Gela, Gela u Ruma, l-Italja,

— Saipol, Pariġi, Franza;

Applikant

— Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB, European Biodiesel Board), Brussell, il-Belġju;

Produtturi esportaturi fl-Arġentina

— Renova Group:

  — Viterra Argentina S.A., Villa Adelina

  — Molinos Agro S.A., Victoria

— LDC Argentina S.A., Buenos Aires

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(25) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita ("il-prodott taħt rieżami"), li attwalment jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (il-Kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 33), ex 1518 00 91 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 33), ex 1518 00 95 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 95 21), ex 1518 00 99 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 91 33), ex 2710 19 42 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 42 21 u 2710 19 42 29), ex 2710 19 44 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 44 21, 2710 19 44 29 u 2710 19 44 33), ex 2710 19 46 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 33), ex 2710 19 47 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 33), 2710 20 11, 2710 20 16, ex 3824 99 92 (il-Kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 14 u 3824 99 92 17), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (il-Kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 33) ([13]).

([12]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2714.

([13]) Il-lista pprovduta fin-notifika tal-bidu kienet għall-informazzjoni biss. Il-lista finali fiha l-klassifikazzjoni kurrenti.

(26) Il-prodott taħt rieżami jista' jiġi prodott permezz ta' proċessi differenti, bħat-transesterifikazzjoni taż-żjut u tax-xaħmijiet, sinteżi Fischer-Tropsch jew l-idrotrattament ta' materja prima rinnovabbli. Huwa fjuwil rinnovabbli prodott minn firxa wiesgħa ta' materja prima, inklużi żjut veġetali bħaż-żejt tal-lift, iż-żejt tal-fażola tas-sojja jew iż-żejt tal-palm, iż-żjut tat-tisjir użati, ix-xaħmijiet tal-annimali jew il-bijomassa.

(27) L-investigazzjoni wriet li l-bijodiżil prodott fl-Arġentina huwa esklussivament ester metiliku tal-fażola tas-sojja ("SME, soybean methyl ester") derivat miż-żejt tal-fażola tas-sojja, filwaqt li sehem kbir ta' bijodiżil prodott fl-Unjoni huwa ester metiliku tal-lift ("RME, rapeseed methyl ester"). Kemm l-ester metiliku tal-fażola tas-sojja (SME) kif ukoll l-ester metiliku tal-lift (RME) jappartjenu għall-kategorija ta' esteri metiliċi tal-aċidi grassi (FAME, fatty-acid methyl ester).

(28) Il-bijodiżil tipikament jintuża fis-settur tat-trasport, prinċipalment imħallat mad-diżil fossili iżda anki fil-forma pura tiegħu.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(29) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mill-Arġentina.

2.3. **Prodott simili**

(30) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ fis-suq domestiku tal-Arġentina;

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; u

— l-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(31) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Dikjarazzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott**

(32) Ma wasal l-ebda kumment dwar l-ambitu tal-prodott.

3. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAS-SUSSIDJAR**

(33) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u kif iddikjarat fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għal kontinwazzjoni tas-sussidjar.

3.1. **Is-sussidji u l-programmi ta' sussidju fl-ambitu tal-investigazzjoni**

(34) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami, kif ukoll l-informazzjoni ppreżentata mill-GtA u mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:

Skemi oriġinarjament investigati u kkumpensati

(a) Appoġġ tal-Gvern għall-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata

(b) Eżenzjoni tal-Proprjetà Immobbli fl-ambitu tal-Liġi Industrijali ta' Santa Fe: eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli skont il-Liġi Provinċjali Nru 8 478/1979 (l-Artikolu 4) tal-Promozzjoni Industrijali; Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Santa Fe; L-Artikolu 183.29 Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Boll ta' Santa Fe u l-Artikolu 127 Eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Fatturat għall-bejgħ għall-esportazzjoni ta' Santa Fe

Skemi oriġinarjament investigati li għalihom ma nstab l-ebda benefiċċju

(c) L-għoti ta' self u finanzjament għall-esportazzjoni fuq termini preferenzjali u self preferenzjali

(d) Dħul tal-gvern mitluf jew mhux miġbur taħt il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils

(e) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Cordoba

(f) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Buenos Aires

(g) Is-Sistema ta' Promozzjoni u ta' Żvilupp Industrijali tal-Provinċja ta' Santiago del Estero ("PSPID, Province of Santiago del Estero System of Promotion and Industrial Development") — Liġi Provinċjali Nru 6.750

Skemi ġodda

(h) Trasferiment dirett ta' fondi: Programm ta' finanzjament għall-kapital operatorju fl-industrija tal-bijodiżil

(i) Dħul mitluf permezz tal-Liġi l-ġdida dwar il-Bijofjuwils 27 640/2021.

3.2. Sfond dwar il-politiki preferenzjali tal-GtA għall-industrija tal-bijodiżil matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(35) Mill-investigazzjoni oriġinali, il-politiki preferenzjali tal-GtA li jikkonċernaw l-industrija tal-bijodiżil żviluppaw kif spjegat hawn taħt.

(36) Filwaqt li l-iżviluppi leġiżlattivi li jikkonċernaw kull skema ta' sussidju huma analizzati fit-taqsimiet rispettivi, fuq livell usa', il-Liġi 26093 dwar il-qafas regolatorju għall-bijofjuwil, ippromulgata fl-2006 u analizzata fl-investigazzjoni oriġinali ("il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils"), skadiet f'Mejju 2021 ([14]). Għalhekk, fl-2021 ġiet sostitwita bil-Liġi 27640 ("il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils"), li baqgħet fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ([15]).

(37) Il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils ipprevediet mandat domestiku tal-bijodiżil fejn il-kwoti tal-bijodiżil ta' kull xahar ġew allokati lill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil mhux integrati vertikalment għall-provvista ta' impriżi domestiċi li jħalltu d-diżil bi prezzijiet fissi rregolati mill-gvern.

(38) Għal dan il-għan, skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils is-Segretarjat tal-Enerġija ġie inkarigat bħala awtorità tal-infurzar b'funzjonijiet bħal, fost l-oħrajn: "*Jirregola, jamministra u jissorvelja l-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijofjuwils*", "*iwettaq verifiki u spezzjonijiet fl-impriżi u fil-faċilitajiet għall-produzzjoni, il-ħżin u/jew it-taħlit tal-bijofjuwils*", "*japplika l-penali previsti*" fil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, "*Jiggarantixxi d-disponibbiltà tal-inputs meħtieġa għat-tħejjija tal-bijofjuwils għat-taħlit obbligatorju, filwaqt li jkun jista' jarbitra u jistabbilixxi l-mekkaniżmi li jqis meħtieġa sabiex l-akkwist tagħhom jitwettaq skont il-kundizzjonijiet normali u tas-soltu tas-suq u mingħajr ebda distorsjoni, filwaqt li jistabilixxi bħala limitu, fejn applikabbli, il-prezz tal-esportazzjoni ta' tali inputs mingħajr il-kostijiet rispettivi*", "*Jiddetermina l-allokazzjonijiet tal-bijofjuwils għall-provvista tat-taħlita obbligatorja*" u "*Jiddetermina* [...] *l-prezzijiet li bihom trid titwettaq il-kummerċjalizzazzjoni tal-bijofjuwils maħsuba għat-taħlit obbligatorju mal-fjuwils fossili* [...]" ([16]).

(39) Skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, il-bijodiżil li kellu jiġi fornut skont il-mandat domestiku kien soġġett għal rekwiżit ta' kontenut lokali, sal-punt li kellu jiġi "*prodott f'impjanti installati fir-Repubblika Arġentina minn materja prima nazzjonali*"." ([17]). Matul il-verifika fuq il-post, il-GtA kkonferma li ż-żejt tal-fażola tas-sojja użat għall-produzzjoni tal-bijodiżil fornut skont il-mandat kellu jkun ta' oriġini Arġentina. Dan kien ifisser li l-bijodiżil użat biex jissodisfa l-mandat ta' taħlit kellu jiġi prodott f'impjanti Arġentini bl-użu ta' materja prima prodotta domestikament ([18]).

([14]) *Ley* 26093, *Régimen de Regulación y Promoción para la Producción y Uso Sustentables de Biocombustibles. Autoridad de aplicación. Funciones. Comisión Nacional Asesora. Habilitación de plantas productoras. Mezclado de Biocombustibles con Combustibles Fósiles. Sujetos beneficiarios del Régimen Promocional. Infracciones y sanciones.*

([15]) *Ley* 27640, *Marco Regulatorio de Biocombustibles: Aprobación.*

([16]) L-Artikolu 3 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

([17]) L-Artikolu 4 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

([18]) "Argentina: Biofuels Annual", id-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA, United States Department of Agriculture) - Global Agriculture Information Network (GAIN) Rapport Nru AR2021-0018, it-18 ta' Awwissu 2021 ("ir-Rapport tal-GAIN tal-2021"), p. 3, disponibbli fuq: https://www.fas.usda.gov/data/argentina-biofuels-annual-6 u "Argentina: Biofuels Annual", id-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA) - Global Agriculture Information Network (GAIN) Rapport Nru AR2023-0008, is-26 ta' Awwissu 2023 ("ir-Rapport tal-GAIN tal-2023"), pp. 4-5, disponibbli fuq: https://www.fas.usda.gov/data/argentina-biofuels-annual-8.

(40) Il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils stabbiliet li "*Il-provvista tal-kwantitajiet ta' kull xahar ta' bijodiżil* [...] *għandha titwettaq mill-kumpaniji li jimmanifatturaw il-bijofjuwil imsemmi li – direttament jew indirettament permezz tal-kumpaniji li jikkontrollawhom u/jew ikkontrollati minnhom – ma jwettqux attivitajiet relatati mal-esportazzjoni tal-bijodiżil u/jew l-inputs ewlenin tiegħu*" ([19]). Għalhekk, huma biss il-kumpaniji li ma jesportawx u li mhumiex integrati vertikalment li jistgħu jkunu involuti fil-mandat tal-bijodiżil, filwaqt li l-kumpaniji l-kbar li esportaw il-bijodiżil ma setgħux ifornu l-prodott tagħhom għat-taħlita obbligatorja. Il-produttur esportaturi inkluži fil-kampjun LDC Argentina S.A., Molinos Agro S.A. ("Molinos Agro") u Viterra Argentina S.A. ("Viterra Argentina") ma kinux involuti fil-mandat domestiku. Tabilħaqq, minbarra l-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-bijodiżil, huma kollha kienu attivi wkoll fit-tisħiq tal-fażola tas-sojja f'żejt tal-fażola tas-sojja, li huma biegħu wkoll lill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil involuti fil-mandat domestiku biex dawn jipproduċu l-bijodiżil tagħhom. Madankollu, ir-Renova Group inkluda wkoll – minbarra l-produtturi esportaturi Molinos u Viterra Argentina – kumpaniji li pproduċew il-bijodiżil għas-suq domestiku u/jew ipproduċew il-bijodiżil fl-ambitu tal-pedaġġ għall-produtturi esportaturi, li aktar tard esportawh. Dawn il-kumpaniji kienu involuti fil-mandat domestiku.

(41) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li, viċi versa, il-produtturi tal-bijodiżil involuti fil-mandat domestiku huma legalment imċaħħda milli jesportaw, u b'hekk il-GtA kien qed iwassal għal segregazzjoni tas-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni u tal-operaturi rispettivi.

(42) Barra minn hekk, "*Għall-finijiet tal-provvista deskritta hawn fuq,* [se jitqiesu biss] *il-kumpaniji li jikkonformaw mal-binjiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni li ġew awtorizzati mill-awtorità tal-infurzar fil-qafas tal-Liġi 26.093 għall-provvista tal-bijodiżil għat-taħlit obbligatorju fiż-żmien tas-sanzjoni ta' din il-Liġi* [...]" ([20]). Dan kien ifisser li huma biss il-kumpaniji li kienu fornituri attivi skont il-mandat preċedenti skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils li setgħu jsiru fornituri skont il-liġi l-ġdida.

(43) Inizjalment, fl-ambitu tal-mandat tal-bijodiżil skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils, ir-rata obbligatorja ta' taħlit ta' bijodiżil fil-fjuwil li tirriżulta mit-taħlit kienet ta' 10 %. Din ir-rata tnaqqset bil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils u r-rata obbligatorja ta' taħlit ġiet stabbilita għal 5 % ([21]). Skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, is-Segretarjat tal-Enerġija seta' saħansitra jnaqqas ir-rata ta' taħlit għal 3 % huwa qies li l-kundizzjonijiet ekonomiċi jiddettaw tnaqqis fil-prezzijiet tal-fjuwil, b'mod partikolari "*meta ż-żieda fil-prezzijiet tal-inputs bażiċi għall-produzzjoni tal-bijodiżil tista' tfixkel il-prezz tal-fjuwils fossili fil-pompa*" ([22]). Madankollu, f'Ġunju 2022, ir-Riżoluzzjoni 438/2022 żiedet ir-rata obbligatorja ta' taħlit għal 7,5 % ([23]).

(44) Madankollu, għal perjodu ta' 4 xhur minn nofs Ġunju 2022 sa nofs Ottubru 2022, eżatt fil-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-GtA, bid-Digriet 330/2022 u bir-Riżoluzzjoni 638/2022, żied temporanjament il-mandat tal-bijodiżil b'5 % għal 12,5 % minħabba nuqqas ta' diżil fis-suq ([24]). B'mod eċċezzjonali, il-kumpaniji li jfornu l-perċentwal addizzjonali kienu jinkludu mhux biss kumpaniji normalment involuti fil-mandat domestiku, iżda wkoll esportaturi tal-bijodiżil ([25]). Fil-fatt, Molinos Agros ipparteċipat fih. Il-GtA indika li l-prezz għal din il-provvista addizzjonali tal-bijodiżil kien bla ħlas, iżda d-Digriet 330/2022 indika li l-prezz ta' dan il-mandat addizzjonali temporanju ukoll kien regolat fil-forma ta' prezz massimu ([26]).

(45) Għalhekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ir-rata obbligatorja ta' taħlit kienet ta' 12,5 % għal nofs xahar u ta' 7,5 % għall-bqija tal-perjodu.

(46) Matul il-verifika fuq il-post, il-GtA spjega li fl-Arġentina hemm ukoll suq domestiku żgħir għall-bijodiżil li ma kienx suġġett għall-mandat ta' taħlit. F'dan is-suq, jistgħu jipparteċipaw ukoll esportaturi tal-bijodiżil u produtturi tal-bijodiżil integrati vertikalment. Dan is-suq b'mandat estern kien jikkorrispondi biss għal 1,5-2 % tas-suq domestiku kollu tal-bijodiżil.

([19]) L-Artikolu 11(1) tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.
([20]) L-Artikolu 11(3) tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.
([21]) L-Artikolu 8 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.
([22]) L-Artikolu 8 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.
([23]) *Ministerio de Economía - Secretaría de Energía, Resolución* 438/2022, RESOL-2022-438-APN-SE#MEC.
([24]) *Decreto* 330/2022, DECNU-2022-330-APN-PTE - *Régimen de Corte Obligatorio Transitorio Adicional de Biodiésel* and *Ministerio de Economía - Secretaría de Energía, Resolución* 638/2022, RESOL-2022-638-APN-SE#MEC.
([25]) L-Artikolu 2 tad-Digriet 330/2022.
([26]) L-Artikolu 4 tad-Digriet 330/2022.

(47) Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, speċifikament bejn Diċembru 2022 u Lulju 2023, nixfa severa affettwat lill-Arġentina, li kellha impatt negattiv fuq il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, kif ukoll għelejjel oħra. Dan jidher b'mod ċar fil-Graff 1 li turi tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, tal-qamħirrum u tal-qamħ matul dak il-perjodu (il-premessa (125)). Madankollu, il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli waqt in-nixfa u wara n-nixfa l-produzzjoni żdiedet, kif jidher fil-Graff 1. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset in-nixfa bħala fenomenu temporanju.

(48) B'konsegwenza ta' dan, filwaqt li b'mod ġenerali l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina tissodisfa d-domanda, fl-2023 il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun irrikorrew għall-importazzjoni ta' fażola tas-sojja minn pajjiżi ġirien li huma inqas affettwati min-nixfa: Il-Paragwaj, ir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Brażil, u l-Bolivja. Dan ġie kkonfermat ukoll minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ([27]).

(49) Din il-fażola tas-sojja ġiet importata skont ir-Reġim Temporanju ta' Importazzjoni, kif kien il-każ fl-investigazzjoni oriġinali. Skont ir-Reġim Temporanju tal-Importazzjoni, li huwa simili għas-sistema ta' Proċessar Attiv tal-UE, id-dazji tal-importazzjoni ma jiġux imposti sakemm l-input jiġi pproċessat u l-output li jirriżulta jiġi esportat mill-ġdid.

(50) Il-fażola tas-sojja importata skont ir-Reġim Temporanju tal-Importazzjoni ntużat biss għall-produzzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid tad-dqiq u ż-żejt tal-fażola tas-sojja, u mhux tal-bijodiżil. Tabilħaqq, ir-Reġim Temporanju tal-Importazzjoni jaħdem fuq il-bażi ta' proporzjon ta' konverżjoni bejn l-input importat u l-output esportat mill-ġdid, li jista' japplika għat-tisħiq tal-fażola tas-sojja fl-ismida tal-fażola tas-sojja u ż-żejt tal-fażola tas-sojja u r-riesportazzjoni ta' dawn il-prodotti, iżda mhux għall-produzzjoni u r-riesportazzjoni ulterjuri tal-bijodiżil, li huwa t-tieni pass ta' produzzjoni downstream fil-katina tal-valur.

(51) Il-fażola tas-sojja importata tista' tintuża għall-produzzjoni tal-bijodiżil biss meta fil-fatt tiġi importata, għall-kuntrarju tal-importazzjonijiet taħt ir-Reġim Temporanju tal-Importazzjoni. Dan ma seħħx għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, il-fażola tas-sojja (kif ukoll iż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil) importati mill-pajjiżi tal-Mercosur (bħall-Paragwaj, il-Brażil u l-Urugwaj) kienu soġġetti għal taxxa fuq xiri ta' munita barranija msejħa *impuesto PAIS (Para una Argentina Inclusiva y Solidaria)*, ikkalkulata bħala rata tal-valur tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF, cost, insurance and freight) tal-importazzjonijiet. Barra minn hekk, il-fażola tas-sojja (bħaż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil) importati minn pajjiżi mhux tal-Mercosur (bħall-Bolivja) kienu soġġetti għad-dazju fuq l-importazzjoni komuni tal-Mercosur u għal tariffa statistika, minbarra l-*impuesto PAIS*. Għalhekk, l-importazzjoni effettiva tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina hija għalja u għalhekk mhijiex ekonomikament attraenti. It-tieni, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun spjegaw li kien aktar diffiċli li tinkiseb ċertifikazzjoni ta' sostenibbiltà tal-fażola tas-sojja – meħtieġa għal ċerta destinazzjoni ta' esportazzjoni, b'mod partikolari l-UE – importata mill-Paragwaj u l-Brażil, meta mqabbla mal-fażola tas-sojja prodotta fl-Arġentina. Dan kien jikkonċerna, b'mod partikolari, il-konformità skont ir-regoli ta' deforestazzjoni, li ma jikkonċernawx pjanuri vasti Arġentini mingħajr siġar. Fl-aħħar nett, il-bijodiżil użat biex jissodisfa l-mandat ta' taħlit (li jikkostitwixxi l-akbar parti tas-suq domestiku, kif indikat fil-premessa (46)) kellu jiġi prodott f'impjanti Arġentini bl-użu ta' materja prima prodotta domestikament. Għalhekk, il-fażola tas-sojja importata setgħet tintuża biss fil-produzzjoni tal-bijodiżil għas-suq domestiku b'mandat estern żgħir li fadal jew għas-swieq tal-esportazzjoni, fil-każ ta' dan tal-aħħar bin-nuqqas ta' raġunament ekonomiku u l-kwistjonijiet ta' ċertifikazzjoni li għadhom kif ġew deskritti.

3.3. **Skemi soġġetti għall-investigazzjoni oriġinali u kkumpensati**

3.3.1. *Appoġġ tal-Gvern għall-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata*

(52) L-applikant fit-talba rrefera għas-sejbiet tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali li l-GtA kien inkariga jew ordna lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex iwettqu l-politika tiegħu biex jinħoloq suq domestiku kompartimentalizzat u biex tiġi pprovduta fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Barra minn hekk, fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-GtA ta benefiċċju li jikkonsisti fid-differenza bejn il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil u l-prezz li kienu jħallsu kieku l-kundizzjonijiet tas-suq kienu jipprevalu fl-Arġentina għall-fażola tas-sojja. Barra minn hekk, is-sett ta' miżuri tal-GtA nstab li kien speċifiku peress li l-miżuri kienu limitati għal grupp ta' intrapriżi jew industriji, inkluża l-industrija domestika tal-bijodiżil.

([27]) https://www.datamarnews.com/noticias/the-end-of-sojizacion-argentinas-new-path-as-soybean-importer/.

(53) L-applikant sostna li dawn il-miżuri kienu għadhom applikabbli u se jibqgħu disponibbli għall-industrija tal-bijodiżil Arġentina fis-snin li ġejjin. Dawn il-miżuri allegatament jippermettu lill-industrija tal-bijodiżil tal-Arġentina tixtri materja prima b'kostijiet aktar baxxi, biex tagħti spinta lill-produzzjoni u l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil.

3.3.1.1. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku

(54) Fl-20 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni infurmat lill-GtA li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-firxa tal-allegat appoġġ mogħti lill-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata għar-raġunijiet deskritti hawn taħt.

(55) L-ewwel nett, fil-kwestjonarju, il-Kummissjoni talbet lill-GtA jipprovdi d-dettalji ta' kuntatt (ismijiet, indirizzi u posta elettronika) tal-kumpaniji kollha li jfornu l-fażola tas-sojja u ż-żejt tal-fażola tas-sojja għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(56) Fit-tweġiba tiegħu, il-GtA pprovda biss l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi tal-katina tal-valur involuti fid-distribuzzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja iżda mhux tal-forniturituri tal-fażola tas-sojja. Il-GtA spjega li pprovda biss l-informazzjoni li għaliha qies li d-dispożizzjoni tagħha ma tiksirx ir-restrizzjonijiet legali stabbiliti biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-kumpaniji skont il-Liġi Nru 17622 (b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 13 tagħha) u r-regoli komplementari.

(57) Fl-ittra ta' defiċjenza tagħha, il-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha fir-rigward tad-dettalji ta' kuntatt tal-produtturi tal-fażola tas-sojja, peress li l-GtA kien ipprovda l-għadd totali ta' produtturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, miksub mis-Sistema ta' Informazzjoni Agrikola Simplifikata tal-Amministrazzjoni Federali tad-Dħul Pubbliku, u għalhekk għandu jkun fil-pussess ta' tali informazzjoni.

(58) Bi tweġiba, il-GtA ddikjara li l-informazzjoni tal-kumpaniji kkonċernati ma setgħetx tiġi pprovduta minħabba li kienet koperta mhux biss mil-Liġi Nru 17622, iżda wkoll protetta mill-Artikolu 101 tal-Liġi Nru 11683 dwar is-segretezza fiskali, u għalhekk ma setgħetx tiġi sottomessa fil-qafas tal-investigazzjoni.

(59) It-tieni, fil-kwestjonarju, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GtA jindika l-akbar 10 produtturi ta' (i) fażola tas-sojja, u (ii) żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina u jipprovdi, għalihom kollha: (a) l-ismijiet, (b) il-postijiet, u (c) is-sitwazzjoni azzjonarja tal-intrapriża (eż. proprjetà tal-Istat, proprjetà kollettiva, proprjetà privata, proprjetà barranija). Barra minn hekk, għal kull wieħed mill-akbar 10 produtturi u distributuri ta' (i) fażola tas-sojja, u (ii) żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, il-Kummissjoni talbet lill-GtA biex jagħti dettalji tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-maniġment, u biex jidentifika dawk il-membri li huma wkoll uffiċjali tal-gvern jew li jokkupaw pożizzjoni fi kwalunkwe awtorità tal-gvern jew korp pubbliku.

(60) Fit-tweġiba tiegħu, il-GtA ddikjara li l-informazzjoni mitluba kienet koperta mil-Liġi Nru 17622 u regolamenti komplementari u mhux suxxettibbli li tkun ipprovduta.

(61) Fl-ittra ta' defiċjenza tagħha, il-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha msemmija hawn fuq, filwaqt li nnotat it-tweġiba tal-GtA għall-kwestjonarju u indikat il-fehim inizjali tagħha tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 17622, kif ukoll ikkwotat għadd ta' każijiet oħra fejn deher li l-forniturituri tal-fażola tas-sojja kienu pprovdew data rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali u provinċjali, li jista' jkun li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 17622. Barra minn hekk, il-Kummissjoni staqsiet jekk is-sitwazzjoni azzjonarja ta' kumpanija, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Bord tad-Diretturi tagħha, kinux ġeneralment ipprovduti lir-reġistru tal-kumpaniji.

(62) Fit-tweġiba tiegħu, il-GtA ċċara li l-informazzjoni tas-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd hija protetta skont il-Liġi Nru 17622, u għalhekk ma setgħetx tiġi sottomessa fil-qafas tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-GtA spjega li kull provinċja u territorju awtonomu fl-Arġentina jistabbilixxi u jopera r-reġistru tal-kumpaniji tiegħu stess u rrikonoxxa li l-istruttura azzjonarja ta' kumpanija u l-Bord tad-Diretturi tagħha jiġu kkomunikati lir-reġistru tal-Belt Awtonoma ta' Buenos Aires, pereżempju. Madankollu, l-informazzjoni disponibbli dwar l-istruttura azzjonarja ta' kumpanija kienet tiddependi fuq l-organizzazzjoni legali tal-entità, u l-isem u l-kunjom tal-membri tal-Bord tad-Diretturi setgħu jiġu kkonsultati, iżda mhux kollha kienu miftuħa għall-aċċess pubbliku, u għalhekk ma setgħux jiġu ppreżentati fil-qafas tal-investigazzjoni.

(63) It-tielet, fil-kwestjonarju, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GtA biex jibgħat l-Appendiċi A (kwestjonarju għall-fornituri tal-input) lil (i) l-akbar 10 produtturi u distributuri tal-materjali ta' input inkwistjoni, kif ukoll (ii) lil kwalunkwe produttur u distributur ieħor tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja li pprovdew inputs liż-żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni infurmat lill-GtA li hija kienet talbet lil kull kumpanija li kkooperat biex tħejji lista tal-fornituri kollha tagħhom tal-materjali ta' input inkwistjoni u indikat lill-GtA biex jikkoordina mal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Il-Kummissjoni talbet ukoll evidenza (kopja tal-posta elettronika, ittra jew fax) li turi li l-GtA kien bagħat l-Appendiċi A lill-produtturi u lid-distributuri rilevanti kif ukoll, jekk possibbli, prova li l-produtturi u d-distributuri rċevew l-Appendiċi A (pereż. konferma tar-riċevuta).

(64) Fit-tweġiba tiegħu, il-GtA ma pprovdiex l-informazzjoni mitluba u ma speċifikax jekk tali informazzjoni kinitx diġà fil-pussess tiegħu jew jekk bagħatx l-Appendiċi A lill-produtturi u lid-distributuri rilevanti tal-input. Huwa sempliċement iddikjara li l-informazzjoni mitluba kienet koperta mil-Liġi 17622 u mir-regolament komplementari u għalhekk ma kinitx suxxettibbli li tiġi pprovduta.

(65) Fl-ittra ta' defiċjenza tagħha, il-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha, u ċċarat li l-Kummissjoni ma kinitx qed tfittex informazzjoni mill-GtA, iżda sempliċiment l-assistenza tal-GtA biex tikseb l-informazzjoni mill-fornituri tal-fażola tas-sojja.

(66) Fit-tweġiba tiegħu, il-GtA ċċara li huwa fehem kompletament it-talba magħmula mill-Kummissjoni, iżda tenna li ma kellux bażi legali skont liema l-informazzjoni mfittxija setgħet tiġi pprovduta, peress li d-data tal-kumpaniji inkwistjoni kienet protetta mill-Artikolu 101 tal-Liġi 11.683 dwar is-segretezza tat-taxxa, u għalhekk ma setgħetx tiġi sottomessa fil-qafas tal-investigazzjoni antisussidji li għaddejja. Għal darb'oħra, fit-tweġiba tiegħu, il-GtA ma speċifikax jekk bagħatx l-Appendiċi A lill-produtturi u lid-distributuri rilevanti tal-input, u lanqas ma pprovda evidenza ta' tali azzjoni.

(67) Matul il-verifika fuq il-post, il-Kummissjoni reġgħet qajmet dawn il-kwistjonijiet mal-GtA.

(68) Bi tweġiba, minbarra li reġa' ddikjara l-obbligi ta' kunfidenzjalità li kienu marbuta magħhom l-awtoritajiet Arġentini, il-GtA ddikjara wkoll li kien impossibbli għall-GtA li jipprovdi lista tal-produtturi rreġistrati tal-fażola tas-sojja, l-ewwel nett, minħabba li l-għadd ta' produtturi tal-fażola tas-sojja nbidel minn istaġun taż-żrigħ għal ieħor, u t-tieni, minħabba li kien hemm madwar 60 000 produttur tal-fażola tas-sojja kull sena taż-żrigħ. Il-GtA spjega wkoll li s-sitwazzjoni għall-impriżi li jħalltu l-bijodiżil hija differenti, u għalhekk kien kapaċi jipprovdi l-ismijiet u d-dettalji tal-impriżi li jħalltu l-bijodiżil fit-tweġiba għall-kwestjonarju. Dan għaliex, b'kuntrast mal-produtturi tal-fażola tas-sojja, l-impriżi li jħalltu jridu jirreġistraw ruħhom f'reġistru disponibbli għall-pubbliku sabiex iwettqu l-attività kummerċjali tagħhom. Madankollu, fil-premessa (80) hawn taħt, il-Kummissjoni sabet li l-informazzjoni mitluba setgħat tħejjiet mill-GtA billi aċċessa l-bażijiet tad-data tal-awtoritajiet tat-taxxa Arġentini.

(69) Bħala konklużjoni, fir-rigward tal-allegat forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, il-GtA rrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni u ma pprovdiex l-evidenza meħtieġa kif mitlub mill-Kummissjoni fil-kwestjonarju tagħha, fl-ittra ta' defiċjenza u matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post.

(70) In-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti ma ppermettiex lill-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għas-sejbiet tagħha f'din l-investigazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni ma setgħetx tikseb informazzjoni u data dwar il-produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-impatt ta' taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, iż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil (ara l-premessa (101) u (123)) fuq il-produzzjoni u l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi taż-żejt tal-fażola tas-sojja u tal-fażola tas-sojja, kif ukoll fuq il-provvista lill-produtturi tal-bijodiżil.

(71) Din l-informazzjoni kienet tinkludi l-identità tal-produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja, il-grad ta' sjieda u kontroll tal-Istat fuq l-akbar fosthom, l-imġiba u d-deċiżjonijiet tal-produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja ffaċċjati bit-taxxi fuq l-esportazzjoni u l-bidliet tagħhom, l-istrateġiji ta' produzzjoni tagħhom u l-possibbiltà li jaqilbu għal għelejjel alternattivi, id-disponibbiltà u l-aċċess għal raba' li jinħadem, il-karatteristiċi u d-dinamika tas-suq fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn kumpaniji kbar u SMEs, il-kanali u l-istrateġiji tal-bejgħ u tal-kummerċjalizzazzjoni għas-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni tagħhom, il-prezzijiet u l-politiki tal-ipprezzar fis-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni tagħhom, l-impatt tal-prezz internazzjonali fuq il-politiki tal-ipprezzar tagħhom, is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni domestikament u fis-swieq tal-esportazzjoni, il-profittabbiltà tagħhom matul is-snin, l-impatt ta' strateġiji possibbli ta' kapaċità żejda u kumulazzjoni ta' riżerva, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-klijenti ewlenin tagħhom domestikament u fis-swieq tal-esportazzjoni inkluż ir-rwol tal-industrija tat-tisħiq u l-valur miżjud miksub mill-industrija tat-tisħiq kif ukoll is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni tal-industrija tat-tisħiq fl-Arġentina u fis-swieq internazzjonali.

(72) Dawn l-informazzjoni, id-data u d-dokumenti kollha kienu meħtieġa minħabba li n-nuqqas tagħhom ikkawża diffikultajiet serji biex wieħed jasal għal konklużjoni preċiża u sostanzjata għas-sejbiet tal-kontinwazzjoni ta' sussidjar fir-rigward tal-allegata skema ta' sussidju li kkonsistiet fil-provvista ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. B'konsegwenza ta' dan, in-nuqqas ta' din l-informazzjoni kollha meħtieġa fixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti.

(73) Dan ta' hawn fuq wassal lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li l-GtA:

— Irrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa mitluba (i) dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri tal-fażola tas-sojja, (ii) dwar l-isem, il-post, is-sitwazzjoni azzjonarja, u d-dettalji tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-maniġment – inkluża r-relazzjoni tagħhom mal-GtA – tal-akbar 10 produtturi tal-fażola tas-sojja u ta-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, u (iii) fl-Appendiċi A tal-fornituri rilevanti tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja, inkluża evidenza li turi li l-GtA kien bagħat l-Appendiċi A lill-produtturi u lid-distributuri rilevanti;

— Ma pprovdiex l-informazzjoni meħtieġa dwar (i) id-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri tal-fażola tas-sojja, u (ii) l-isem, il-post, is-sitwazzjoni azzjonarja, u d-dettalji tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-maniġment – inkluża r-relazzjoni tagħhom mal-GtA – tal-akbar 10 produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, fit-tweġibiet tiegħu sal-iskadenza; u

— Impedixxa b'mod sinifikanti l-investigazzjoni billi ma pprovdiex l-informazzjoni meħtieġa mitluba dwar (i) id-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri tal-fażola tas-sojja, u (ii) l-isem, il-post, is-sitwazzjoni azzjonarja, u d-dettalji tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-maniġment – inkluża r-relazzjoni tagħhom mal-GtA – tal-akbar 10 produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, fit-tweġibiet tiegħu sal-iskadenza.

(74) Fuq din il-bażi, fl-20 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni infurmat lill-GtA bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku u talbet lill-GtA jipprovdi kummenti.

(75) Fis-27 ta' Jannar 2025, il-GtA pprovda l-kummenti tiegħu dwar l-applikazzjoni maħsuba tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) ipprovdiet ukoll il-kummenti tagħha f'dan ir-rigward.

(76) Essenzjalment, il-GtA rrikonoxxa li xi informazzjoni pprovduta ma kinitx kompluta jew ma kellhiex il-livell jew id-dettall mitlub, b'mod partikolari fir-rigward tal-produtturi tal-fażola tas-sojja, iżda ma qabilx mal-ispeċifikazzjoni li dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni kien rifjut li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa u impediment sinifikanti għall-investigazzjoni. Fl-opinjoni tal-GtA, in-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni meħtieġa ddeskriva aħjar iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(77) B'mod partikolari, l-ewwel nett, il-GtA u l-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) fakkru li r-rieżami ta' skadenza attwali kien jikkonċerna l-bijodiżil, li għalih iż-żejt tal-fażola tas-sojja – u mhux il-fażola tas-sojja – huwa input. Il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja għalhekk tkun marbuta biss indirettament mal-produzzjoni tal-bijodiżil u ma tikkostitwixxix informazzjoni meħtieġa. Madankollu, il-Kummissjoni estendiet b'mod żbaljat l-analiżi tagħha għall-katina tal-valur upstream kollha.

(78) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li hija talbet l-informazzjoni meħtieġa biex tanalizza l-allegazzjoni ta' sussidjar ifformulata mill-applikant fit-talba, li kienet tikkonċerna b'mod partikolari l-forniment ta' fażola tas-sojja – il-materja prima ewlenija tal-bijodiżil – għal remunerazzjoni inqas minn adegwata għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(79) It-tieni, il-GtA ċċara li ma ġabarx jew ma żammx lista ta' produtturi tal-fażola tas-sojja kif mitlub mill-Kummissjoni u għalhekk ma setax jipprovdi tali informazzjoni.

(80) Il-Kummissjoni ma qablitx li l-GtA ma setax jipprovdi tali informazzjoni, li kienet meħtieġa għall-investigazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnotat li l-GtA, fil-kummenti tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, spjega li t-tħejjija tal-informazzjoni mitluba kienet teħtieġ aċċess għall-bażijiet tad-data tal-awtoritajiet tat-taxxa Arġentini, u b'hekk ikkonfermat li l-informazzjoni mitluba setgħet titħejja mill-GtA. Għalhekk, il-Kummissjoni neħħiet l-ispeċifikazzjoni ta' rifjut ta' aċċess għall-informazzjoni meħtieġa u impediment sinifikanti għall-investigazzjoni fir-rigward tad-dettalji ta' kuntatt tal-forniturі tal-fażola tas-sojja, u kkonkludiet li l-GtA naqas milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mitluba. Madankollu, irrispettivament mill-ispeċifikazzjoni, in-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-GtA baqgħet, fil-forma ta' nuqqas li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa, u l-Kummissjoni xorta ma laħqitx l-informazzjoni meħtieġa mitluba u applikat l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku.

(81) It-tielet, il-GtA spjega li huwa pprovda l-informazzjoni kollha disponibbli għalih iżda kien legalment imxekkel milli jipprovdi tipi oħra ta' informazzjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-isem, il-post, is-sitwazzjoni azzjonarja, u d-dettalji tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-maniġment – inkluża r-relazzjoni tagħhom mal-GtA – tal-akbar 10 produtturi taż-żejt tas-sojja u tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina.

(82) Il-Kummissjoni nnotat li l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM, Subsidies and Countervailing Measures") fih regoli u obbligi dettaljati għall-awtorità investigattiva biex tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali. Il-Kummissjoni qieset li, jekk tali informazzjoni ma tiġix ipprovduta, l-awtorità investigattiva titħalla tirrikorri għall-fatti disponibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha żżomm l-ispeċifikazzjoni ta' rifjut li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa u impediment sinifikanti għall-investigazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-akbar 10 produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, u ċaħdet din l-affermazzjoni.

(83) Fl-aħħar nett, il-GtA ipponta lejn il-lista ta' informazzjoni li l-Kummissjoni ma setgħetx tikseb fil-premessa (71) hawn fuq, filwaqt li sostna, l-ewwel nett, li l-lista tal-produtturi tal-fażola tas-sojja ma kinitx se tipprovdi l-informazzjoni nieqsa, it-tieni, li l-GtA wieġeb għal bosta minn dik l-informazzjoni matul il-verifika, u, it-tielet, li kien hemm sorsi affidabbli oħra mhux marbuta mal-istess rekwiżiti legali tal-GtA, b'mod partikolari l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għal informazzjoni dwar il-profittabbiltà u l-valur miżjud tat-tiswiq. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, anki l-Assoċjazzjoni Arġentina tal-Katina tal-Valur tal-Fażola tas-Sojja (*Asociación de la Cadena de la Soja Argentina* – "ACSOJA") ipprovdiet informazzjoni dwar il-kapaċità li jinbidlu l-għelejjel u dwar id-deċiżjonijiet relatati mas-suq.

(84) Il-Kummissjoni nnotat li l-informazzjoni elenkata fil-premessa (71) hawn fuq ma kinitx biss minħabba n-nuqqas ta' forniment tal-lista tal-produtturi tal-fażola tas-sojja, iżda minħabba n-nuqqas ta' għoti tal-informazzjoni kollha mitluba, elenkata fil-premessa (73) hawn fuq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma warrbitx l-informazzjoni l-oħra pprovduta mill-GtA, iżda setgħet waslet informazzjoni aktar preċiża direttament mill-produtturi tal-fażola tas-sojja, li kieku l-GtA kien bagħtilhom l-Appendiċi A. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kellhiex problema bl-informazzjoni pprovduta mill-GtA u mill-ACSOJA matul il-verifika, li mhumiex biżżejjed biex jissostitwixxu l-informazzjoni mhux ipprovduta u ma għandhomx effett fl-ispeċifikazzjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(85) Bħala konklużjoni, fin-nuqqas tal-informazzjoni meħtieġa, il-Kummissjoni qagħdet parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha rigward l-aspetti tal-investigazzjoni elenkati fil-premessi (70) u (71) f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(86) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA tenna li ma kellux lista ta' produtturi tal-fażola tas-sojja.

(87) Kif indikat fil-premessa (80), il-Kummissjoni ma sostnietx li l-GtA kien fil-pussess ta' tali lista, iżda nnotat li l-GtA kien ikkonferma li l-informazzjoni mitluba fil-lista setgħet tħejjiet u ġiet sottomessa.

(88) Barra minn hekk, il-GtA sostna li t-tħejjija ta' tali lista, kif ukoll it-trażmissjoni tal-kwestjonarju lill-akbar 10 forniturі tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja, kienu jirrikjedu mhux biss aċċess għad-data iżda wkoll li jinqabżu d-dispożizzjonijiet legali li jipprevjenu lill-GtA milli jikkondividi tali informazzjoni ma' parti terza. F'dan ir-rigward, il-GtA sostna li l-Kummissjoni invokat b'mod żbaljat ir-regoli tal-Ftehim SCM bl-argument li l-obbligu għall-uffiċjali tal-gvern fir-rigward tal-aċċess u l-kondiviżjoni ta' ċertu tip ta' informazzjoni huwa indipendenti minn kwalunkwe proċedura biex tiġi ttrattata informazzjoni kunfidenzjali magħmula disponibbli fil-Ftehim SCM u mhux relatat magħha.

(89) Barra minn hekk, il-GtA sostna li l-Kummissjoni kienet konxja minn dawn il-limitazzjonijiet mill-investigazzjoni oriġinali u kellha tindika l-produtturi speċifiċi tal-fażola tas-sojja li qieset li kien kruċjali li jipparteċipaw fl-investigazzjoni kurrenti. Għalhekk, għal dawk il-produtturi l-limitazzjonijiet fuq il-GtA ma japplikawx, u l-kwestjonarji jistgħu jiġu diretti lilhom.

(90) Il-Kummissjoni qieset li l-ambitu tal-Ftehim SCM ikopri sitwazzjoni fejn l-uffiċjali tal-gvern huma marbuta b'obbligi nazzjonali ta' kunfidenzjalità, kif diġà spjegat fil-premessa (82). Inkella, il-Membru investigat dejjem ikun jista' jinvoka obbligi nazzjonali ta' kunfidenzjalità sabiex ma jikkooperax fil-kuntest ta' investigazzjoni antisussidji. Il-Kummissjoni hija marbuta li tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali pprovduta. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 29(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ma tistax tuża l-informazzjoni miġbura għall-ebda skop ieħor, peress li l-informazzjoni riċevuta matul investigazzjoni antisussidji għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma setgħetx tkun konxja minn qabel tal-limitazzjoni tal-GtA li jipprovdi tali informazzjoni abbażi ta' investigazzjoni preċedenti, peress li ċ-ċirkostanzi setgħu nbidlu. Peress li l-GtA qatt ma ppreżenta lista ta' produtturi tal-fażola tas-sojja la fl-investigazzjoni oriġinali u lanqas f'dan ir-rieżami, u l-Kummissjoni ma setgħetx tkun konxja ta' jew ma setgħetx tidentifika xi wieħed minn dawk il-produtturi. Aktar importanti minn hekk, il-GtA ppropona dan bħala soluzzjoni possibbli biss wara d-divulgazzjoni finali, jiġifieri fi stadju tard ħafna tal-investigazzjoni meta ma kienx possibbli li tiġi implimentata aktar, u ma spjegax għaliex il-limitazzjonijiet tal-kunfidenzjalità ma japplikawx. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(91) Il-GtA pprovda wkoll serje ta' dikjarazzjonijiet biex jindirizza n-nuqqas ta' kull tip ta' informazzjoni elenkata fil-premessa (71) hawn fuq, filwaqt li spjega l-fehma tal-GtA dwar kull waħda minn dawn jew irrefera għat-tweġibiet li l-GtA kien ipprovda fil-kuntest ta' dan ir-rieżami ta' skadenza.

(92) Il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessa (84) li ma kellhiex kwistjoni bl-informazzjoni pprovduta mill-GtA, iżda pjuttost bl-informazzjoni li ma kinitx ġiet ipprovduta mill-GtA jew permezz tiegħu, b'mod partikolari minħabba li l-GtA qatt ma bagħat l-Appendiċi A lill-fornituri rilevanti. Fl-Appendiċi A, il-Kummissjoni ma fittxitx il-fehma tal-GtA dwar l-informazzjoni mitluba mill-fornituri taż-żejt tal-fażola tas-sojja u tal-fażola tas-sojja. Il-Kummissjoni diġà investigat u kienet konxja tal-opinjoni tal-GtA bis-saħħa tat-tweġiba għall-kwestjonarju tal-GtA, għalkemm mhux kompluta. Minflok, il-Kummissjoni fittxet l-opinjoni tal-fornituri u l-informazzjoni mingħandhom, filwaqt li qieset li l-iskema investigata kienet tikkonsisti fil-provvista ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.2. Analiżi

(93) Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi: (a) kontribuzzjoni finanzjarja jew appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet; (b) benefiċċju; u (c) speċifiċità.

(94) Biex tasal għal konklużjoni dwar l-ewwel element, il-Kummissjoni analizzat jekk is-sett ta' miżuri adottat mill-GtA jwassalx għal kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma tal-provvediment ta' fażola tas-sojja mill-gvern għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-produtturi esportaturi tal-bijodiżil Arġentin, skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku, u/jew jekk is-sett ta' miżuri adottat mill-GtA jaqax fil-kategorija ta' appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet tal-industrija tal-bijodiżil, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

3.3.1.3. Kontribuzzjoni finanzjarja

(95) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni osservat li l-kumpaniji kollha fil-kampjun xtraw il-fażola tas-sojja domestikament minn kumpaniji relatati jew mhux relatati biex jipproċessawha fiż-żejt tal-fażola tas-sojja u mbagħad fil-bijodiżil. Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma xtrawx żejt tal-fażola tas-sojja biex ikomplu jipproċessaw f'bijodiżil (bl-eċċezzjoni ta' xiri negliġibbli minn wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, li jikkorrispondi għal 0,004 % tal-volum tax-xiri tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami), peress li huma stess kienu jisħqu l-fażola tas-sojja fiż-żejt tal-fażola tas-sojja bħala pass intermedju għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Għaldaqstant, l-analiżi fit-taqsimiet sekondarji li ġejjin tiffoka fuq jekk il-GtA kienx jipprovdi fażola tas-sojja (minflok żejt tal-fażola tas-sojja) għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(96) It-tieni inċiż tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku jgħid li kontribuzzjoni finanzjarja teżisti jekk gvern: "jinkariga jew jidderieġi korp privat biex iwettaq waħda jew iktar mit-tip ta' funzjonijiet deskritti fil-punti (i), (ii) u (iii) li normalment ikunu responsabbiltà tal-gvern, u l-prattika, fl-ebda sens, ma tkun differenti mill-prattiċi normali segwiti minn gvernijiet". It-tip ta' funzjonijiet deskritti mill-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku jseħħu fejn "il-gvern jipprovdi prodotti jew servizzi apparti mill-infrastruttura ġenerali, jew jixtri prodotti...". Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-paragrafi (iii) u (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens u jenħtieġ li jiġu interpretati u applikati fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

(97) F'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO, ([28]) il-Kummissjoni rrieżaminat jekk is-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali dwar (i) in-natura tal-intervent tal-GtA (jiġifieri jekk l-intervent tal-GtA jinvolvix l-inkarigar jew l-ordni lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja), (ii) in-natura tal-korpi inkarigati (jiġifieri jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja humiex korpi privati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku), u (iii) l-azzjoni tal-korpi li ġew inkarigati jew ordnati (jiġifieri jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja inkarigati jew diretti pprovdewx fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil Arġentina għal remunerazzjoni inqas minn adegwata u għalhekk jaġixxux f'isem il-GtA), baqgħux validi fir-rieżami attwali. Il-Kummissjoni vvalutat l-evidenza kollha li tinsab fit-talba għal rieżami ta' skadenza u l-annessi korrispondenti dwar il-kontinwazzjoni tal-miżura, kif ukoll l-evidenza li nstabet matul l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat ukoll jekk il-funzjoni mwettqa mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja normalment tkunx f'idejn il-gvern (jiġifieri jekk il-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-kumpaniji li jipproduċu ż-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina jistax jitqies bħala attività tipika tal-gvern) u jekk tali funzjoni, f'sens reali, hijiex differenti mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet (jiġifieri jekk il-forniment attwali ta' fażola tas-sojja minn kultivaturi, f'sens reali, huwiex differenti minn dak li l-gvern tipikament kien jagħmel huwa stess).

3.3.1.3.1. L-inkarigar jew l-ordni lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja mill-Gvern tal-Arġentina

(98) Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat jekk l-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil Arġentina huwiex effettivament objettiv ta' politika tal-gvern u mhux biss "effett kollaterali" tal-eżerċitar ta' setgħat regolatorji ġenerali. Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, l-investigazzjoni attwali eżaminat b'mod partikolari jekk xi distorsjonijiet fil-prezzijiet li nstabu kinux parti mill-objettivi tal-gvern, jew jekk tali distorsjonijiet kinux pjuttost prodott sekondarju "involontarju" ta' regolamentazzjoni ġenerali tal-gvern. F'konformità mal-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (85), il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża parzjalment il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina jekk kienx hemm inkarigar jew ordnar lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja mill-GtA.

(99) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li għadd ta' dokumenti wrew li l-GtA fittex li jilħaq b'mod espliċitu l-appoġġ u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil bħala objettiv ta' politika, b'mod partikolari billi fittex li jnaqqas il-prezz domestiku tal-materjali ta' input (il-fażola tas-sojja) u b'hekk ipprovda kontribuzzjoni finanzjarja għall-produzzjoni tal-bijodiżil ([29]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan l-appoġġ inkiseb permezz ta' diversi miżuri li, għalkemm immodifikati f'diversi okkażjonijiet mill-introduzzjoni tagħhom fl-1994, kienu ġew applikati b'mod kostanti sabiex, kif iddikjarat mill-GtA nnifsu fil-leġiżlazzjoni, jitnaqqas il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet dinjija u għall-benefiċċju tal-iżvilupp tal-katina tal-valur miżjud fl-Arġentina, li fost l-oħrajn, tinkludi l-industrija tal-bijodiżil ([30]).

(100) Anki matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-appoġġ tal-industrija tal-bijodiżil inkiseb permezz ta' diversi miżuri attribwibbli għall-GtA (inkluża taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja; kontromiżuri fuq il-produzzjoni ta' ħbub oħra bħal bl-impożizzjoni ta' kwoti ta' esportazzjoni; miżuri oħra b'appoġġ għal dawk li jkabbru l-fażola tas-sojja, jiġifieri rekwiżit ta' kontenut lokali għall-bijodiżil fornut fi ħdan il-mandat domestiku; u sussidji lill-produtturi tal-fażola tas-sojja biex ikomplu jipproduċu u jbigħu domestikament lill-produtturi tal-bijodiżil).

([28]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (77)-(82).
([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (85).
([30]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (86).

Taxxa fuq l-esportazzjoni

(101) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni spjegat l-evoluzzjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja mill-introduzzjoni tagħha fl-1994 bir-rata ta' 3,5 % sar-rata ta' 30 % skont id-Digriet 133/2015 ([31]). F'dak ir-rigward, il-GtA spjega fil-kummenti tiegħu dwar il-bidu tal-investigazzjoni attwali li bosta mir-riżoluzzjoni deskritta fiha ma kinux għadhom applikabbli. Dan kien il-każ għar-Riżoluzzjoni 10/2007, ir-Riżoluzzjoni 369/2007, ir-Riżoluzzjoni 64/2008 u r-Riżoluzzjoni 125/2008.

(102) Mill-investigazzjoni oriġinali, id-Digriet 230/2020 ([32]), li kien il-bażi legali fis-seħħ u applikabbli minn Marzu 2020, żied ir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni kemm tal-fażola tas-sojja kif ukoll taż-żejt tal-fażola tas-sojja minn 30 % għal 33 %.

(103) Wara dan, id-Digriet 790/2020 ([33]), fis-seħħ minn Ottubru 2020, ippreveda bidla gradwali fir-rati tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fix-xhur ta' wara, li wasslet, minn Jannar 2021, għal rata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni differenzjata għall-fażola tas-sojja u għaż-żejt tal-fażola tas-sojja. Fil-fatt, minn Jannar 2021, iż-żejt tal-fażola tas-sojja kien soġġett għal rata mnaqqsa ta' 31 %, filwaqt li l-fażola tas-sojja baqgħet soġġetta għar-rata ta' 33 %.

(104) Madankollu, id-Digriet 131/2022 ([34]), fis-seħħ minn Marzu 2022, issospenda temporanjament it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-esportazzjoni taż-żejt tas-sojja stipulat mid-Digriet 790/2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. B'konsegwenza ta' dan, huwa reġa' daħħal it-taxxa fuq l-esportazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja definita fid-Digriet 230/2020, li kienet ogħla (33 %). It-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja baqgħet 33 % matul dan il-perjodu.

(105) Mill-1 ta' Jannar 2023, id-Digriet 790/2020 ġie mdaħħal mill-ġdid awtomatikament, billi nġabret mill-ġdid it-taxxa fuq l-esportazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja ta' 31 % u tal-fażola tas-sojja ta' 33 %.

(106) Għalhekk, fl-ewwel trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġiet imposta taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 33 % kemm fuq il-fażola tas-sojja kif ukoll fuq iż-żejt tal-fażola tas-sojja, filwaqt li fl-aħħar tliet xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami t-taxxa fuq l-esportazzjoni kienet tammonta għal 33 % għall-fażola tas-sojja u ta' 31 % għaż-żejt tal-fażola tas-sojja.

(107) Il-bijodiżil innifsu huwa soġġett għal taxxa fuq l-esportazzjoni. Skont id-Digriet 230/2020, it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil żdiedet minn 27 % għal 30 % minn Marzu 2020. Imbagħad, skont id-Digriet 790/2020, fis-seħħ minn Ottubru 2020, it-taxxa fuq l-esportazzjoni tnaqqset għal 26 % għax-xahar ta' Ottubru 2020 iżda żiedet gradwalment fix-xhur ta' wara, u dan irriżulta, minn Jannar 2021, f'rata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 29 %. Id-Digriet 131/2022 reġa' daħħal temporanjament it-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 30 % skont id-Digriet 230/2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. Fl-aħħar nett, mill-1 ta' Jannar 2023, it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil reġgħet ġiet stabbilita għal 29 %.

(108) Għalhekk, ir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli għall-bijodiżil kienet ta' 30 % fl-ewwel trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ta' 29 % fl-aħħar tliet trimestri tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(109) Il-GtA spjega matul il-verifika fuq il-post li d-differenza mnaqqsa fir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bejn it-tliet prodotti (33 % għall-fażola tas-sojja, 31 % għaż-żejt tal-fażola tas-sojja, 29 % għall-bijodiżil) kienet tikkorrispondi għaż-żieda tal-valur miżjud bejn l-istadji tal-produzzjoni.

(110) Madankollu, il-mod kif jiġu kkalkulati ż-żewġ taxxi fuq l-esportazzjoni, tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja fuq naħa waħda, u tal-bijodiżil fuq in-naħa l-oħra, huwa differenti, u dan ma jikkonfermax id-dikjarazzjoni tal-GtA f'dan ir-rigward.

(111) Tabilħaqq, il-GtA matul il-verifika fuq il-post spjega li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja tapplika bħala perċentwal tal-prezz frank abbord (FOB, free on-board price) uffiċjali tal-prodott inkwistjoni, ippubblikat kuljum mis-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd skont ir-Riżoluzzjoni tal-Ministeru tal-Agroindustrija 411E/2017 u bbażata fuq il-medja tal-prezzijiet iddikjarati mill-esportaturi matul il-jum ([35]). Il-prezz frank abbord (FOB) uffiċjali huwa ppubblikat kemm għall-fażola tas-sojja kif ukoll għaż-żejt tal-fażola tas-sojja, filwaqt li dan mhuwiex il-każ għall-bijodiżil.

([31]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (89)-(100).
([32]) *Decreto* 230/2020, DCTO-2020-230-APN-PTE - *Fíjase alícuota del Derecho de Exportación*.
([33]) *Decreto* 790/2020, DCTO-2020-790-APN-PTE - *Derecho de Exportación*.
([34]) *Decreto* 131/2022, DCTO-2022-131-APN-PTE - *Suspensión Decreto* N° 790/2020.
([35]) Il-prezzijiet franki abbord (FOB) uffiċjali huma disponibbli, anke għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, fil-link li ġejja: https://dinem.magyp.gob.ar/dinem_fob.wp_fob_consall.aspx.

(112) Fil-fatt, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun spjegaw matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post li l-prezz frank abbord (FOB) f'USD iddikjarat mal-esportazzjoni tal-bijodiżil quddiem l-awtoritajiet doganali diġà jinkludi t-taxxa fuq l-esportazzjoni, iddikjarata wkoll f'USD, li jfisser li t-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 29 % fuq il-bijodiżil hija effettivament ikkalkulata fuq prezz aktar baxx mill-prezz frank abbord (FOB) totali ddikjarat lid-dwana. B'riżultat ta' dan, ir-rata effettiva (*tasa efectiva*) imposta fuq il-bijodiżil hija biss 22,48 % tal-prezz frank abbord (FOB) f'USD.

(113) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li d-differenza effettiva bejn it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil u t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq l-ewwel prodott upstream fil-katina tal-valur, jiġifieri ż-żejt tal-fażola tas-sojja, hija ogħla mit-2 % murija miż-żewġ rati tat-taxxa (29 % u 31 % rispettivament) u fir-realtà tammonta għal 8,52 % (jiġifieri, il-paragun bejn ir-rata effettiva ta' 22,48 % għall-bijodiżil u r-rata ta' 31 % għaż-żejt tal-fażola tas-sojja). Barra minn hekk, tali differenza effettiva kienet saħansitra ogħla fl-ewwel trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta t-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 30 % fuq il-bijodiżil kienet tikkorrispondi għal rata effettiva ta' 23,07 % u t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq iż-żejt tal-fażola tas-sojja ġiet stabbilita għal 33 %. F'dan it-trimestru, id-differenza effettiva kienet ta' 9,93 %. Dan ġie kkonfermat kemm minn sorsi pubbliċi Arġentini kif ukoll minn sorsi pubbliċi internazzjonali ([36]).

(114) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni sabet li l-valutazzjoni ta' diversi aġenziji internazzjonali dwar l-effetti tar-rati differenti ta' taxxi fuq l-esportazzjoni, irrappurtati fl-investigazzjoni oriġinali ([37]), kompliet tkun applikabbli u valida.

(115) B'mod partikolari, skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-GtA, permezz tar-reġim tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tiegħu, jimponi "*rati oġħla għall-materja prima jew produtturi ta' inputs filwaqt li japplikaw rati aktar baxxi għall-prodotti lesti*. [...] *Il-vantaġġ tal-prezz mogħti lill-industriji downstream domestiċi jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jnaqqasha kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dawk barranin*" ([38]). Barra minn hekk, l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA, International Renewable Energy Agency) iddikjarat f'rapport iddedikat lill-Arġentina li "*Taxxi differenzjali fuq l-esportazzjoni għal bijofjuwils imqabbla ma' prodotti oħra ġejjin mill-istess materja prima inkoraġġixxew l-esportazzjoni tal-bijofjuwils, speċjalment tal-bijodiżil*" ([39]). Min-naħa tiegħu, il-Bank Dinji ddikjara li l-GtA "*jimponi taxxi għoljin fuq l-esportazzjoni kemm fuq iż-żejt tal-fażola tas-sojja kif ukoll fuq il-bijodiżil*" (li, fiż-żmien tar-rapport, kienu stabbiliti għal 32 % u 16,6 % rispettivament) li għandhom l-effett li "*jnaqqsu l-kost tal-materja prima domestikament u jinkoraġġixxu l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil*" ([40]).

(116) Il-Kummissjoni nnotat li din il-valutazzjoni tirrikonċilja mal-objettivi tal-politika tal-GtA kif deskritt fil-leġiżlazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni nnotat li waħda mill-premessi mhux numerati tad-Digriet 131/2022 – li żammet it-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 33 % fuq il-fażola tas-sojja u żiedet temporanjament it-taxxi fuq l-esportazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja u tal-bijodiżil – semmiet, fost l-objettivi li għalihom il-GtA kellu s-setgħa li jimponi dazji fuq l-esportazzjoni, "*jistabbilizza l-prezzijiet interni f'livelli konvenjenti jew iżomm volum ta' offerti adegwati għall-ħtiġijiet tal-provvista tas-suq intern*".

([36]) "Revés para el complejo soja: cómo afecta el aumento de DEX a la industria del biodiesel santafesino que sopesará un aporte extra de US$ 6 millones este año", *Informativo semanal* Año XXXIX - N° Edición 2044, 25 March 2022, Bolsa de Comercio de Rosario, disponibbli fuq: https://www.bcr.com.ar/es/mercados/investigacion-y-desarrollo/informativo-semanal/noticias-informativo-semanal/reves-para-el and 2024 GAIN Report, pp. 10-11.

([37]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (87).

([38]) The Economic Impact of Export Restrictions on Raw Materials, ippubblikata fl-2010, p. 18, disponibbli fuq: http://www.oecd.org/publications/the-economic-impact-of-export-restrictions-on-raw-materials-9789264096448-en.htm.

([39]) Rapport dwar il-Politika dwar l-Enerġija Rinnovabbli Arġentina, Ġunju 2015, disponibbli fuq: https://www.irena.org/-/media/Files/IRENA/Agency/Publication/2015/IRENA_RE_Latin_America_Policies/IRENA_RE_Latin_America_Policies_2015_Country_Argentina.pdf?la=en&hash=4A7F4CDAB9E00B7739363467AB2B2ADA67C94CDC.

([40]) Liquid Biofuels: Background Brief for the World Bank Group Energy Sector Strategy, Background Paper for the World Bank Group Energy sector strategy, March 2010, p. 9, disponibbli fuq https://www.ourenergypolicy.org/wp-content/uploads/2016/03/Biofuel_brief_Web_version.pdf.

(117) Il-fatt li t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja kienet maħsuba biex tiżgura l-provvista tal-materja prima b'mod partikolari lill-industrija tal-bijodiżil intwera mill-istorja leġiżlattiva tal-miżura. Tabilħaqq, fl-investigazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kienet diġà nnotat li r-Riżoluzzjoni Konġunta 438/2012, 269/2012, 1001/2012 ([41]) irreferiet għad-differenza bejn ir-rata effettiva għall-bijodiżil u r-rata għall-input ewlieni tiegħu (jiġifieri, il-fażola tas-sojja) ([42]), u li d-Digriet 133/2015 ([43]) aġġusta t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja u fakkar li "*iż-żieda fl-art miżrugħa u l-ħsad rekord tal-istaġun l-ieħor ma pprevenewx it-tnaqqis fil-kompetittività u l-profittabbiltà tal-katina tal-valur assoċjata kollha tagħha*", inkluż il-bijodiżil ([44]).

(118) Atti suċċessivi adottaw approċċ simili. Pereżempju, id-Digriet 1343/2016 ([45]), li naqqas bi ftit id-dazji fuq l-esportazzjoni stabbiliti bid-Digriet 133/2015, spjega fil-premessi li "*huwa meħtieġ li jkomplu jiġu implimentati miżuri effettivi fl-istess żmien mat-twettiq ta' dak l-għan, b'mod partikolari fil-każ tal-*fażola tas-sojja u l-prodotti sekondarji tagħha*, u li jipprovdu prevedibbiltà u ċertezza lis-suq fir-rigward tal-mod progressiv li bih id-dazji fuq l-esportazzjoni applikabbli għal tali merkanzija se jitnaqqsu*" (enfasi miżjuda). Il-prodotti sekondarji tal-fażola tas-sojja jinkludu l-bijodiżil.

(119) Bl-istess mod, id-Digriet 1025/2017 ([46]), li dak iż-żmien stabbilixxa t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil għal 8 %, fakkar fil-premessi li "*armonizzazzjoni bejn id-*dazji tal-esportazzjoni tal-bijodiżil u dik tal-materja prima ewlenija tiegħu, iż-żejt tal-fażola tas-sojja*, hija meħtieġa biex tinkiseb konverġenza bejniethom*" (enfasi miżjuda).

(120) Id-Digriet 230/2020 u d-Digriet 131/2022 ma semmewx espressament din ir-rabta, peress li mmodifikaw biss ir-rati tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fis-seħħ fuq varjetà ta' prodotti. Minflok, il-fehma uffiċjali tal-GtA dwar il-fażola tas-sojja bħala input għall-bijodiżil baqgħet evidenti fid-Digriet 790/2020 minħabba l-fatt li kienet tikkonċerna biss it-taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja u l-prodotti bbażati fuq il-fażola tas-sojja, inkluż il-bijodiżil. B'mod partikolari, id-Digriet 790/2020 fil-premessi jfakkar li "*permezz tad-Digriet Nru 230/20, ġew stabbiliti r-rati tad-dazju fuq l-esportazzjoni għal oġġetti differenti, inklużi ċerti intestaturi tariffarji tan-NOMENKLATURA KOMUNI TAL-MERCOSUR (N.C.M., Mercosur Common Nomenclature) li jirreferu għal* ċerti prodotti tal-fażola tas-sojja u prodotti sekondarji" (enfasi miżjuda). Il-prodotti tal-fażola tas-sojja li r-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tagħhom ġiet modifikata jinkludu l-bijodiżil.

(121) Għalhekk, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-GtA, billi stabbilixxa r-rati tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, taż-żejt tal-fażola tas-sojja u tal-bijodiżil fl-istess ħin, permezz tal-istess att leġiżlattiv, bħad-Digriet 790/2020, baqa' juri li kellu l-intenzjoni li l-politika tiegħu dwar il-fażola tas-sojja sservi bħala mezz biex jiżgura d-disponibbiltà tal-provvista bi prezz baxx għall-bijodiżil anki matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li fil-premessa (109) hawn fuq, il-GtA ddikjara li huwa kkunsidra t-tliet rati tat-taxxa fuq l-esportazzjoni bejn il-fażola tas-sojja, iż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil bħala li jikkorrispondu għall-istadji differenti tal-valur miżjud u, għalhekk, bħala parti mill-istess katina tal-valur.

(122) Din is-sejba tibqa' tissaħħaħ aktar mill-fatt li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tipproteġi l-passi kollha fil-katina tal-valur mill-input ikkonċernat – il-fażola tas-sojja – sal-istadju intermedju – iż-żejt tal-fażola tas-sojja – sal-prodott li qed jiġi investigat, jiġifieri, il-bijodiżil, li ma jħalli l-ebda "valv tas-sikurezza" jew alternattiva għall-provvista domestika għall-produtturi tal-fażola tas-sojja, meta jitqies li l-esportaturi kollha tal-bijodiżil huma integrati vertikalment u huma wkoll l-operaturi ewlenin li jisħqu l-fażola tas-sojja biex issir żejt tal-fażola tas-sojja.

(123) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, bl-impożizzjoni ta' taxxi fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, il-GtA jqiegħed lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja Arġentini f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, li tħeġġiġhom ibigħu l-prodotti tagħhom domestikament għal prezz aktar baxx minn dak li setgħu jiksbu fin-nuqqas ta' dawk it-taxxi tal-esportazzjoni. Għalhekk huma mċaħħda minn għażla razzjonali u mħeġġa jikkonformaw mal-objettivi tal-politika wara t-taxxa fuq l-esportazzjoni.

([41]) *Ministerio de Economía y Finanzas Públicas, Ministerio de Industria y Ministerio de Planificación Federal, Inversión Pública y Servicios, Comercio Exterior, Resolución Conjunta* 438/2012, 269/2012, 1001/2012 *créanse el Registro de Operadores de Soja Autorizados (ROSA) y la 'Unidad Ejecutiva Interdisciplinaria de Monitoreo'. Derógase la Resolución No 109/09*.

([42]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (99).

([43]) *Ministerio de Agroindustria, Decreto* 133/2015, *Derecho de exportación. Alícuota.*

([44]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (100).

([45]) *Ministerio de Agroindustria, Decreto* 1343/2016, *Derecho de exportación. Alícuota. Modificación.*

([46]) *Comercio Exterior, Decreto* 1025/2017, *Derogación. Decreto N°* 1719/2012.


Kwota tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ

(124) L-investigazzjoni oriġinali sabet li s-sitwazzjoni irrazzjonali li fiha tqiegħdu l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ġiet amplifikata minn restrizzjonijiet oħra tal-esportazzjoni, bħal kwoti tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ fis-seħħ mill-2008 sal-2015, li jiskoraġġixxu l-esportazzjoni ta' għelejjel oħra u jidderieġu lill-kultivaturi biex ikomplu l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja (għall-kuntrarju ta' ħbub oħra), u jnaqqsu l-prezz domestiku saħansitra aktar ([47]). Dan il-perjodu twil ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq għelejjel oħra wassal għal żieda sinifikanti fil-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, l-ħekk imsejħa *sojización* ([48]). Kif muri fil-Graff 1, il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja kważi rduppjat bejn l-2008 u l-2015, u laħqet rekord ta' produzzjoni ta' 61,4 miljun tunnellata. Wara t-tneħħija tal-kwoti tal-esportazzjoni fl-2015 u sas-sena tal-ħsad 2016/17, il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja ma naqsitx b'mod sinifikanti f'dan il-perjodu limitat meta mqabbla mal-għelejjel l-oħra u baqgħet pjuttost stabbli ([49]).

(125) Fil-Graff 1, il-Kummissjoni rrapportat il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, tal-qamħirrum u tal-qamħ għal kull sena tal-ħsad mill-2008, biex tikkomplementa d-data rispettiva rrapportata fl-investigazzjoni oriġinali. F'dan ir-rigward, is-sena tal-ħsad jew tal-għelejjel hija l-perjodu ta' żmien bejn ħsad wieħed għal dak ta' wara. Għalhekk, hemm ċerta diskrepanza bejn is-snin tal-ħsad u s-snin kalendarji. Is-sena tal-ħsad għall-fażola tas-sojja tibda fl-1 ta' April u tispiċċa fil-31 ta' Marzu.

Graff 1

Produzzjoni Arġentina ta' fażola tas-sojja, qamħirrum u qamħ għal kull sena ta' ħsad



Sors: http://datosestimaciones.magyp.gob.ar/

(126) Id-data sussegwenti uriet li mill-2018, fin-nuqqas ta' kwoti tal-esportazzjoni, il-produzzjoni tal-qamħ u speċjalment tal-qamħirrum żdiedet, filwaqt li l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja naqset. L-applikant spjega dan it-tnaqqis bħala effett tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ imposti mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti u l-Perù.

(127) Sabiex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ, l-applikant allega li l-GtA rratifika l-kwoti tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ permezz tar-Riżoluzzjoni 276/2021 ([50]), u dan kien mistenni jipproduċi l-istess effett ta' ċaqliq bħall-politiki implimentati bejn l-2008 u l-2015.

([47]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (104)-(105).
([48]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (107).
([49]) *Ibidem*.
([50]) *Ministerio de Agricultura, Ganadería y Pesca, Resolución* 276/2021, RESOL-2021-276-APN-MAGYP.

(128) Għalhekk, il-Kummissjoni investigat jekk il-kwoti tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ kinux għadhom fis-seħħ.

(129) Waqt il-verifika fuq il-post, l-Assoċjazzjoni Arġentina tal-Katina tal-Valur tal-Fażola tas-Sojja spjegat li ma hemm l-ebda obbligu li wieħed jaqleb minn għalla għal oħra u li l-kultivaturi jibqgħu liberi li jiddeċiedu liema għelejjel għandhom jikbru fuq l-art li jikkultivaw, kemm jekk fażola tas-sojja kif ukoll oħrajn. Il-GtA spjega fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju u matul il-verifika fuq il-post li l-ispeċifikazzjoni tas-sistema stabbilita bir-Riżoluzzjoni 276/2021 bħala kwoti tal-esportazzjoni ma kinitx korretta, sal-punt li kienu pjuttost il-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni jew il-volumi tal-ekwilibriju tal-esportazzjonijiet (*volúmenes de equilibrio*). Tali volumi ġew stabbiliti minn Kunsill Konsultattiv (*Consejo Consultivo*) fejn hemm rappreżentanti tal-konsum domestiku, is-settur tal-esportazzjoni u l-GtA. Abbażi tal-ħtiġijiet tal-konsum domestiku u tal-esportazzjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-volum ta' bbilanċjar, li huwa aġġustat abbażi tal-provvista u d-domanda. Il-GtA spjega li l-volumi normalment kienu stabbiliti ogħla mill-esportazzjonijiet attwali peress li l-għan kien li tiġi pprovduta prevedibbiltà lill-operaturi tas-suq aktar milli jiġu mblukkati l-esportazzjonijiet. Madankollu, jekk jintlaħaq 90 % tal-volum ta' bbilanċjar, jistgħu jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali biss affidaviti obbligatorji tal-bejgħ għall-esportazzjoni (*declaraciones juradas de venta al exterior* – "DJVE" 30) validi għall-esportazzjoni f'perjodu ta' 30 jum – minflok DJVEs validi għall-esportazzjoni f'perjodu ta' 360 jum (DJVE 360). Ladarba l-volum tal-ibbilanċjar sħiħ ikun ġie eżawrit, l-esportazzjonijiet tal-qamħirrum u tal-qamħ ma setgħux iseħħu aktar. Il-volumi tal-ibbilanċjar kienu disponibbli għall-pubbliku ([51]).

(130) Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li, fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-volum tal-ibbilanċjar inizjali għas-sena tal-ħsad 2022/23 ta' 10 miljun tunnellata ta' qamħirrum ([52]) ġie sussegwentement aġġustat għal 20 miljun tunnellata ([53]) u mbagħad għal 26 miljun tunnellata ([54]).

(131) Minflok, il-volum ta' bbilanċjar inizjali għas-sena tal-ħsad 2022/23 ta' 2 miljun tunnellata għall-qamħ ([55]) ġie sussegwentement aġġustat għal 10 miljun tunnellata ([56]) u mbagħad ikkonfermat bl-istess volum ta' 10 miljun tunnellata ([57]).

(132) Wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'Diċembru 2023, intlaħaq il-limitu tal-volum ta' bbilanċjar, u l-GtA mblokka r-reġistrazzjoni ta' DJVEs ġodda għal ftit jiem ([58]). Barra minn hekk, produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun irrapporta li anki meta l-volum ta' bbilanċjar intlaħaq f'sena partikolari u l-esportazzjonijiet ġew imblukkati, dan ma kellux effett sinifikanti fuq l-esportazzjonijiet minħabba li seħħ lejn tmiem dik is-sena.

(133) Il-Kummissjoni nnotat li – filwaqt li l-effett ta' ċaqliq minħabba s-sistema l-ġdida skont ir-Riżoluzzjoni 276/2021 seta' ġie mxekkel min-nixfa li fl-2023, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, affettwat il-produzzjoni tat-tliet għelejjel kollha inkunsiderazzjoni fl-Arġentina, kif jidher fil-Graff 1 – il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja 2021/22, qabel in-nixfa, kienet għadha 42 % ogħla milli kienet qabel ma l-GtA implimenta l-politika li tiddevja l-produzzjoni tal-ħbub b'appoġġ għall-kultivaturi tal-fażola tas-sojja, 2008/09. Barra minn hekk, fl-2023/24, wara n-nixfa, filwaqt li l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja rkuprat u żdiedet meta mqabbla mal-produzzjoni ta' qabel in-nixfa tal-2021/22, kemm il-qamħirrum kif ukoll il-qamħ ma laħqux il-livell tal-produzzjoni ta' qabel in-nixfa.

(134) Barra minn hekk, fil-perjodu mingħajr restrizzjonijiet bejn l-2015 u l-2021, filwaqt li l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja naqset, il-produzzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ żdiedet.

(135) Fl-aħħar nett, is-sistema stabbilita mill-volum ta' bbilanċjar tal-esportazzjoni, filwaqt li tista' tipprevedi kwota mobbli, xorta kienet timplika li, ladarba l-kwota tkun ġiet eżawrita, l-esportazzjonijiet tal-qamħirrum u tal-qamħ ġew imblukkati. Il-fatt li fl-2023 dan seħħ biss għal ftit jiem ma jikkontradixxix imblukkar potenzjali itwal tal-esportazzjonijiet, li kien fid-diskrezzjoni tal-GtA matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(136) Dan wassal lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li l-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni fis-seħħ mill-2021 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kkontribwew biex jiffavorixxu l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fuq il-qamħirrum u l-qamħ, billi jidderieġu l-kultivaturi lejn it-tkomplija tal-produzzjoni tal-fażola tas-sojja (għall-kuntrarju ta' ħbub oħra), filwaqt li naqqsu l-prezz domestiku f'konformità mal-objettivi ta' politika tal-GtA.

([51]) https://www.magyp.gob.ar/sitio/areas/ss_mercados_agropecuarios/djve/index.php?accion=imp.
([52]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 3/2022, is-6 ta' Mejju 2022.
([53]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 5/2022, 8 ta' Novembru 2022.
([54]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 1/2023, is-26 ta' Ottubru 2023.
([55]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 06/2021, is-17 ta' Diċembru 2021.
([56]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 2/2022, it-28 ta' Marzu 2022.
([57]) *Subsecretaria de Mercados Agropecuarios, Circular SSMA N°* 1/2023, is-26 ta' Ottubru 2023.
([58]) *Circular* 2/2023, il-11 ta' Diċembru 2023 u *Circular* 3/2023, l-14 ta' Diċembru 2023.

Projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja u miżuri oħra b'appoġġ għall-kultivaturi tal-fażola tas-sojja

(137) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni spjegat l-impatt ta' projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja u, wara t-tneħħija tagħha, ta' proċeduri kkumplikati ħafna għall-importazzjoni tal-fażola tas-sojja, fuq l-użu tal-fażola tas-sojja domestika għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, flimkien mat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, ikkonfermat l-objettiv ta' politika tal-GtA li jagħti spinta lill-iżvilupp ta' industrija tal-bijodiżil kompletament domestika inkluż il-kontenut lokali fil-katina tal-provvista. Dan ħoloq output artifiċjali u mmexxi mill-gvern tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina għall-konsum domestiku li jiżgura li d-domanda lokali għall-fażola tas-sojja tiġi ssodisfata abbażi tal-provvista lokali orjentata lejn il-kisba tal-objettivi ta' politika ddikjarati ([59]).

(138) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ma ġiet applikata l-ebda projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja.

(139) Madankollu, kif spjegat fil-premessa (38) hawn fuq, il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils – li kienet applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami – iddiżinċentivat l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja meta ppromulgat rekwiżit ta' kontenut lokali, fejn il-bijodiżil użat biex jissodisfa t-taħlit kellu jiġi prodott f'impjanti Arġentini bl-użu ta' materja prima prodotta domestikament. B'konsegwenza ta' dan, il-GtA ħoloq suq ristrett għall-fażola tas-sojja domestika, li jissegrega l-katina tal-valur domestika mis-suq dinji u jipproteġiha mill-pressjoni fuq l-importazzjoni. Billi intervjena fis-suq, il-GtA laħaq l-għan tiegħu li jżid il-produzzjoni u jbaxxi l-prezzijiet domestiċi għall-benefiċċju tal-industrija tal-bijodiżil.

Sussidji lill-produtturi tal-fażola tas-sojja

(140) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kienet sabet li l-GtA idderieġa lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja lejn il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja u b'hekk ikkawża żieda fil-provvista domestika tal-fażola tas-sojja favur l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil ([60]).

(141) L-applikant allega li l-GtA kompla jipprovdi appoġġ lill-produtturi tal-fażola tas-sojja, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' żewġ programmi ta' kumpens.

(142) L-ewwel wieħed kien programm ta' kumpens u stimolu għall-produtturi żgħar tas-sojja u l-kooperattivi skont id-Digriet 786/2020 ([61]). L-applikant allega li fl-ambitu ta' dan il-programm, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja rċevew rifużjonijiet tat-taxxa fuq l-esportazzjoni skont iż-żoni kkultivati tagħhom u li, filwaqt li l-iskema kienet fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2020, din kienet tkompliet b'azzjoni u leġiżlazzjoni governattivi sussegwenti, mhux iċċarati aktar mill-applikant.

(143) Għalhekk, il-Kummissjoni investigat jekk l-iskema kinitx għadha fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(144) Il-GtA argumenta li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ma bbenefikawx mir-rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni, minħabba li t-taxxi fuq l-esportazzjoni ma kinux imġarrba minnhom. Minflok, il-GtA spjega li l-premessa rilevanti tad-Digriet 786/2020 għamlet referenza għal-Liġi 27541 ([62]), li, filwaqt li tippermetti lill-GtA jżid it-taxxi fuq l-esportazzjoni sa 33 %, ipprevediet li 3 % tal-valur inkrementali tat-taxxi fuq l-esportazzjoni jiġi allokat għall-ħolqien ta' fond biex tiżdied il-kompetittività tal-produtturi u tal-kooperattivi żgħar u ta' daqs medju ([63]). Il-Liġi 27541 żiedet ukoll li "*Il-Fergħa Eżekuttiva Nazzjonali għandha tistabbilixxi mekkaniżmi* ta' *segmentazzjoni u stimolu mmirati biex itejbu l-profittabbiltà u l-kompetittività ta' produtturi żgħar u kooperattivi li l-attivitajiet tagħhom huma* affettwati miż-żieda eventwali fir-rata tad-dazji fuq l-esportazzjoni [...]" (enfasi miżjuda) ([64]). L-iżborż ta' dan il-fond kien ibbażat fuq il-volum ta' fażola tas-sojja mibjugħa mill-kultivaturi minn Frar 2020 sa Diċembru 2020, sa limitu f'termini ta' volum ta' fażola tas-sojja għal kull ettaru kkultivat.

([59]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (106).
([60]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (108).
([61]) *Decreto* 786/2020, DCTO-2020-786-APN-PTE - *Disposiciones*.
([62]) Ley 27541, *Ley de Solidaridad Social y Reactivación Productiva en el Marco de la Emergencia Pública*.
([63]) L-Artikolu 52 tal-Liġi 27541.
([64]) L-Artikolu 53 tal-Liġi 27541.

(145) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA sabiex jibgħat l-Appendiċi A lill-fornituri tal-fażola tas-sojja, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja bbenefikawx minn din l-iskema. Madankollu, abbażi tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 28, l-ispjegazzjoni dettaljata pprovduta mill-GtA kienet tikkostitwixxi fatti disponibbli li indikaw li l-iskema kienet tabilħaqq attiva u żborżata fir-rigward tal-bejgħ li sar sal-31 ta' Diċembru 2020. Billi l-applikant ma tax dettalji ta' liema azzjoni u leġiżlazzjoni governattiva sussegwenti komplew din l-iskema, l-Kummissjoni ma setgħet issib l-ebda miżura f'dan ir-rigward u l-GtA kkonferma li l-miżura kienet tapplika għall-bejgħ li sar sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkonkludiet li, billi ġiet żborżata sal-31 ta' Diċembru 2020, din l-iskema ma kinitx attiva matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(146) It-tieni wieħed minn dawn il-programmi kien jikkonsisti fi programm ta' kumpens għall-produtturi żgħar u ta' daqs medju tal-fażola tas-sojja u tal-qamħirrum skont ir-Riżoluzzjoni 862/2022, ippromulgata f'Novembru 2022 ([65]). Fl-ambitu ta' dan il-programm, il-benefiċċju li kellu jirċievi kull produttur tal-fażola tas-sojja kien sa USD 6,500 għal kull ettaru ddikjarat tal-fażola tas-sojja u l-benefiċċju totali li kellhom jirċievu l-benefiċjarji kien ta' USD 1,730 miljun.

(147) L-investigazzjoni żvelat li l-programm ta' kumpens kien iffinanzjat mill-Fond għaż-Żieda fl-Esportazzjoni (*Fondo Incremento Exportador*), stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Digriet 576/2022 ([66]). Min-naħa tiegħu, dan il-Fond ġie ffinanzjat permezz tat-taxxa addizzjonali fuq l-esportazzjoni (inkluż fuq il-fażola tas-sojja, iż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil) miġbura permezz taż-żieda fl-esportazzjonijiet miksuba permezz tal-Programm għaż-Żieda fl-Esportazzjoni (*Programa de Incremento Exportador*). Skont id-Digriet 576/2022, il-Programm għaż-Żieda fl-Esportazzjoni kien il-programm tal-GtA li jrawwem l-esportazzjonijiet billi joffri kambju tal-munita USD-ARS attraenti lill-esportaturi ta' prodotti bbażati fuq is-sojja (l-hekk imsejjaħ *sojadollar*), li żgura d-dħul ta' munita barranija fir-riżervi federali f'kuntest ekonomiku inflazzjonarju għoli.

(148) Il-perjodu ta' implimentazzjoni u t-terminazzjoni tal-programm ta' kumpens ġew stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Riżoluzzjoni 862/2022, li kien jistabbilixxi li t-terminu għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kien ta' 15-il jum ta' xogħol mill-pubblikazzjoni tar-regolament fil-Bullettin Uffiċjali. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, ma kien hemm l-ebda possibbiltà li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet ġodda. Għaldaqstant, l-eżekuzzjoni tal-programm, kif prevista fl-Artikolu 8 tar-Riżoluzzjoni 862/2022, saret effettiva fix-xahar ta' Diċembru 2022, permezz tal-ħruġ tar-Riżoluzzjoni 276/2022 ([67]), li ddettaljat il-lista tal-benefiċjarji tal-programm. B'dan l-att amministrattiv, l-applikazzjoni tal-programm intemmet. Ma tressqet l-ebda dikjarazzjoni mill-applikant li l-programm kompla aktar, u l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza f'dan ir-rigward.

(149) Għalhekk, il-programm ta' kumpens kien attiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA sabiex jibgħat l-Appendiċi A lill-fornituri tal-fażola tas-sojja, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika r-rwol li kellu dan il-programm ta' kumpens għalihom. Madankollu, abbażi tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 28, il-lista ta' benefiċjarji tal-programm ikkostitwixxiet biżżejjed evidenza tal-iżborż ta' dan il-programm matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(150) Bħala konklużjoni, il-programm ta' kumpens u l-bażijiet legali tiegħu huma evidenza ċara li l-GtA stenna li l-miżuri tal-esportazzjoni tiegħu jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kultivaturi domestiċi tal-fażola tas-sojja u ma qagħdux lura milli jużaw ir-rikavati minn dawk l-istess miżuri ta' esportazzjoni (jiġifieri d-dħul li ġej mit-taxxi tal-esportazzjoni) biex itaffu dawk l-effetti permezz ta' kumpensi mogħtija lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja. Din l-iskema hija mod ieħor kif il-GtA juża biex jinkariga jew jordna lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex iwettqu l-politika tagħhom u biex jipprovdu fażola tas-sojja lill-industrija domestika tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

([65]) *Ministerio de Economía, Resolución* 862/2022, RESOL-2022-862-APN-MEC.
([66]) *Decreto* 576/2022, *Programa de Incremento Exportador*, DECNU-2022-576-APN-PTE - *Creación*.
([67]) *Ministerio de Economía - Secretaría de Agricultura, Ganadería y Pesca, Resolución* 276/2022, RESOL-2022-276-APN-SAGYP#MEC.

Analiżi

(151) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, il-GtA kompla jieħu "rwol aktar attiv minn sempliċi atti ta' inkoraġġiment", kif meħtieġ mill-Korp tal-Appell ([68]). Is-sett ta' miżuri meħuda mill-GtA, ikkunsidrati flimkien, jirrestrinġu l-libertà ta' azzjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja billi jillimitaw fil-prattika d-deċiżjoni kummerċjali tagħhom b'liema prezz ibigħu l-prodott tagħhom u fejn.

(152) Għalhekk, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ma jitħallewx jimmassimizzaw l-introjtu tagħhom li jkunu jistgħu jiksbu fin-nuqqas tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja (pereż. billi jesportaw il-produzzjoni tagħhom biex jibbenefikaw minn prezzijiet ogħla jew billi jżidu l-prezzijiet domestiċi) kif ukoll miżuri restrittivi simili oħra.

(153) Dan huwa appoġġat ukoll mir-Riżoluzzjoni 862/2022 li fiha l-GtA jieħu miżuri speċifiċi biex jgħin lill-industrija tal-fażola tas-sojja u l-katina tal-valur assoċjata tagħha jreġġgħu lura t-tnaqqis li seħħ fil-kompetittività u l-profittabbiltà tal-katina tal-valur assoċjata kollha tagħha. Għalhekk, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma appoġġjati finanzjarjament, imħeġġa jew diretti mill-GtA biex iżommu l-produzzjoni biex ifornu s-suq domestiku anki jekk fornitur razzjonali jadatta l-produzzjoni u l-prezzijiet tiegħu f'sitwazzjoni fejn l-esportazzjonijiet ġew diżinċentivati.

(154) Għaldaqstant, permezz ta' dawn il-miżuri l-GtA jipperswadi lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja sabiex iżommu l-fażola tas-sojja fl-Arġentina billi ma jistgħux ibigħu bi prezzijiet aħjar li jista' jkun hemm fl-Arġentina mingħajr dawn il-miżuri.

(155) F'dan is-sens, il-produtturi tal-input huma "inkarigati" jew "ordnati" mill-GtA sabiex jipprovdu prodotti lill-utenti domestiċi tal-fażola tas-sojja, jiġifieri lill-produtturi tal-bijodiżil, għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja għandhom ir-responsabbiltà li joħolqu suq domestiku artifiċjali, kompartimentalizzat u rħis fl-Arġentina.

(156) Fi kliem ieħor, is-sett ta' miżuri deskritti hawn fuq applikati mill-GtA kellhom l-għan li jimminimizzaw l-impatt negattiv tal-miżuri fuq il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja filwaqt li jħeġġuhom isegwu mġiba partikolari, li mhijiex biss ir-riżultat jew l-effett tal-miżuri tal-GtA. Filwaqt li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jistgħu jbaxxu l-produzzjoni domestika tagħhom bi ftit biex jirrispondu għat-taxxi fuq l-esportazzjoni u miżuri restrittivi oħra, l-evidenza turi li l-produzzjoni ma waqfitx, u lanqas ma naqset b'mod sinifikanti (bl-eċċezzjoni tal-2023, affettwata min-nixfa, ara t-Tabella 1 hawn taħt). Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan huwa riżultat tal-azzjonijiet tal-GtA li jafdaw u jordnaw lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ikomplu l-produzzjoni.

(157) Miżuri li jtaffu l-impatt tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-GtA fuq il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja kienu previsti fl-istess bażijiet legali fejn ġew imposti restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni (eż. il-Fond għaż-Żieda fl-Esportazzjoni fid-Digriet 576/2022 li jistabbilixxi l-Programm għaż-Żieda fl-Esportazzjoni, kif ukoll fil-Liġi preċedenti 27541 li, filwaqt li ppermettiet lill-GtA jżid it-taxxi fuq l-esportazzjoni sa 33 %, ipprevediet li 3 % tal-valur inkrementali tat-taxxi fuq l-esportazzjoni jiġi allokat għall-ħolqien ta' fond għall-kultivaturi tal-fażola tas-sojja affettwati). Għalhekk, l-effetti ġew stabbiliti mill-GtA fuq bażi *ex ante*, mhux fuq bażi *ex post*, u għalhekk ma kinux "involontarji". Hemm "konnessjoni ċara li tista' tintwera" bejn il-politika u l-imġiba tal-korpi privati involuti, li jaġixxu f'isem il-GtA biex iwettqu l-politika tiegħu li jipprovdi fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata lill-industrija tal-bijodiżil.

(158) Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) u l-GtA sostnew li t-taxxi tal-esportazzjoni inkwistjoni ma kinux sussidju kumpensabbli. Skont il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO), it-taxxi fuq l-esportazzjoni mhumiex kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) sostniet li l-interpretazzjoni tal-inkarigar jew tal-ordni offruta mill-Qorti Ġenerali ([69]) u mill-ġurisprudenza tad-WTO ma setgħetx twassal għall-konklużjoni li l-GtA inkariga jew ordna lill-produtturi tal-fażola tas-sojja. Fil-fatt, it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja ma allokatx lill-produtturi tal-fażola tas-sojja l-kompitu li jbigħu l-fażola tas-sojja domestikament bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet globali. Minflok, skont il-GtA, dawn kienu maħsuba biex iżidu d-dħul fiskali u, abbażi ta' evidenza baġitarja, xorta kienu jirrappreżentaw sors importanti ħafna ta' dħul għall-GtA.

([68]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS296, *l-Istati Uniti — Investigazzjoni dwar Dazji Kumpensatorji fuq il-Memorja Dinamika b'Aċċess Każwali (DRAMS, dynamic random access memory)*, il-para. 115.

([69]) B'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2022, *PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo vs Il-Kummissjoni*, T-143/20, ECLI:EU:T:2022:811, il-punt 102.

(159) Il-Kummissjoni fakkret li l-fatt uniku li t-taxxi fuq l-esportazzjoni bħala tali mhumiex imsemmija b'mod espliċitu fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku ma jeskludihomx milli jkollhom in-natura potenzjali ta' kontribuzzjoni finanzjarja u għalhekk jaqgħu fl-ambitu tad-definizzjoni ta' sussidju skont ir-Regolament bażiku u l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens, u aktar u aktar meta jaġixxu flimkien ma' sett ieħor ta' miżuri governattivi. Tabilħaqq, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali tikkonferma li l-għan tas-sistemi ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jista' jkun li jappoġġaw direttament u indirettament l-industrija tal-bijodiżil ([70]). Il-Kummissjoni pprovdiet biżżejjed evidenza li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja kienet użata bħala għodda, flimkien ma' strumenti oħra, biex tħeġġeġ lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jikkonformaw mal-objettivi ta' politika ddikjarati b'mod li jammonta għal sussidju kumpensabbli kif speċifikat fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-objettiv tat-taxxi fuq l-esportazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-leġiżlazzjoni semmiet ukoll l-objettiv li "jiġu stabbilizzati l-prezzijiet interni f'livelli konvenjenti jew li jinżamm volum ta' offerti adegwat għall-ħtiġijiet tal-provvista tas-suq intern", kif indikat fil-premessa (116). Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(160) Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) u l-GtA sostnew li t-taxxi fuq l-esportazzjoni ma llimitawx b'mod ieħor l-għażla tagħhom li jipproduċu, ibigħu u jesportaw il-prodotti tagħhom. Barra minn hekk, il-GtA sostna li l-prezzijiet franki abbord (FOB) uffiċjali intużaw biss bħala bażi taxxabbli għat-taxxa fuq l-esportazzjoni, u b'hekk il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti liberament.

(161) Il-Kummissjoni nnotat li l-investigazzjoni wriet li l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja kienet tabilħaqq influwenzata mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' għelejjel oħra, li l-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja baqa' taħt il-prezz tas-suq dinji (ara l-Graff 3) u li l-ammont ta' taxxi fuq l-esportazzjoni mħallsa fuq il-fażola tas-sojja kien jiddependi fuq il-prezz frank abbord (FOB) uffiċjali stabbilit mill-GtA. It-taxxa fuq l-esportazzjoni bbażata fuq il-prezz frank abbord (FOB) uffiċjali neċessarjament ma tħallix liberta sħiħa lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-iffissar tal-prezz tal-esportazzjoni. Fl-aħħar nett, kif muri fl-analiżi ta' hawn fuq, it-taxxa fuq l-esportazzjoni mhijiex l-unika għodda mfassla mill-GtA biex jidderieġi lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(162) Bħala konklużjoni, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li l-GtA għadu jinkariga jew jordna lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex iwettqu l-politika tiegħu li joħloq suq domestiku kompartimentalizzat u li jipprovdi fażola tas-sojja lill-industrija domestika tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(163) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA sostna li l-fażola tas-sojja mhijiex materja prima diretta għall-bijodiżil u li jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis dan fl-analiżi tagħha, b'mod partikolari billi tqis bħala input iż-żejt tal-fażola tas-sojja, li fuqu l-Arġentina tgawdi vantaġġ kompetittiv naturali.

(164) Il-Kummissjoni kkonfermat li qieset dan l-aspett fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidjar għall-produtturi esportaturi Arġentini inklużi fil-kampjun. Tabilħaqq, id-denominatur tal-benefiċċju għall-iskema kien il-fatturat iġġenerat mill-bejgħ ta' prodotti bbażati fuq il-fażola tas-sojja, mhux biss tal-bijodiżil. Minħabba dan, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn talloka l-benefiċċju riċevut abbażi tal-użu finali tal-fażola tas-sojja mixtrija. Fl-aħħar nett, peress li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu integrati vertikalment, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tqis xi passi ulterjuri fil-katina tal-valur bejn il-fażola tas-sojja u l-bijodiżil u ma kien hemm l-ebda forniment ta' żejt tal-fażola tas-sojja li ġie ddikjarat fit-talba u li seta' jiġi analizzat, peress li kien awtoprodott mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, fit-Taqsima 3.3.1.3.3 ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fit-Tabella 1, il-Kummissjoni tabilħaqq analizzat ir-rwol taż-żejt tal-fażola tas-sojja fil-katina tal-valur bejn il-fażola tas-sojja u l-bijodiżil. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([70]) Ara s-sentenza mhux appellata tal-14 ta' Diċembru 2022, *PT Wilmar Bioenergi Indonesia and Others vs il-Kummissjoni*, IT-111/20, EU:T:2022:809, il-para. 146.

(165) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA u CARBIO sostnew li t-taxxa fuq l-esportazzjoni kienet miżura ta' politika fiskali ta' applikazzjoni ġenerali. Il-GtA ddikjara li s-sorsi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha rrapportati fil-premessa (115) ma jikkonfermawx li l-iskop tagħha kien li tipprovdi fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. CARBIO fakkret li t-taxxi fuq l-esportazzjoni kienu jippreċedu l-istabbiliment tal-industrija tal-bijodiżil fl-Arġentina fl-2007 u ntużaw bħala għodda ta' politika fiskali. CARBIO rrapportat li dawn jistgħu saħansitra jikkostitwixxu piż għall-produtturi esportaturi, li ma jirċevux rimborż għalihom. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe impatt tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-prezzijiet tal-fażola tas-sojja u kwalunkwe benefiċċju kien ikun effett sekondarju tal-attività ta' ġbir tad-dħul pubbliku tal-GtA u "sempliċement prodott sekondarju tar-regolamentazzjoni tal-gvern" ([71]). Tali attività ordinarja ta' ġbir ta' dħul ma twassalx għall-istandard legali ta' "rwol aktar attiv tal-gvern minn sempliċi atti ta' inkoraġġiment" ([72]).

(166) Il-Kummissjoni fakkret li fil-premessa (116) hija sabet li wieħed mill-objettivi li għalihom il-GtA ngħata s-setgħa li jimponi dazji fuq l-esportazzjoni kien li "*jistabbilizza l-prezzijiet interni f'livelli konvenjenti jew iżomm volum ta' offerti adegwat għall-ħtiġijiet tal-provvista tas-suq intern*". Barra minn hekk, il-premessi minn (117) sa (123) jistabbilixxu l-evidenza disponibbli li turi li t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja kienet maħsuba biex tiżgura l-provvista tal-materja prima b'mod partikolari lill-industrija tal-bijodiżil. Għalhekk, il-Kummissjoni filwaqt li tirrikonoxxi li t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja setgħet intużat ukoll bħala għodda ta' politika fiskali, ikkonkludiet li dan ma kienx l-uniku objettiv tagħha. Sa fejn il-leġiżlazzjoni Arġentina wriet li l-objettiv tal-Istat tat-taxxa fuq l-esportazzjoni kien l-iżvilupp tal-industrija downstream, b'mod partikolari l-industrija tal-bijodiżil, l-impatt tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-prezzijiet mhuwiex "sempliċi prodott sekondarju" tar-regolament tal-GtA, iżda l-intenzjoni ddikjarata tal-GtA. F'dan il-kuntest, il-fatt li t-taxxi fuq l-esportazzjoni kienu qabel l-istabbiliment tal-industrija tal-bijodiżil fl-Arġentina fl-2007 ma jiċħadx il-possibbiltà li sussegwentement tinħoloq għodda ta' politika adattata jew applikata għal objettivi ta' politika ġodda. Fil-fatt, l-investigazzjoni oriġinali sabet li r-raġuni għall-bidla fir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fl-2007 kienet preċiżament "użi produttivi ġodda, li espliċitament jagħtu l-bijofjuwils bħala eżempju" ([73]). Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(167) Wara d-divulgazzjoni finali, CARBIO tenniet il-kummenti tagħha stabbiliti fil-premessi (158) u (160) hawn fuq. Bl-istess mod, il-GtA tenna l-kummenti tiegħu stabbiliti fil-premessa (158). It-tnejn li huma rreferew għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM offrut mill-Panel fil-*US – Export Restraints*, li skontu restrizzjoni fuq l-esportazzjoni "ma tistax tikkostitwixxi provvista ta' merkanzija fdata mill-gvern jew immexxija mill-gvern fis-sens tas-subparagrafu (iv)" ([74]). It-tnejn semmew ukoll li l-Unjoni qablet espressament ma' din il-ġurisprudenza fis-sottomissjoni tagħha ta' partijiet terzi fil-*US – Export Restraints* ([75]). Barra minn hekk, CARBIO sostniet li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ma jistgħux jikkostitwixxu mezz biex jiġu fdati jew diretti atturi privati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) (iv) tar-Regolament bażiku. B'appoġġ, CARBIO rreferiet għall-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti Ġenerali ([76]) u għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM mill-Panel fiċ-*China – GOES* ([77]), u fil-*US – Countervailing Measures (China)*, li spjegat li "[m]eta l-Gvern taċ-Ċina jillimita l-kapaċità tal-produtturi domestiċi tal-manjeżja u tal-kokk li jesportaw dawk il-prodotti, ma "jagħtix responsabbiltà" lill-produtturi domestiċi biex jagħmlu xejn" ([78]). Konsegwentement, CARBIO argumentat li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' inkarigar jew ordni. Minn dan isegwi li, fil-fehma ta' CARBIO, it-taxxi fuq l-esportazzjoni, kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ, ma kinux jikkostitwixxu sussidji kumpensabbli.

([71]) T-300/16, *Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni*, il-para. 117 u r-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Countervailing Duty Investigation on Dynamic Random Access Memory Semiconductors (DRAMS) from Korea*, WT/DS296/AB/R, adottat fl-20 ta' Lulju 2005, DSR 2005: XVI, p. 8131, il-para. 114.

([72]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *US – Countervailing Duty Investigation on DRAMS*, il-para. 114.

([73]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (93), kif ukoll il-premessi (94)-(95).

([74]) Ir-Rapport tal-Panel, *United States – Measures Treating Exports Restraints as Subsidies*, WT/DS194/R u Corr.2, adottat fit-23 ta' Awwissu 2001, DSR 2001: XI, p. 5767, il-paragrafi 8.38 u 8.75.

([75]) L-Anness B-1: Sommarju Eżekuttiv tas-Sottomissjoni bil-Miktub ta' Parti Terza tal-KE, WT/DS194/R, il-para. 17 u l-paġna 6.

([76]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, *Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs il-Kummissjoni*, T-300/16, ECLI:EU:T:2019:235, il-para. 108.

([77]) Ir-Rapport tal-Panel, *China – Countervailing and Anti-Dumping Duties on Grain Oriented Flat-rolled Electrical Steel from the United States*, WT/DS414/R, u Add.1, adottat fis-16 ta' Novembru 2012, ikkonfermat mir-Rapport tal-Korp tal-Appell WT/DS414/AB/R, DSR 2012: XII, p. 6369, il-para. 7.85.

([78]) Ir-Rapport tal-Panel, *United States – Countervailing Duty Measures on Certain Products from China*, WT/DS437/R u Add.1, adottat fis-16 ta' Jannar 2015, kif modifikat mir-Rapport tal-Korp tal-Appell WT/DS437/AB/R, DSR 2015:I, p. 183.

(168) Il-Kummissjoni nnotat li ma analizzatx biss ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni bħat-taxxa fuq l-esportazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-qamħirrum u l-qamħ, iżda sett sħiħ ta' miżuri li jinkludu – iżda mhux limitati għal – dawk ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, deskritti fil-premessi minn (101) sa (150). Dan is-sett ta' miżuri, meħud flimkien, ippermetta lill-GtA jinkariga jew jordna lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex jikkonformaw mal-objettivi tal-politika tiegħu b'mod li jammonta għal sussidju kumpensabbli kif speċifikat fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-affermazzjonijiet li japplikaw biss għar-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni huma ineffettivi fil-kuntest tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħudin.

(169) CARBIO kellha l-għan li tirreferi l-Kummissjoni għas-sentenza *PT Wilmar Bioenergi Indonesia et vs Il-Kummissjoni* fil-premessa (159) hawn fuq, b'mod partikolari li tappoġġja d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni nnifisha pprovdiet biżżejjed evidenza li t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja ntużat bħala għodda, flimkien ma' strumenti oħra, biex il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jiġu mħeġġa jikkonformaw mal-objettivi ta' politika ddikjarati b'mod li jammonta għal sussidju kumpensabbli. CARBIO sostniet li s-sentenza ma tappoġġjax din id-dikjarazzjoni, speċjalment minħabba li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni inkwistjoni f'dik is-sentenza kienu marbuta mal-prezzijiet internazzjonali.

(170) Il-Kummissjoni qieset li s-sentenza msemmija fil-premessa (159) tappoġġja li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-objettiv tas-sistemi ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jista' jkun li jappoġġaw direttament u indirettament l-industrija tal-bijodiżil. Madankollu, hija ma rreferietx għal din is-sentenza b'appoġġ tal-konstatazzjoni tagħha dwar it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(171) Barra minn hekk, il-GtA, filwaqt li rrikonoxxa li l-Kummissjoni identifikat b'mod korrett il-bażi taxxabbli differenti (jiġifieri l-prezz frank abbord (FOB) ikkunsidrat) għall-fażola tas-sojja u għaż-żejt tal-fażola tas-sojja minn naħa waħda, u għall-bijodiżil min-naħa l-oħra, sostna li l-Kummissjoni ħawditu mal-valur taxxabbli (jiġifieri, il-valur li fuqu tiġi kkalkulata t-taxxa fuq l-esportazzjoni) u interpretat ħażin id-differenza bejn ir-rata effettiva tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil u r-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u ż-żejt tal-fażola tas-sojja fil-premessa (113). Skont il-GtA, il-Kummissjoni missha qabblet ir-rata effettiva tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil mal-allegata rata effettiva tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja u ż-żejt tal-fażola tas-sojja, li kienet ħafna aktar baxxa. Tabilħaqq, skont il-GtA, filwaqt li l-bażi taxxabbli hija differenti, il-mod kif jiġi kkalkolat il-valur taxxabbli huwa l-istess għat-tliet taxxi tal-esportazzjoni.

(172) Il-Kummissjoni nnotat li l-GtA pprovda informazzjoni kontradittorja f'dan ir-rigward. Il-GtA nnifsu, bi tweġiba għall-mistoqsija C.II.22 tal-kwestjonarju, spjega li "Meta l-oġġetti jkunu soġġetti għal Prezzijiet Uffiċjali (pereżempju, oġġetti skont il-Liġi Nru 21453 [jiġifieri, fażola tas-sojja u żejt tal-fażola tas-sojja]), il-Valur Taxxabbli jkun ugwali għall-Prezz Uffiċjali". Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni identifikat b'mod korrett il-valur taxxabbli tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja fil-prezz frank abbord (FOB) uffiċjali, b'tali mod li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tinġabar direttament fuq il-prezz frank abbord (FOB) uffiċjali, mingħajr ma tiġi kkalkolata rata effettiva għall-fażola tas-sojja u għaż-żejt tal-fażola tas-sojja. Għalhekk, id-differenza deskritta fil-premessa (113) u rrapportata f'sorsi pubbliċi hija fil-fatt fis-seħħ. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(173) Il-GtA kkritika wkoll il-karatterizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-fażola tas-sojja bħala "irrazzjonali" bħala konsegwenza tal-miżuri tal-GtA fil-premessa (123), iffaċċjati bi produzzjoni b'saħħitha prevista fl-2025.

(174) Il-Kummissjoni nnotat li l-karatterizzazzjoni irrazzjonali rreferiet għall-bejgħ, aktar milli għall-produzzjoni, u ċaħdet din l-affermazzjoni.

(175) Barra minn hekk, il-GtA sostna li l-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ ma kinux appoġġ għall-produtturi tal-fażola tas-sojja iżda pjuttost kellhom l-għan li jtaffu d-disturbi fis-suq li jirriżultaw mill-aggressjoni militari tar-Russja fl-Ukrajna. Il-GtA sostna wkoll li, għall-kuntrarju, l-analiżi tal-Kummissjoni ffukat fuq l-effetti tal-miżura. Barra minn hekk, il-GtA nnota li huwa mmodifika l-volumi tal-ibbilanċjar 'l fuq matul is-sena, mhux 'l isfel, li kienet tkun id-direzzjoni mfittxija li kieku l-objettiv kien li tinċentiva l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja. Fl-aħħar nett, skont il-GtA, il-Kummissjoni ma qisitx li l-produtturi tal-fażola tas-sojja huma liberi li jibdlu l-għelejjel u li l-kwota mtliet kważi flimkien mal-perjodu ta' żmien tal-validità tagħha.

(176) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (136) li l-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni kkontribwew biex jiffavorixxu l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, aktar milli jappoġġawha. Barra minn hekk, il-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni ġew introdotti permezz tar-Riżoluzzjoni 276/2021, datata s-16 ta' Diċembru 2021, qabel l-aggressjoni militari tar-Russja fl-Ukrajna fi Frar 2022. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kkumpensatx il-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni individwalment, iżda bħala parti minn sett ta' miżuri li permezz tagħhom il-GtA inkariga jew ordna lill-fornituri tal-fażola tas-sojja bl-objettiv espliċitu li jipprovdi fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Il-modifiki tal-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni kienu bbażati fuq il-konsum domestiku u l-ħtiġijiet tal-esportazzjoni. Għalhekk, aġġustament 'il fuq tal-volumi sempliċiment irrifletta tnaqqis fil-konsum domestiku u ħtieġa akbar ta' esportazzjoni. Għall-kuntrarju, l-objettiv li tiġi ffavorita l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja ntwera mill-istess impożizzjoni tal-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjonijiet fuq il-qamħirrum u l-qamħ. Ta' min jinnota li l-impożizzjoni tal-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni seħħet wara perjodu mingħajr restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni. Matul dan il-perjodu mingħajr restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja kienet naqset, filwaqt li l-produzzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ żdiedet. Il-libertà li wieħed jaqleb bejn l-għelejjel issaħħaħ il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, peress li d-data dwar il-produzzjoni fil-Graff 1 turi l-korrelazzjoni qawwija bejn il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, kif muri wkoll mill-għażla mill-produtturi tal-għelejjel fil-perjodu mingħajr restrizzjonijiet. Fl-aħħar nett, il-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni żammew hard cap, kif muri mill-fatt li l-volumi ġew eżawriti, u għalhekk l-istess eżistenza tiegħu tiffavorixxi l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.3.2. Inkarigar jew ordni lil korpi privati fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku

(177) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina humiex korpi privati inkarigati jew ordnati mill-GtA skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(178) Il-produtturi esportaturi Arġentini fil-kampjun kienu qed jixtru l-fażola tas-sojja kollha użata fil-produzzjoni tal-bijodiżil minn sorsi domestiċi. Dawn inxtraw minn azjendi agrikoli privati tal-fażola tas-sojja, minbarra ċerti volumi ta' fażola tas-sojja miksuba mill-kumpanija tal-Istat YPF SA.

(179) Il-GtA spjega li l-Arġentina għandha aktar minn 60 000 bidwi tal-fażola tas-sojja, mifruxa fuq żona vasta u li jipproduċu taħt kundizzjonijiet ekonomiċi u produttivi differenti, u sostna li ma jistgħux jitqiesu bħala korp privat inkarigat jew ordnat skont l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens, iżda għall-fatt li huma soġġetti għas-setgħa regolatorja tal-Istat u għall-politika fiskali li jiddetta, li hija ta' applikazzjoni ġenerali.

(180) Il-Kummissjoni nnotat li l-għadd jew id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-post jew tal-produzzjoni ma jitkellmux fihom infushom kontra sejba ta' inkarigar jew direzzjoni. Minflok, l-istruttura frammentata tas-suq tal-fażola tas-sojja titkellem dwar dgħufija fil-bilanċ tas-suq, speċjalment meta mqabbla mal-ftit esportaturi tal-bijodiżil integrati vertikalment (inqas minn tużżana, skont il-GtA), li huma wkoll it-taħħana ewlenin tal-fażola tas-sojja, b'ħafna aktar saħħa fis-suq. Barra minn hekk, il-politika fiskali inkwistjoni – it-taxxi fuq l-esportazzjoni – mhijiex ta' applikazzjoni ġenerali, iżda tolqot prodotti agroalimentari speċifiċi u d-derivattivi tagħhom, b'mod partikolari l-fażola tas-sojja, iż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-bijodiżil. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(181) Għalhekk, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni qieset li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-kultivaturi kollha tal-fażola tas-sojja huma korpi privati li ġew inkarigati mill-GtA skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku biex jipprovdu l-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

3.3.1.3.3. Il-provvediment ta' fażola tas-sojja mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata

(182) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni investigat jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fil-fatt wettqux il-politika governattiva Arġentina biex jipprovdu l-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(183) Il-Kummissjoni wettqet l-istess analiżi billi aġġornat id-data miġbura dak iż-żmien. F'konformità mal-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (85), il-Kummissjoni kellha tuża parzjalment il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina jekk kienx hemm dispożizzjoni ta' fażola tas-sojja minn kultivaturi tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(184) Permezz tas-sett ta' miżuri deskritt fil-premessi minn (101) sa (150), il-GtA ħeġġeġ lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja sabiex ibigħu lokalment bi prezzijiet aktar baxxi mis-soltu jiġifieri kieku ma kienx hemm dawk il-miżuri, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja kienu jesportaw il-fażola tas-sojja bil-prezz ħafna ogħla tas-suq dinji jew sempliċiment kienu jibdlu l-provvista tagħhom biex jakkomodaw ir-restrizzjonijiet tas-suq. Għall-kuntrarju, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ma għamlux dan minħabba l-politika tal-GtA li ssaħħaħ l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil downstream.

(185) Kif muri fit-Tabella 1, prattikament il-produzzjoni domestika kollha tal-fażola tas-sojja tkompli tiġi pproċessata billi tinsaħaq f'żejt tal-fażola tas-sojja. Id-data rigward il-produzzjoni, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tisħiq domestiku tal-fażola tas-sojja matul is-snin hija kif ġej:

Tabella 1

Fażola tas-sojja, żejt tal-fażola tas-sojja u produzzjoni tal-bijodiżil Arġentini

	Produzzjoni tal-fażola tas-sojja (MT)	Esportazzjonijiet tal-fażola tas-sojja (MT)	Importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja (MT)	Tisħiq tal-fażola tas-sojja (MT)	Produzzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja (MT)	Konsum domestiku taż-żejt tal-fażola tas-sojja (MT)	Produzzjoni tal-bijodiżil (MT)
2020	48 780 412	6 640 000	4 930 000	42 680 000	7 160 243	1 791 370	1 157 364
2021	46 217 911	5 500 000	4 430 000	45 840 000	8 392 043	2 524 210	1 723 665
2022	43 861 066	5 540 000	4 570 000	39 940 000	7 447 690	2 890 010	1 909 618
2023	25 044 982	2 000 000	10 000 000	38 500 000	5 270 048	1 887 864	831 269

Sors: It-tweġiba tal-GtA għall-kwestjonarju, li ġejja minn diversi bażijiet tad-data Arġentini disponibbli għall-pubbliku ([79]). Id-data dwar il-produzzjoni tal-bijodiżil minn Ottubru sa Diċembru 2023 biss inkisbet mil-link li ġejja: http://datos.energia.gob.ar/dataset/estadisticas-de-biodiesel-y-bioetanol/archivo/4e04bc74-8625-412c-acc2-48412f2509b4. Id-data għal Diċembru 2023 kienet għadha proviżorja.


(186) Kif spjegat fil-premessa (133), it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-fażola tas-sojja sal-2022 kien dovut għat-tneħħija tal-kwoti tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ flimkien ma' miżuri għad-difiża tal-kummerċ mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti u l-Perù. It-tnaqqis li ġej fl-2023 kien dovut għal nixfa sinifikanti fl-Arġentina. Fl-2024, wara n-nixfa l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja rkuprat u żdiedet meta mqabbla mal-produzzjoni ta' qabel in-nixfa fl-2022.

([79]) Id-data rrapportata għat-tisħiq tal-fażola tas-sojja rreferiet għal tisħiq u użi oħra, skont it-tweġiba tal-kwestjonarju tal-GtA, u din inkisbet mill-*Estimaciones Agrícolas* ta' kull xahar ippubblikati mis-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd tal-Ministeru tal-Ekonomija (https://www.magyp.gob.ar/sitio/areas/estimaciones/estimaciones/informes/). Sabiex tidentifika l-volumi ta' tisħiq biss, il-Kummissjoni rrikorriet għal data uffiċjali oħra ppubblikata kull xahar fl-*Industrialización de granos* mis-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd tal-Ministeru tal-Ekonomija(https://www.magyp.gob.ar/sitio/areas/gestion/). Madankollu, din id-data wriet volumi ogħla għat-tisħiq (*industrialización*) biss għal ċerti snin ta' ħsad (minn April sa Marzu) meta mqabbla mas-sett ta' data użat mill-GtA. Għalhekk, peress li l-biċċa l-kbira tal-konsum tal-fażola tas-sojja rriżulta ddedikat għat-tisħiq u sabiex jiġu ppreservati l-konsistenza u l-komparabbiltà tad-data ppreżentata fit-Tabella 1, il-Kummissjoni użat id-data sottomessa mill-GtA għat-tisħiq u użi oħra bħala li tirreferi għat-tisħiq biss, filwaqt li qieset li din id-data tista' tiġi sottovalutata.

(187) Ix-xejra tidher fil-Grafika 2 hawn taħt (f'MT):

Graff 2

Ipproċessar tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina



Sors: data pprovduta fit-Tabella 1.

(188) It-Tabella 1 u l-Graff 2 juru li prattikament il-produzzjoni kollha tal-fażola tas-sojja bdiet tinsaħaq u l-konsum domestiku taż-żejt tal-fażola tas-sojja li rriżulta ntuża b'mod predominanti għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Barra minn hekk, anke meta ffaċċjata bi produzzjoni baxxa li rriżultat min-nixfa tal-2023, l-Arġentina importat aktar fażola tas-sojja sabiex timla l-kapaċità ta' tiswiq tagħha.

(189) Barra minn hekk, il-fażola tas-sojja tiġi esportata biss meta l-konsum domestiku għat-tiswiq tal-fażola tas-sojja u għall-produzzjoni tal-bijodiżil ikun kompletament sodisfatt. It-Tabella 1 u l-Graff 2 juru wkoll l-importazzjonijiet limitati ħafna tal-fażola tas-sojja matul is-snin tal-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni, bl-eċċezzjoni tas-sena tan-nixfa 2023. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-mudell tan-negozju osservat mal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. L-ebda wieħed minnhom ma importa l-fażola tas-sojja għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Minflok, huma importaw il-fażola tas-sojja esklussivament għall-użu fl-impjanti tat-tiswiq tagħhom imbagħad esportaw iż-żejt u d-dqiq kollu tal-fażola tas-sojja li rriżulta barra mill-Arġentina.

(190) Għaldaqstant, l-għan ewlieni tal-miżuri tal-GtA ntlaħaq: il-fażola tas-sojja prodotta domestikament issodisfat bis-sħiħ id-domanda domestika għal input għall-produzzjoni domestika tal-bijodiżil għad-detriment tal-produtturi tal-fażola tas-sojja li ma setgħux jottimizzaw il-profitti tagħhom billi jesportaw il-prodotti kollha tagħhom jew ibigħu domestikament bi prezzijiet oġħla minħabba r-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni.

(191) Skont il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO, jenħtieġ li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikun hemm xi forma ta' theddida jew inċitament mill-gvern lill-fornituri ta' inputs biex tkun evidenzjata l-eżistenza ta' inkarigar u ordnar. Li jitħalla marġni ta' diskrezzjoni ma jeskludix awtomatikament dik il-konklużjoni. Din l-analiżi każ b'każ hija bbażata fuq l-evidenza. F'dan il-każ, il-fatt li l-esportazzjonijiet huma pjuttost limitati f'suq tal-komoditajiet internazzjonali ħafna fejn l-Arġentina hija wieħed mill-produtturi ewlenin tal-fażola tas-sojja madwar id-dinja huwa notevoli, speċjalment meta jitqies li l-prezz fis-swieq internazzjonali huwa oġħla b'mod sinifikanti mill-prezz domestiku fl-Arġentina (ara l-Graff 3).

(192) L-evidenza li tinsab fil-leġiżlazzjoni Arġentina (ara l-premessi minn (116) sa (120)) turi li l-objettiv tal-politika tal-GtA huwa li jiżviluppa u jiffavorixxi l-valur miżjud ogħla tal-industriji downstream, inkluż il-bijodiżil. Barra minn hekk, il-GtA ddikjara b'mod ċar l-għan tiegħu li jipproteġi lill-industriji downstream miż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali.

(193) Huwa ċar ukoll li l-għadd kbir ta' bdiewa żgħar tal-fażola tas-sojja, minkejja li ma twaqqfux formalment mill-GtA milli jesportaw il-prodotti tagħhom, huma mħeġġa minn dawn il-politiki biex ibigħu domestikament kważi l-produzzjoni kollha tagħhom u bi prezzijiet aktar baxxi milli kieku kienu jiksbu fis-swieq internazzjonali. Ma hemm l-ebda evidenza fil-file li l-GtA bl-ebda mod qed jipprova jinkoraġġixxi u/jew jappoġġa b'mod attiv direttament jew indirettament żieda fl-esportazzjonijiet u għalhekk massimizzazzjoni tal-profitti għall-bdiewa tal-fażola tas-sojja minkejja d-diffikultajiet magħrufa tal-bdiewa ż-żgħar biex isibu klijenti barra mill-pajjiż, jikkomunikaw b'lingwa barranija, u jirranġaw il-formalitajiet amministrattivi diffiċli kollha għall-esportazzjonijiet.

(194) Fin-nuqqas ta' evidenza oħra dokumentata rigward il-kuntrarju, u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti mill-GtA li jipprovdi evidenza u informazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-evidenza turi l-persważjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu l-prodott tagħhom fis-suq domestiku għall-benefiċċju tal-industriji downstream (inklużi l-kultivaturi tal-bijodiżil) minflok jimmassimizzaw ir-redditu tagħhom pereżempju billi jsibu mezzi oħra biħall-adattament tal-produzzjoni tagħhom jew saħansitra jaqilbu għal xi tip ta' produzzjoni oħra (pereżempju ħbub oħrajn).

(195) Il-fatt li għad hemm ċertu grad ta' diskrezzjoni għall-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu barra mill-pajjiż mill-inqas formalment u li saru esportazzjonijiet limitati ħafna ma jdgħajjifx il-konklużjoni ewlenija dwar l-eżistenza tal-inkarigar jew l-ordnar tagħhom f'konformità mal-ġurisprudenza tad-WTO ([80]).

(196) Barra minn hekk, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni analizzat l-impatt tal-provvista tal-fażola tas-sojja minħabba l-miżuri tal-GtA fuq il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina.

(197) Il-Kummissjoni użat il-prezz domestiku medju tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina li huwa bbażat fuq data ta' kull xahar minn Buenos Aires Grain Exchange għal Rosario, Bahia Blanca, u Quequen ipprovduta mill-GtA.


(198) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun importaw xi fażola tas-sojja. Għalkemm il-kumpaniji ma użawx dawn l-importazzjonijiet għall-produzzjoni tal-bijodiżil — dawn intużaw biex isir iż-żejt tal-fażola tas-sojja li mbagħad ġie esportat, il-prezz ta' dawn l-importazzjonijiet seta' jitqies rappreżentattiv, peress li l-fażola tas-sojja ġiet importata biex tinsaħaq u tiġi esportata mill-ġdid bħala żejt tal-fażola tas-sojja u l-prezz tagħha kien jirrifletti l-prezz tas-suq dinji għall-fażola tas-sojja (il-Golf tal-Messiku).

(199) Il-Graff 3 hawn taħt turi l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (ħlief ix-xhur fejn ma ġie rrapportat l-ebda prezz domestiku) u d-differenza fil-prezz bejn il-prezz domestiku Arġentin u l-prezz tas-suq dinji.

([80]) Ir-Rapport tal-Bord, DS 296, *US – Countervailing Duty Investigation on DRAMS*), il-paragrafu 7.38. Filwaqt li r-Rapport tal-Panel ġie appellat, din il-konklużjoni b'mod partikolari, ma ġietx appellata.

Graff 3

Il-prezz domestiku Arġentin meta mqabbel mal-prezz tas-suq dinji



Sors: It-tweġiba għall-kwestjonarju tal-GtA għall-prezz domestiku Arġentin, it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għall-prezz tal-importazzjoni tagħhom, u l-indiċi tal-Golf tal-Messiku kif irrapportat fuq is-sit web tas-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd (https://www.magyp.gob.ar/sitio/areas/ss_mercados_agropecuarios/areas/granos/_archivos/000057_Precios%20Internacionales/_series/_golfo_mex/golfo_mexico.php).

(200) Il-Graff 3 turi differenza fil-prezz bejn il-prezz domestiku Arġentin u l-prezz tas-suq dinji, kif ukoll il-prezz tal-importazzjoni tal-kost, assigurazjoni u nol (CIF) tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-politika ta' direzzjoni tal-GtA ma tħallix lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jagħmlu qligħ skont il-prezzijiet tas-suq dinji. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma effettivament imċaħħda mill-għażla razzjonali li jbigħu fis-swieq internazzjonali bi prezzijiet ferm ogħla.

(201) Minflok, qegħdin jiksbu qligħ simili kemm fis-suq domestiku kif ukoll dak internazzjonali, billi jkollhom inaqqsu l-prezzijiet domestiċi bl-ammont tat-taxxa fuq l-esportazzjoni. Permezz ta' dan, il-GtA jrażżan il-prezzijiet domestiċi għall-benefiċċju tal-industrija domestika tal-ipproċessar.

(202) Il-GtA jordna billi jċaħħad lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja minn għażla razzjonali. Barra minn hekk, kif jista' jiġi osservat miċ-ċart, id-differenza fil-prezz bejn il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet internazzjonali mhux biss baqgħet konsistenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami iżda pproteġiet ukoll l-industrija tal-bijodiżil u l-industriji downstream l-oħra kollha (bħal kraxers, li huma prinċipalment integrati mal-produtturi tal-bijodiżil) mill-prezzijiet ogħla fis-suq internazzjonali.

(203) Konsegwentement, is-sett ta' miżuri tal-GtA laħaq l-għan predefinit tiegħu, jiġifieri, li jnaqqas il-prezzijiet domestiċi fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali għall-benefiċċju tal-industrija domestika b'valur miżjud, inkluż il-bijodiżil.

(204) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina kienu inkarigati jew ordnati biex jipprovdu fażola tas-sojja lill-industrija domestika tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(205) Wara d-divulgazzjoni finali, CARBIO sostniet li, fir-rieżami ta' skadenza attwali, il-Kummissjoni ma kkonkludietx li l-produtturi tal-fażola tas-sojja ma jkunux liberi li jistabbilixxu l-prezz tal-fażola tas-sojja, għall-kuntrarju tal-investigazzjoni oriġinali ([81]). CARBIO nnotat li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun spjegaw matul il-verifika li fis-suq tal-fażola tas-sojja x-xerrejja u l-bejjiegħa jittranżitaw u jistabbilixxu l-prezzijiet liberament. Barra minn hekk, CARBIO argumentat li t-taxxa fuq l-esportazzjoni ma ċċaħħadx lill-fornituri tal-fażola tas-sojja mill-għażla razzjonali tagħhom u ma ddgħajjifx il-kapaċità tagħhom li jesportaw, kif muri mit-Tabella 1 u mill-premessa (195). Fl-aħħar nett, il-kultivaturi baqgħu liberi li jiddeċiedu liema għelejjel għandhom ikabbru.

(206) Għall-kuntrarju ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (161) li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja baqa' taħt il-prezz tas-suq dinji u li l-produtturi tal-fażola tas-sojja ma kinux liberi li jistabbilixxu l-prezz tal-esportazzjoni minħabba t-taxxa fuq l-esportazzjoni. L-ispjegazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma kkontradixxewx dawn iż-żewġ sejbiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessi (161) u minn (193) sa (195) u kif il-grad ta' diskrezzjoni tal-produtturi tal-fażola tas-sojja kien ristrett mill-GtA. Fl-aħħar nett, il-libertà li jiġi deċiż liema għelejjel għandhom jikbru ma waqqfitx lill-Kummissjoni milli tikkonkludi fil-premessa (135) hawn fuq li l-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni kkontribwew biex jiffavorixxu l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fuq il-qamħirrum u l-qamħ. Għalhekk, dawn it-talbiet ġew miċħuda.

(207) Il-GtA sostna li n-nuqqas ta' evidenza tal-azzjoni tal-GtA biex jappoġġa l-attività tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-fażola tas-sojja ma għandux jiġi assimilat ma' evidenza kuntrarja. Barra minn hekk, skont il-GtA, il-Kummissjoni ma qisitx li s-suq internazzjonali tal-komoditajiet huwa kumpless, u l-produtturi tal-fażola tas-sojja ma jinvolvux ruħhom fih direttament iżda pjuttost permezz ta' negozjanti.

(208) Il-Kummissjoni nnotat li s-sejba tagħha kienet tikkonċerna l-grad ta' diskrezzjoni tal-produtturi tal-fażola tas-sojja ristrett mill-GtA, abbażi ta' evidenza pożittiva miġbura fil-kuntest tal-investigazzjoni – aktar milli n-nuqqas tagħha – u l-GtA ma pprovda l-ebda evidenza ulterjuri wara d-divulgazzjoni finali. Il-fatt li s-suq internazzjonali tal-komoditajiet ġeneralment jiġi aċċessat permezz tan-negozjanti ma għandux jipprevjeni l-esportazzjonijiet mill-produtturi tal-fażola tas-sojja. Tabilħaqq, il-produtturi esportaturi tal-bijodiżil Arġentini ġeneralment jesportaw permezz ta' negozjanti. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.3.4. Il-funzjoni li normalment tkun vestita fil-gvern u l-prattika, li, fl-ebda sens reali, ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet

(209) Kif instab fl-investigazzjoni oriġinali ([82]), il-Kummissjoni qieset li l-provvista ta' fażola tas-sojja li tinsab fil-ħamrija Arġentina lill-industrija tal-bijodiżil Arġentina hija funzjoni normalment vestita fil-gvern, abbażi tal-fatt li, skont id-dritt internazzjonali ġenerali, l-Istati għandhom sovranità fuq ir-riżorsi naturali tagħhom. Minflok jipprovdi l-inputs direttament lill-industrija tal-bijodiżil sabiex jikseb l-għanijiet ta' politika pubblika tal-GtA li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil, inkluż il-potenzjal ta' esportazzjoni tagħha, il-GtA jġiegħel lill-entitajiet privati jagħmlu dan f'ismu permezz ta' sett ta' miżuri, u b'hekk iwettaq funzjoni li fl-ebda sens reali ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet u li jinvolvu s-sagrifiċċju tad-dħul.

(210) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA sostna li l-forniment tal-fażola tas-sojja ma kienx funzjoni normalment vestita fil-gvern, minħabba li l-GtA ma pparteċipax fl-attivitajiet li jikkonċernaw il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja. Bl-istess mod, CARBIO sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi xi evidenza li turi li d-deċiżjonijiet meħuda minn fornituri privati dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tal-fażola tas-sojja, ikkultivata fuq art privata fl-Arġentina, jirriflettu funzjoni li normalment hija vestita fil-GtA. Skont il-GtA u CARBIO, is-sempliċi fatt li Stat jista' jeżerċita setgħat regolatorji fir-rigward tar-riżorsi naturali fit-territorju tiegħu ma jfissirx li l-forniment ta' dawk ir-riżorsi naturali lin-negozji privati huwa wkoll funzjoni normalment vestita fil-gvern. Għall-kuntrarju, l-isfruttament kummerċjali, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' riżorsi naturali hija funzjoni li normalment hija vestita f'impriżi privati, bl-irwol tal-Istat ikun limitat għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza. Fi kliem ieħor, filwaqt li r-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tar-riżorsi naturali huma funzjoni li normalment hija vestita fil-gvern, l-involviment dirett fil-forniment ta' riżorsi naturali lil entitajiet privati mhuwiex.

([81]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (125).
([82]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (164).

(211) L-ewwel nett, fir-rigward tal-argumenti li l-GtA ma pparteċipax fil-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, li l-forniturі huma proprjetà privata u li jbigħu fażola tas-sojja kkultivata fuq art privata, il-Kummissjoni nnotat li l-GtA inkariga jew ordna lill-produtturi tal-fażola tas-sojja biex jilħqu objettiv ta' politika partikolari. Tali forniment ta' fażola tas-sojja mill-produtturi inkarigati tal-fażola tas-sojja ma kienx differenti minn sitwazzjoni fejn il-GtA nnifsu kien il-produttur tal-fażola tas-sojja direttament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mad-distinzjoni artifiċjali magħmula minn CARBIO, fejn l-isfruttament, id-distribuzzjoni u l-bejgħ kummerċjali tar-riżorsi naturali mhumiex funzjoni normalment vestita fil-gvern, li hija limitata biex tirregola u tissorvelja r-riżorsi naturali. Il-konsegwenzi ta' tali approċċ ikunu li l-forniment ta' oġġetti jew servizzi għal remunerazzjoni inqas minn adegwata qatt ma jista' jitqies bħala funzjoni mogħtija lill-gvern, minħabba li l-funzjoni tal-Istat tkun sempliċiment li jirregola l-forniment ta' tali oġġett jew servizz. Il-Kummissjoni ma aċċettatx tali distinzjoni u qieset li, preċiżament bis-saħħa tal-eżerċizzju tas-setgħat regolatorji tal-GtA fil-forniment tal-fażola tas-sojja, tali forniment ta' fażola tas-sojja jista' jiġi ttrattat bħala funzjoni normalment vestita fil-gvern. F'dan il-kuntest, il-fatt li r-riċevituri ta' dan l-oġġett huma entitajiet privati aktar milli proprjetà tal-Istat ma għandux impatt fuq din il-konklużjoni, peress li huwa irrilevanti għall-objettiv ta' politika tal-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.3.5. Konklużjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja

(212) Permezz ta' sett ta' miżuri, inklużi taxxi fuq l-esportazzjoni, restrizzjonijiet kwantitattivi, sussidji lill-kultivaturi domestiċi, u dikjarazzjonijiet ta' politika pubblika, il-GtA pperswada lill-kultivaturi domestiċi tal-fażola tas-sojja sabiex ibigħu l-fażola tas-sojja lokalment u "inkarigahom" jew "ordnalhom" sabiex jipprovdu din il-materja prima fl-Arġentina għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Il-miżuri inkwistjoni kisbu l-effett mixtieq li jfixklu s-suq domestiku tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina u li jnaqqsu l-prezz għal livell artifiċjalment baxx għall-benefiċċju tal-industrija downstream tal-bijodiżil. Il-funzjoni li tipprovdi fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata normalment hija vestita fil-gvern fid-dawl tal-objettiv pubbliku li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil. Barra minn hekk, il-prattika tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja li jwettqu din il-funzjoni, fl-ebda sens reali, ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet meta jkunu qed ifittxu objettivi ta' politika simili permezz ta' forom oħra ta' appoġġ (bħal għotjiet jew dħul mitluf).

(213) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GtA pprovda kontribuzzjoni finanzjarja indiretta skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1 (a)(iv) tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens.

3.3.1.4. Appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz

(214) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni qieset li l-kategoriji ta' "kontribuzzjoni finanzjarja" u ta' "appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz" ma kinux reċiprokament esklużivi ([83]). F'konformità ma' din l-interpretazzjoni, minbarra li eżaminat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GtA jistax jiġi kkaratterizzat bħala "kontribuzzjoni finanzjarja" fil-forma ta' provvista ta' oġġetti għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk is-sett ta' miżuri tal-GtA jistax jiġi kkaratterizzat ukoll bħala appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku ([84]).

(215) Kif indikat fil-memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza, il-Kummissjoni qieset li fir-rieżami ta' skadenza kurrenti l-applikant ressaq evidenza li tallega li s-sett ta' miżuri tal-GtA jista' jiġi kkaratterizzat ukoll bħala appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-GtA baqax juri l-intenzjoni li jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil; it-tieni, x'tip ta' miżuri adotta jew kompla jadotta l-GtA matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami biex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil; u t-tielet, jekk dawk il-miżuri kinux jikkwalifikaw bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994.

([83]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (171)-(176).
([84]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (177).

3.3.1.4.1. L-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil

(216) Fl-investigazzjoni oriġinali, fil-kuntest tal-analiżi tal-appoġġ għall-introjtu jew għall-prezzijiet, il-Kummissjoni rrapportat il-leġiżlazzjoni li turi l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil, b'mod partikolari d-Digriet 1396/2001 ([85]) ir-Riżoluzzjoni 1156/2004 ([86]) u l-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils.

(217) Fl-investigazzjoni kurrenti, minbarra l-elementi enfasizzati fil-kuntest tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fil-premessi minn (117) sa (122) u l-konklużjoni milħuqa fir-rigward tal-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ fil-premessa (136) u fir-rigward tas-sussidji lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fil-premessa (150), il-Kummissjoni investigat jekk il-leġiżlazzjoni sussegwenti wrietx li l-GtA kellu politika espliċita biex jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija domestika tal-bijodiżil. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils ma kinitx għadha fis-seħħ u ġiet sostitwita bil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils li rregolat il-mandat domestiku tal-bijodiżil.

(218) Fil-premessa (38), il-Kummissjoni diġà fakkret fil-funzjonijiet tas-Segretarjat tal-Enerġija, l-awtorità tal-infurzar skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils. Għall-finijiet tal-analiżi tal-introjtu jew tal-prezz għall-prezzijiet, il-Kummissjoni tfakkar li r-rwol tas-Segretarjat tal-Enerġija li "*Jiggarantixxi d-disponibbiltà tal-inputs meħtieġa għat-tħejjija tal-bijofjuwils għat-taħlit obbligatorju, filwaqt li jkun jista' jarbitra u jistabbilixxi l-mekkaniżmi li jqis meħtieġa sabiex l-akkwist tagħhom jitwettaq skont il-kundizzjonijiet normali u tas-soltu tas-suq u mingħajr ebda distorsjoni, li jistabbilixxi bħala limitu, fejn applikabbli, il-prezz tal-esportazzjoni ta' tali inputs mingħajr il-kostijiet rispettivi*" ([87]). Din il-funzjoni turi li l-GtA fassal il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fir-rigward tal-produzzjoni tal-bijodiżil, u bl-għan li tiġi żgurata provvista suffiċjenti għaliha. Għal dawn il-finijiet, il-GtA ngħata s-setgħa li jistabbilixxi prezz massimu għall-inputs għall-bijodiżil mibjugħ fl-ambitu tal-mandat domestiku li jikkorrispondi għall-prezz tal-esportazzjoni ta' inputs bħal dawn, ladarba jiġu skontati l-kostijiet rilevanti. Fi kliem ieħor, il-prezz tal-inputs destinati għas-suq domestiku kien ikun orħos mill-prezz tal-inputs destinati għas-suq tal-esportazzjoni. Għalhekk huwa evidenti minn din id-dispożizzjoni li l-intenzjoni tal-GtA fil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils kienet li jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil.

(219) Dan huwa kkonfermat aktar u espressament mill-Artikolu 16 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, intitolat "Sostituzzjoni tal-importazzjoni", li jagħti s-setgħa lis-Segretarjat tal-Enerġija li "*jissostitwixxi l-importazzjoni ta' fjuwils fossili b'bijofjuwils*" u li "*jippromwovi investimenti għall-industrijalizzazzjoni ta' materja prima nazzjonali*" ([88]). Kif ikkonfermat mill-GtA matul il-verifika fuq il-post, l-industrijalizzazzjoni (*industrialización*) fil-kuntest tal-katina tal-valur tal-fażola tas-sojja tirreferi għat-tħin innifsu. Għalhekk, fil-prattika, l-Artikolu 16 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils jirreferi għall-promozzjoni ta' investimenti fit-tisħiq tal-fażola tas-sojja biex titrawwem il-produzzjoni tal-bijodiżil. Dan jikkostitwixxi mezz ieħor ta' appoġġ għall-industrija domestika tal-bijodiżil.

(220) Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-iffissar tal-prezz domestiku tal-bijodiżil fl-investigazzjoni oriġinali ([89]) baqgħet valida matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Tabilħaqq, skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-GtA kompla jistabbilixxi l-prezz tal-bijodiżil mibjugħ domestikament fi ħdan il-mandat domestiku tal-bijodiżil, li jikkostitwixxi kważi s-suq domestiku kollu tal-bijodiżil.

(221) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezz domestiku tal-bijodiżil ġie stabbilit kważi fuq bażi ta' kull xahar, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn it-tip ta' kumpaniji, u kien disponibbli għall-pubbliku ([90]).

([85]) *Decreto* 1396/2001, *Plan de Competitividad para el Combustible Biodiesel. Modificaciones al Impuesto sobre los Combustibles Líquidos y el Gas Natural. Normas Complementarias.*

([86]) *Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos, Resolution* 1156/2004, *Biocombustibles, Créase el Programa Nacional de Biocombustibles. Principales objetivos. Misiones y funciones.*

([87]) L-Artikolu 3 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

([88]) L-Artikolu 16 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

([89]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (192)-(195).

([90]) https://glp.se.gob.ar/biocombustible/reporte_precios.php.

(222) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma rċieva kwota u forna s-suq domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni (għalkemm produtturi oħra tal-bijodiżil fi-Renova Group għamlu dan). Madankollu, il-prezzijiet stabbiliti mill-GtA fis-suq domestiku jidhru li huma ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-prezz frank abbord (FOB) tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, fil-perjodi bl-istess prezz domestiku – fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami – meta rrapportaw il-bejgħ tal-esportazzjoni, filwaqt li qiesu l-prezz tal-esportazzjoni tal-prezz frank abbord (FOB) kemm nett mit-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil kif ukoll, ħlief għal żewġ perjodi fejn il-prezzijiet domestiċi u tal-esportazzjoni ġew allinjati, inkluża t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil.

(223) Għaldaqstant, bl-iffissar artifiċjali tal-prezz tal-bijodiżil domestiku f'livell artifiċjalment għoli, il-GtA segwa politika li tipprovdi appoġġ għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil żgħira u medja li tbigħ fis-suq domestiku.

L-appoġġ espliċitu tal-GtA fil-livell nazzjonali u provinċjali lill-industrija tal-bijodiżil

(224) Barra minn hekk, l-applikant indika bħala evidenza tal-appoġġ kontinwu mill-GtA lill-industrija tal-bijodiżil (i) il-programm ta' finanzjament għall-kapital operatorju fl-industrija tal-bijodiżil skont ir-Riżoluzzjoni 947/2023 ([91]), u (ii) id-dħul mitluf permezz tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

(225) Dawn jikkostitwixxu skemi allegati ġodda li jikkonċernaw il-produtturi tal-bijodiżil u l-Kummissjoni analizzathom fl-ambitu tat-taqsimiet rispettivi ta' hawn taħt sabiex tistabbilixxi jekk benefiċċju akkumulax taħt dawn l-iskemi. Madankollu, għall-fini ta' fehim dwar jekk wrewx evidenza tal-appoġġ tal-GtA għall-industrija tal-bijodiżil, il-Kummissjoni analizzat il-bażijiet ġuridiċi tagħhom – fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami – u dikjarazzjoni pubblika dwarhom. L-evidenza mil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils ġiet irrapportata fil-premessi (218) u (219) hawn fuq. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi minn (313) sa (314), l-Artikolu 22 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils deher li jipprevedi eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fjuwil likwidu u t-taxxa fuq id-diossidu tal-karbonju applikabbli biss għall-bijodiżil ta' oriġini nazzjonali mħallat fil-fjuwils. Matul il-verifika fuq il-post, il-GtA deher li kien jikkondividi din il-fehma. Madankollu, it-tweġiba għall-kwestjonarju tal-GtA dehret li tissuġġerixxi li, minflok, skont l-Artikolu 4 tat-Titolu III tal-Liġi 23 966 ([92]), il-bijodiżil imħallat fi fjuwils, kemm jekk ta' oriġini nazzjonali kif ukoll jekk importat, qatt ma huwa soġġett għat-taxxa fuq il-fjuwil likwidu u t-taxxa fuq id-diossidu tal-karbonju, b'tali taxxi jiġu imposti biss fuq il-petrol, iż-żejt tal-gass jew il-komponent tad-diżil tal-fjuwil imħallat, irrispettivament minn jekk tali komponent jew il-bijodiżil imħallat ikunx ta' oriġini nazzjonali jew importata. Tabilħaqq, ma ġiet ipprovduta l-ebda rata għall-bijodiżil fl-Artikolu 4, b'kuntrast ma' fjuwils oħra. Għalhekk baqa' mhux ċar jekk kienx hemm diskriminazzjoni fil-piż fiskali abbażi tal-oriġini tal-bijodiżil.

(226) Kif spjegat fil-premessa (315) hawn taħt, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat benefiċċju fl-ambitu ta' din l-iskema peress li kien evidenti li din it-taxxa ġiet imposta fuq il-fjuwil imħallat li rriżulta wara t-taħlit aktar 'l isfel fil-katina tal-valur, u mhux fil-livell tal-produtturi tal-bijodiżil. Madankollu, il-fatt fih innifsu li l-bijofjuwils, inkluż il-bijodiżil (imsemmija espressament fl-Artikolu 4 tat-Titolu III tal-Liġi 23 966), jitnaqqsu mill-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa fuq il-fjuwil likwidu u t-taxxa fuq id-diossidu tal-karbonju jindika l-intenzjoni ċara tal-GtA li jiffavorixxi l-konsum tal-bijodiżil, b'mod partikolari tal-bijodiżil ta' oriġini nazzjonali, u li b'hekk jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil.

(227) Minflok, fir-rigward tal-programm ta' finanzjament għall-kapital operatorju fl-industrija tal-bijodiżil, l-għan iddikjarat tiegħu kien "li joffri kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar għall-akkwist tal-inputs meħtieġa għall-produzzjoni tal-bijodiżil għat-taħlit obbligatorju mad-diżil skont il-Liġi 27,640" ([93]). Fl-okkażjoni ta' ċerimonja għall-implimentazzjoni tal-programm, il-President tal-Bank Nazzjonali tal-Arġentina ("BNA, Banco de la Nación Argentina"), wieħed mill-akbar banek tal-pajjiż u kompletament proprjetà tal-Istat, iddikjara b'mod espliċitu li l-għan tal-kreditu kien "li joħloq aktar impjiegi u li jkun jista' jkompli jesporta, kif ukoll li jiffranka l-munita barranija" ([94]).

([91]) *Ministerio de Economía, Resolución* 947/2023, RESOL-2023-947-APN-MEC.

([92]) *Ley N°* 23.966, *Financiamiento del Regimen Nacional e Prevision Social. Afectacion del I.V.A.. Impuesto sobre Combustibles Liquidos y Gas Natural. Modificaciones a la Ley del Fondo Nacional de la Vivienda. Derogacion de Regimenes de Jubilaciones Especiales. Impuesto sobre los Bienes Personales no incorporado al Proceso Economico. Destino de los recursos de privatizaciones. Modificacion de la Ley de Tasas Judiciales.*

([93]) L-Artikolu 1, ir-Riżoluzzjoni 947/2023.

([94]) https://biodiesel.com.ar/16276/biocombustibles-la-secretaria-de-energia-de-argentina-lanza-credito-a-tasa-preferencial-para-la-industria-del-biodiesel.

Minn dan isegwi li ma hemm l-ebda dubju fir-rigward tal-fatt li l-programm ta' finanzjament li jipprovdi l-kapital fl-industrija tal-bijodiżil kien maħsub biex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil billi joffri kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar, u speċifikament biex jappoġġa l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil. Filwaqt li fil-premessa (311) hawn taħt il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx mill-programm ta' finanzjament, l-iskema kienet fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-prodotturi eliġibbli tal-bijodiżil, u għalhekk kienet tikkostitwixxi evidenza valida għall-finijiet tal-appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz.

(228) Barra minn hekk, l-applikant allega li diversi azzjonijiet tal-amministrazzjoni provinċjali wrew li l-appoġġ għall-industrija tal-bijodiżil kien preżenti wkoll fil-livell provinċjali.

(229) B'mod partikolari, l-applikant irrapporta li, l-ewwel nett, il-provinċja ta' Santa Fe nediet programm bl-għan li l-karozzi tal-linja pubbliċi kollha jużaw il-bijodiżil fil-forma pura tiegħu (B100) ([95]).

(230) It-tieni, il-provinċja ta' Cordoba ħabbret il-finanzjament ta' krediti għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-konsum lokali tal-bijodiżil ([96]).

(231) It-tielet, għal darba oħra l-provinċja ta' Cordoba implimentat il-politika tagħha dwar il-promozzjoni tal-bijofjuwils permezz tal-Liġi Provinċjali 10721 ([97]), maħsuba biex tikkonsolida l-produzzjoni tal-bijodiżil u tippromwovi s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili bil-bijodiżil. Il-liġi Provinċjali 10721 tistabbilixxi diversi objettivi, inkluż il-konsolidazzjoni tal-produzzjoni tal-bijofjuwils u "Biex *tiġi promossa* s-sostituzzjoni progressiva tal-fjuwils fossili permezz ta' [...] *konsum preferenzjali ta' bijofjuwils*, li għandhom it-tendenza li jintużaw b'mod massiv" (enfasi miżjuda) ([98]).

(232) Dawn il-miżuri kollha fil-livell provinċjali intervenew wara l-investigazzjoni oriġinali.

(233) Fir-rigward tal-miżura l-ġdida meħuda mill-provinċja ta' Santa Fe, din kienet maħsuba biex trawwem l-"użu massiv tal-bijofjuwils (il-bijodiżil [...])" ([99]), f'varjetà ta' setturi ekonomiċi, inkluż b'mod partikolari t-trasport pubbliku u l-flotta. Minbarra l-ħtieġa li t-trasport pubbliku u l-vetturi użati fit-twettiq ta' offerti pubbliċi jużaw il-bijodiżil fil-forma pura tiegħu (B100) bħala fjuwil, il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010 pprevediet il-possibbiltà li tingħata "eżenzjoni u/jew tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu gross, it-taxxa tal-boll u/jew it-taxxa fuq il-vetturi uniċi" lil kumpaniji li kkontribwew għall-finijiet tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010 ([100]). Din il-kontribuzzjoni tkejlet abbażi tal-investimenti magħmula minn dawn il-kumpaniji sabiex jiżdied l-użu tal-bijodiżil fl-attivitajiet tagħhom. Billi ppremjat permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa l-investimenti magħmula minn kumpaniji privati, il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010 rawmet b'mod attiv l-użu tal-bijodiżil (u, għalhekk, il-bejgħ tal-bijodiżil fil-provinċja) f'ħafna setturi ekonomiċi fil-provinċja. Għalhekk, filwaqt li l-eżenzjonijiet mit-taxxa tal-provinċja ta' Santa Fe li minnhom ibbenefikaw il-prodotturi tal-bijodiżil ġew analizzati speċifikament fil-premessi minn (270) sa (289), għall-finijiet ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz, il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010 uriet l-implimentazzjoni fil-livell provinċjali tal-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil.

(234) Fir-rigward tal-miżuri l-ġodda meħuda mill-provinċja ta' Cordoba, fit-talba, l-applikant irrikonoxxa li l-evidenza ta' sussidji mill-provinċja ta' Cordoba ġiet miċħuda fl-investigazzjoni oriġinali, minħabba li l-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx mil-liġijiet provinċjali ta' Cordoba ([101]). Madankollu, l-applikant appoġġa li dawn l-elementi baqgħu ta' interess peress li wrew l-applikazzjoni lokali ta' politika nazzjonali dwar il-bijofjuwils u jistgħu jkunu rilevanti f'każ li l-prodotturi fil-kampjun ikunu differenti għall-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza.

([95]) *Ley provincial* 14010, *Creación del Programa Provincial de Uso Sustentable de Biocombustibles* ("il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010").

([96]) https://biodiesel.com.ar/15931/powerbioempresa-lider-en-la-fabricacion-de-plantas-de-biodiesel-que-acompana-el-programa-de-autocomsumo-de-biodiesel-100-que-impulsa-el-gobierno-de-cordoba https://biodiesel.com.ar/15931/powerbioempresa-lider-en-la-fabricacion-de-plantas-de-biodiesel-que-acompana-el-programa-de-autocomsumo-de-biodiesel-100-que-impulsa-el-gobierno-de-cordoba.

([97]) *Ley provincial* 10721, *Ley de Promoción y Desarrollo para la Producción y Consumo de Biocombustibles y Bioenergía* ("il-Liġi Provinċjali ta' Cordoba 10721").

([98]) L-Artikolu 2(n) tal-Liġi Provinċjali ta' Cordoba 10721.

([99]) L-Artikolu 1 tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010.

([100]) L-Artikolu 5 tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 14010.

([101]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (281).

(235) Il-Kummissjoni nnotat li, filwaqt li l-kampjun inbidel meta mqabbel ma' dak tal-investigazzjoni oriġinali, l-ebda produttur esportatur inkluż fil-kampjun fir-rieżami ta' skadenza attwali ma pproduċa bijodiżil fil-provinċja ta' Cordoba. Għalhekk, huma ma setgħux jibbenefikaw mill-iskemi indikati hawnhekk. Madankollu, is-sussidji mogħtija mill-provinċja ta' Cordoba li l-applikant talab lill-Kummissjoni biex tinvestiga mill-ġdid kienu differenti minn dawk irrapportati hawnhekk u huma indirizzati fil-premessi minn (297) sa (299) hawn taħt. Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fir-rieżami ta' skadenza kurrenti lanqas ma setgħu jibbenefikaw mis-sussidji rrapportati hawnhekk, peress li ma kinux jinsabu fil-provinċja ta' Cordoba. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li produtturi oħra tal-bijodiżil li jinsabu fil-provinċja ta' Cordoba setgħu bbenefikaw minn dawn fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, għall-finijiet ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz biss, il-Kummissjoni qieset li dawn il-miżuri wrew l-implimentazzjoni fil-livell provinċjali tal-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil.

Konklużjoni dwar l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil

(236) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil Arġentina kompliet tidher ukoll matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.3.1.4.2. Miżuri ta' appoġġ għall-industrija tal-bijodiżil

(237) Kif diskuss fil-premessi minn (216) sa (236), l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil kienet evidenti f'serje ta' miżuri, inkluż distorsjoni artifiċjali tas-suq domestiku tal-fażola tas-sojja, l-iffissar tal-prezzijiet tal-bijodiżil mibjugħ fl-ambitu tal-mandat domestiku, il-programm ta' finanzjament għall-kapital operatorju fl-industrija tal-bijodiżil skont ir-Riżoluzzjoni 947/2023, id-dħul mitluf permezz tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, u l-miżuri promulgati mill-provinċji ta' Santa Fe u Cordoba. Dawn il-miżuri appoġġaw direttament jew indirettament l-introjtu tal-produtturi tal-bijodiżil. Barra minn hekk, bil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, il-GtA kompla r-reġim ta' promozzjoni għall-produzzjoni tal-bijodiżil diġà stabbilit skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet abbażi tal-informazzjoni disponibbli li fis-snin ta' wara l-investigazzjoni oriġinali, il-GtA kompla jistabbilixxi sett ta' miżuri sabiex jiżviluppa u jappoġġa l-introjtu tal-industrija tal-bijodiżil.

3.3.1.4.3. Is-sett ta' miżuri adottati mill-GtA jikkwalifika bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994

(238) Permezz tas-sett ta' miżuri deskritti fil-premessi minn (216) sa (236), il-GtA jipprovdi appoġġ għall-introjtu lill-industrija tal-bijodiżil.

(239) Barra minn hekk, il-GtA kompla permezz tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils rekwiżit obbligatorju ta' taħlit li permezz tiegħu l-kumpaniji tat-taħlit fl-Arġentina jridu jixtru bijodiżil bi prezzijiet artifiċjalment għoljin stabbiliti mill-GtA, li jipprovdu appoġġ għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil.

(240) Dawn il-miżuri kollha juru li l-industrija tal-bijodiżil Arġentina hija appoġġjata u stimulata b'mod artifiċjali.

(241) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li permezz tas-sett ta' miżuri msemmija hawn fuq, il-GtA jipprovdi direttament jew indirettament appoġġ għad-introjtu jew għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kompetittività tagħha.

(242) Kif instab fl-investigazzjoni oriġinali, billi rregola s-suq domestiku tal-bijodiżil u ta kwota biss lill-kumpaniji iżgħar tal-bijodiżil, il-GtA stabbilixxa industrija fejn l-akbar produtturi ma jitħallewx ibigħu domestikament u għalhekk huma kompletament orjentati lejn l-esportazzjoni, u b'hekk jinkoraġġixxi l-kompetittività tal-esportazzjoni tal-industrija tal-bijodiżil ([102]).

([102]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (199).

Tabella 2

Il-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-bijodiżil fl-Arġentina (MT)

Sena	Produzzjoni	Total ta' esportazzjonijiet	Esportazzjonijiet lejn l-Unjoni	Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi	Esportazzjonijiet (% tal-produzzjoni)
2020	1 157 364	597 205	596 892	313	52 %
2021	1 723 665	1 269 570	1 269 228	342	74 %
2022	1 909 618	1 236 410	1 236 180	230	65 %
PIR	1 184 444	575 304	555 283	20 021	49 %

Sors: It-tweġiba tal-GtA għall-kwestjonarju, li ġejja minn diversi bażijiet tad-data Arġentini disponibbli għall-pubbliku.

(243) Kif muri fit-Tabella 2, l-industrija tal-bijodiżil baqgħet tkun industrija orjentata lejn l-esportazzjoni. Tabilħaqq, mill-2020, sa 74 % tal-produzzjoni ġiet esportata, skont is-sena, u matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kważi nofs il-produzzjoni ġiet esportata. Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun spjegaw li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (li matulu l-impenn kien fis-seħħ) il-prezzijiet fl-Unjoni, l-unika destinazzjoni tal-esportazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kienu baxxi u ġeneralment esportaw biss meta l-prezzijiet kienu għoljin biżżejjed meta mqabbla mal-prezz minimu tal-importazzjoni fis-seħħ skont l-impenn, sabiex jagħmlu profitti. Fl-istess ħin, sa nofs Ottubru 2022, il-mandat ogħla tal-bijodiżil (12,5 %) u l-possibbiltà li l-mandat addizzjonali jiġi fornut ukoll għall-kumpaniji li normalment ma kinux involuti fil-mandat domestiku kienu jfissru li parti ogħla tal-produzzjoni daħlet f'konsum domestiku aktar milli fl-esportazzjoni. Għal din ir-raġuni, il-perċentwal tal-esportazzjonijiet fuq il-produzzjoni huwa aktar baxx meta mqabbel mas-snin preċedenti. Sitwazzjoni simili tista' tiġi osservata fl-2020, meta l-mandat tal-bijodiżil kien ta' 10 % skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils, qabel ma fl-2021 il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils naqqsitu għal 5 % (sussegwentement żdiedet għal 7,5 % minn Ġunju 2022). F'din il-perspettiva, mandat ogħla għall-bijodiżil jimplika konsum domestiku ogħla, filwaqt li mandat aktar baxx għall-bijodiżil jaġixxi bħala spinta għall-esportazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-GtA, billi naqqas il-mandat tal-bijodiżil skont il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, idderieġa l-industrija tal-bijodiżil Arġentina saħansitra aktar lejn l-esportazzjonijiet. Il-livelli aktar baxxi ta' produzzjoni u l-esportazzjonijiet totali f'termini assoluti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu dovuti għal tnaqqis ġenerali fil-produzzjoni minħabba n-nixfa fl-Arġentina, li affettwat il-materja prima tal-bijodiżil, jiġifieri l-fażola tas-sojja.

(244) Għaldaqstant, l-appoġġ lill-industrija domestika tal-bijodiżil kien jiffavorixxi l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil li permezz tagħhom il-produtturi tal-bijodiżil setgħu jikkompetu b'mod inġust mal-produtturi tal-bijodiżil f'pajjiżi oħrajn li ma jibbenefikawx minn prezzijiet aktar baxxi għall-input. L-industrija tal-bijodiżil Arġentina kompliet ikollha swieq tal-esportazzjoni, u b'mod partikolari s-suq tal-Unjoni, bħala l-fokus ewlieni tagħha.

3.3.1.4.4. Konklużjoni dwar l-appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz

(245) Il-GtA sostna li l-ispeċifikazzjoni tat-taxxi tal-esportazzjoni bħala appoġġ għall-introjtu jew għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil kienet f'kontradizzjoni mar-rwol tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-bijodiżil fl-inkarigar jew fl-ordnar, peress li naqqset il-prezzijiet miksuba mill-industrija tal-bijodiżil.

(246) Il-Kummissjoni nnotat li l-analiżi tal-inkarigar jew tal-ordnar iffukat fuq it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja, u mhux fuq il-bijodiżil, u fuq il-konsegwenzi fuq il-forniment tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, li jwassal għal kostijiet aktar baxxi u profitti/introjtu ogħla bħala riżultat. Għalhekk hija l-istess taxxa fuq l-esportazzjoni, kif ukoll miżuri oħra ta' appoġġ, li kkontribwew għall-għoti ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezzijiet mill-GtA. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(247) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li permezz ta' sett ta' miżuri, il-GtA kompla jipprovdi direttament jew indirettament appoġġ għall-introjtu jew għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku, li rriżulta fl-esportazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-produzzjoni domestika.

(248) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA sostna li l-biċċa l-kbira tal-miżuri li jappoġġaw is-sejba tal-introjtu jew tal-appoġġ għall-prezzijiet huma relatati mas-suq domestiku, li fih l-esportaturi tal-bijodiżil ma tħallewx jipparteċipaw. Dan kien japplika b'mod partikolari għas-sejba fil-premessa (218) fir-rigward tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, li tiżgura inputs għall-produzzjoni tal-bijodiżil għas-suq domestiku. Il-GtA sostna wkoll li s-Segretarjat ma għandux awtorità fuq il-fażola tas-sojja, minħabba li mhuwiex input dirett għall-bijodiżil, u li l-limitu tal-prezz japplika għall-inputs għall-elaborazzjoni tal-bijodiżil fi ħdan il-mandat u mhux għall-bijodiżil innifsu. Dan il-limitu tal-prezz kien japplika biss jekk il-kundizzjonijiet tas-suq għax-xiri tal-inputs ma kinux applikabbli.

(249) Il-Kummissjoni ma qablitx. Tabilħaqq, l-investigazzjoni żvelat li kumpaniji individwali fi ħdan il-gruppi tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ipparteċipaw fis-suq domestiku tal-bijodiżil. Barra minn hekk, il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils taffettwa lill-esportaturi minħabba li tipprojbixxi lill-entitajiet esportaturi milli jipparteċipaw fis-suq domestiku u għalhekk tobbligahom jesportaw. Barra minn hekk, l-appoġġ għall-provvista ta' inputs għall-produzzjoni tal-bijodiżil destinat għas-suq domestiku jiffavorixxi wkoll kumpaniji individwali fi ħdan il-gruppi tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Fir-rigward tal-awtorità tas-Segretarjat dwar l-inputs għall-bijodiżil, il-GtA ma spjegax x'inhu l-iskop ta' din id-dispożizzjoni legali, jekk mhux is-sigurtà tal-provvista u l-limitu tal-prezz tal-fażola tas-sojja. Il-GtA ma speċifikax x'inhuma l-inputs differenti mill-fażola tas-sojja li għaliha tirreferi d-dispożizzjoni legali. Fl-aħħar nett, il-bijodiżil mibjugħ fi ħdan il-mandat diġà nbiegħ bi prezz regolat mill-gvern u ma kellux bżonn limitu addizzjonali tal-prezz stabbilit mis-Segretarjat. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.5. Benefiċċju

(250) Wara li stabbiliet li s-sett ta' miżuri deskritti fil-premessi minn (101) sa (150) hawn fuq jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GtA permezz ta' inkarigar jew direzzjoni ta' korpi privati u/jew li s-sett ta' miżuri deskritti fil-premessi minn (216) sa (236) jikkostitwixxi appoġġ għall-introjtu/għall-prezz, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidjar f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

(251) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, u minħabba li l-biċċa l-kbira tal-miżuri tal-GtA kellhom l-għan li jnaqqsu b'mod artifiċjali l-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja li jirriżulta f'introjtu ogħla għall-produtturi tal-bijodiżil Arġentini, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil tax benefiċċju b'referenza għad-differenza bejn il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil u parametru referenzjarju bbażat fuq il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Arġentina għall-fażola tas-sojja.

(252) Il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-prezz medju ponderat tax-xiri tal-fażola tas-sojja mħallas mill-produtturi esportaturi Arġentini inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-medja ponderata ġiet ikkalkulata xahar b'xahar u kif ġiet ikkonsenjata mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja lill-impjant tal-bijodiżil fl-Arġentina.

(253) Il-prezz medju tax-xiri kien ibbażat fuq il-prezzijiet, netti mill-VAT, u l-kwantitajiet indikati fl-elenki ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni ta' fatturi ppreżentati mill-produtturi esportaturi Arġentini fil-kampjun u vverifikati matul iż-żjarat ta' verifika fuq il-post.

(254) Dan il-prezz medju kien meħtieġ li jitqabbel ma' punt ta' riferiment xieraq. Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni rrikorriet għall-prezz medju ponderat ta' kull xahar tal-fażola tas-sojja importata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Tabilħaqq, dawn ġew importati fuq bażi tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) u kellhom bħala medja l-istess livell ta' prezz irrispettivament mill-oriġini. Il-prezzijiet tal-importazzjoni attwali kkonsenjati fuq termini tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) lill-impjanti tat-tisħiq kienu fuq l-istess livell tal-prezz bħall-prezz tas-suq dinji, li huwa kkwotat bħala l-Golf tal-Messiku. L-importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja kienu jirrappreżentaw volum sinifikanti tax-xiri tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, jiġifieri 38 %, perċentwal ogħla meta mqabbel mal-investigazzjoni oriġinali minħabba n-nixfa li affettwat il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan ix-xiri kien mifrux fuq mijiet ta' tranżazzjonijiet.

(255) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezzijiet attwali mħallsa mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għall-fażola tas-sojja importata huma meqjusa li jirriflettu kundizzjonijiet tas-suq mhux distorti fl-Arġentina, inklużi l-kostijiet ta' kunsinna applikabbli ġeneralment inklużi fil-prezz finali ([103]).

(256) Il-fatt li dawk l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma ntużawx għall-produzzjoni tal-bijodiżil iżda għall-produzzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja ma jbiddilx din il-konklużjoni, minħabba li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami d-domanda għall-fażola tas-sojja għall-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Arġentina kienet koperta bis-sħiħ mill-provvista domestika tal-fażola tas-sojja. Fl-istess ħin ma hemm ebda differenza fil-kwalità bejn il-fażola tas-sojja differenti disponibbli li tagħmel il-fażola tas-sojja importata inutilizzabbli għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li dak ix-xiri kien jikkostitwixxi parametru referenzjarju xieraq.

(257) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni użat il-prezz attwali li bih il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun importaw il-fażola tas-sojja fl-Arġentina, li ġiet kollha minn pajjiżi ġirien, bħala l-eqreb indikatur possibbli għall-prezzijiet domestiċi Arġentini mhux distorti għal dawn il-prodotti. Kif spjegat fil-premessa (254), dawk il-prezzijiet kienu fl-istess livell bħall-prezzijiet tas-suq dinji.

(258) Il-Kummissjoni mbagħad qabblet il-prezz imħallas għall-fażola tas-sojja mkabbra domestikament mill-produtturi Arġentini mal-prezz attwali medju ponderat tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja fuq bażi ta' xahar b'xahar. Dawn l-importazzjonijiet kollha saru fl-ambitu ta' reġim ta' importazzjoni temporanja u għalhekk ma kinux soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni. Il-prezz attwali mħallas mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun tqies li jikkorrispondi għat-termini u l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Arġentina.

(259) L-ammont totali tad-differenza jirrappreżenta l-"iffrankar" miksub mill-produtturi Arġentini tal-bijodiżil li jixtru l-fażola tas-sojja fis-suq distort Arġentin imqabbel mal-prezz li kienu jħallsu fl-assenza ta' distorsjonijiet. Finalment, dan l-ammont totali jirrappreżenta l-benefiċċju li ngħata lill-produtturi Arġentini mill-GtA matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(260) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali tal-produzzjoni bbażata fuq il-fażola tas-sojja tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni bħala denominatur xieraq, billi s-sussidju ta benefiċċju lill-produzzjoni sħiħa tal-prodotti bbażati fuq il-fażola tas-sojja u mhux biss lill-prodott ikkonċernat jew lill-produzzjoni destinata għall-esportazzjoni.

(261) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA u CARBIO sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi raġunijiet suffiċjenti li jappoġġaw il-konklużjoni li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni kienu jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq, minbarra li rreferew għan-nuqqas ta' distorsjonijiet u indikaw (i) li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu konformi mal-prezzijiet dinjija, u (ii) li kienu jirrappreżentaw volum sinifikanti tax-xiri tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. CARBIO allegat li dan ir-raġunament kien kontradittorju mas-sejba tal-Kummissjoni fil-premessa (190) li l-fażola tas-sojja prodotta domestikament issodisfat bis-sħiħ id-domanda domestika għal input għall-produzzjoni domestika tal-bijodiżil u li l-fażola tas-sojja importata ma ntużatx għall-produzzjoni tal-bijodiżil.

(262) Għall-kuntrarju ta' dak li ġie ddikjarat, fil-premessi (254) l-Kummissjoni spjegat għaliex il-prezz tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja effettivament imħallas mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kien jirrifletti l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq. Barra minn hekk, il-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu konformi mal-prezzijiet dinjija – għall-kuntrarju tal-prezzijiet domestiċi Arġentini – u li l-importazzjonijiet kienu jirrappreżentaw sehem sinifikanti tax-xiri tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, huma elementi ewlenin biex jiġi stabbilit li punt ta' riferiment jirrifletti l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq. Il-fatt li l-fażola tas-sojja importata ma ntużatx għall-produzzjoni tal-bijodiżil ma jiċħadx din il-konklużjoni minħabba li l-fażola tas-sojja importata ġiet misħuqa fl-istess faċilitajiet ta' tisħiq bħall-fażola tas-sojja prodotta domestikament li ntużat għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Għalhekk, minbarra s-sejbiet tal-Kummissjoni mfakkra minn CARBIO, il-Kummissjoni fil-premessa (258) qieset ukoll il-fatt li l-fażola tas-sojja importata ġiet ikkonsenjata fil-portijiet qrib l-impjanti użati għat-tisħiq kemm tal-fażola tas-sojja domestika kif ukoll dik importata għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

([103]) Ara f'dan ir-rigward, il-konstatazzjonijiet tal-Korp tal-Appell f'WT/DS436/AB/R *United States — Countervailing Measures on Certain Hot-Rolled Carbon Steel Flat Products From India*, it-8 ta' Diċembru 2014, il-punti 4.292-4.322.

(263) Barra minn hekk, CARBIO sostniet li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja ma kinux jikkostitwixxu punt ta' riferiment xieraq minħabba li ma kinux jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq fl-Arġentina. B'mod partikolari, il-fażola tas-sojja importata ġiet importata fl-ambitu tar-Reġim Temporanju tal-Importazzjoni u ma ntużatx għall-produzzjoni tal-bijodiżil, u ġiet ikkonsenjata skont it-termini tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF), filwaqt li x-xiri domestiku tal-fażola tas-sojja ma ġarrabx spejjeż ta' konsenja internazzjonali.

(264) Il-Kummissjoni nnotat li diġà ddeskriviet fil-premessa (262) għaliex qieset li l-fażola tas-sojja importata kienet tirrifletti l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Arġentina. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset il-prezz tal-importazzjoni tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) adegwat, peress li dan irrifletta l-prezz fl-impjant tat-tisħiq, li jinsab fil-port, fejn ġiet misħuqa wkoll il-fażola tas-sojja prodotta domestikament biex jiġi prodott il-bijodiżil. Barra minn hekk, kif imfakkar fil-premessa (254), il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) kienu fuq l-istess livell tal-prezz bħall-prezz tas-suq dinji. Fl-aħħar nett, CARBIO ma żiditx argumenti ulterjuri dwar għaliex il-prezz tal-importazzjoni ma jkunx punt ta' riferiment xieraq. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(265) Wara d-divulgazzjoni finali, CARBIO sostniet ukoll li, fil-kalkolu tal-benefiċċju, il-Kummissjoni qieset biss id-differenza bejn il-prezz imħallas għall-fażola tas-sojja domestika mal-parametru referenzjarju meta tal-ewwel kien aktar baxx minn tal-aħħar. Madankollu, meta l-prezz imħallas għall-fażola tas-sojja domestika kien ogħla mill-valur referenzjarju, il-Kummissjoni warrbet id-differenza, filwaqt li l-ammont li jaqbeż il-parametru referenzjarju kellu jitnaqqas mill-ammont totali tal-benefiċċju.

(266) Il-Kummissjoni nnotat li l-approċċ meħud fil-kalkolu tal-benefiċċju għall-forniment tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata kien iġġustifikat. Tabilħaqq, il-Panel fil-*US – Anti-Dumping and Countervailing Duties (China)* sab li l-fatt li l-ammonti ta' benefiċċju pożittivi "ma jiġux "paċuti" b'ammonti ta' benefiċċju "negattivi" kien konsistenti mal-Ftehim SCM ([104]). Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni qieset li l-affermazzjoni kienet ineffettiva minħabba li, anki jekk il-Kummissjoni kellha tapplika l-metodoloġija proposta minn CARBIO, il-kontinwazzjoni tas-sussidjar xorta kienet tinstab abbażi tal-marġni ta' sussidju li jirriżulta. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.3.1.6. Speċifiċità

(267) Is-sett ta' miżuri tal-GtA kien intiż biex jibbenefika lil ċerti industriji, inkluża l-industrija domestika tal-bijodiżil. Tabilħaqq, għalkemm id-distorsjonijiet fuq il-fażola tas-sojja jibbenefikaw ukoll prodotti downstream minbarra l-bijodiżil, il-benefiċċju huwa disponibbli biss għal ċerti industriji fl-Arġentina, jiġifieri dawk fil-katina tal-valur tal-fażola tas-sojja. Barra minn hekk, l-enfasi speċifika tal-GtA fuq l-industrija tal-bijodiżil fil-katina tal-valur tal-fażola tas-sojja hija murija mir-rabta bejn il-fażola tas-sojja u l-bijodiżil fil-leġiżlazzjoni rilevanti indikata fil-premessi minn (117) sa (122). Barra minn hekk, anki jekk l-appoġġ tal-GtA mogħti għall-bijodiżil huwa mogħti wkoll permezz ta' diversi miżuri għal bijofjuwils oħrajn, dawk il-miżuri huma limitati għal grupp ta' impriżi jew industriji. Għaldaqstant huma speċifiċi fl-ambitu tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.1.7. Konklużjoni

(268) Il-Kummissjoni sabet li permezz ta' sett ta' miżuri, li jammontaw għall-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni u introjtu jew appoġġ għall-prezzijiet inferjuri għall-valuri adegwati, il-GtA pprovda appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil. Il-GtA ta benefiċċju lir-riċevituri li huwa speċifiku u għalhekk jammonta għal sussidju kumpensabbli.

([104]) Ir-Rapport tal-Panel, *United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China*, WT/DS379/R, adottat fil-25 ta' Marzu 2011, kif modifikat mir-Rapport tal-Korp tal-Appell WT/DS379/AB/R, DSR 2011: VI, p. 3143, il-paragrafu 11.68.

3.3.1.8. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(269) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sett ta' miżuri matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun tammonta għal:

Kumpanija	Rata ta' sussidju
LDC Arġentina	5,12 %
Renova Group	8,30 %

3.3.2. *Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-provinċja ta' Santa Fe*

(270) L-applikant allega li l-produtturi tal-bijodiżil fil-provinċja ta' Santa Fe baqgħu jibbenefikaw minn telf ta' dħul tal-gvern fil-forma ta' diversi eżenzjonijiet mit-taxxa mogħtija għal 15-il sena, kif instab mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali ([105]).

3.3.2.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(271) L-investigazzjoni żvelat li tabilħaqq waħda mill-bażijiet legali identifikati fl-investigazzjoni oriġinali, il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 ([106]), baqgħet applikabbli u li l-unika emenda għaliha saret mil-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12956 ([107]), li identifikat it-taxxi potenzjalment soġġetti għall-eżenzjoni: it-taxxa fuq l-introjtu gross, it-taxxa tal-boll, it-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, l-imposti fuq ir-remunerazzjoni tas-servizz u d-dazju fuq vettura waħda ([108]). Hija kompliet tiġi implimentata bid-Digriet Regolatorju 158/07 ([109]) flimkien mal-anness tiegħu, u r-Riżoluzzjoni 121/21 ([110]), li tinkludi l-mudell għat-talba.

(272) Il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 hija intitolata "adeżjoni provinċjali" mal-Liġi 26.093, li tirregola l-mandat domestiku preċedenti tal-bijodiżil. Minkejja li din tal-aħħar ġiet issostitwita bil-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, ma saret l-ebda emenda ulterjuri għal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe Nru 12692.

(273) Kif instab fl-investigazzjoni oriġinali, il-liġi provinċjali 12.692 tipprevedi eżenzjonijiet mit-taxxa (kif ukoll tnaqqis jew differimenti) għall-kumpaniji fil-provinċja involuti fir-riċerka, l-iżvilupp, il-ġenerazzjoni, il-produzzjoni u l-użu ta' prodotti relatati mal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-bijodiżil. Il-bijofjuwils jissemmew fl-Artikoli 3(c), 4, 5(d), u 10 tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 u l-produzzjoni tal-bijodiżil tissemma speċifikament fl-Artikolu 10 tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692.

(274) L-investigazzjoni attwali żvelat ukoll li, filwaqt li l-eżenzjonijiet mit-taxxa jistgħu jingħataw għal perjodu massimu ta' 15-il sena, huma soġġetti għal tiġdid annwali. It-tiġdid ma jingħatax awtomatikament, iżda malli jintwera li l-benefiċjarju kompla l-attività sussidjata u wettaq mill-inqas 80 % tal-produzzjoni u l-għadd ta' impjegati impenjati meta l-eżenzjoni mit-taxxa kienet intalbet inizjalment. It-tiġdid annwali kien jiddependi wkoll fuq l-ispazju fiskali disponibbli għall-gvern provinċjali ta' Santa Fe abbażi tal-Liġi tal-Baġit annwali ([111]).

([105]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessi (296)-(297).
([106]) *Ley* 12692, *Adhesión provincial a la Ley Nacional nº 26093*.
([107]) *Ley* 12956, *Modificatoria de la Ley 12692 sobre adhesión provincial a la Ley Nacional nº 26093 de Energías Renovables*.
([108]) L-Artikolu 1 tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12956.
([109]) *Decreto* 158/07, *Provincia de Santa Fe. Régimen promocional provincial. Energías renovables no convencionales. Impuestos sobre los ingresos brutos y de sellos. Exenciones, reducciones y diferimientos. Ley 12.692. Su reglamentación. Con las modificaciones de los Dtos. 2.644/12 (B.O.: 1/10/12 – Sta. Fe) y 2.949/14 (B.O.: 23/9/14 – Sta. Fe)*.
([110]) *Ministerio de Ambiente y Cambio Climático de la provincia de Santa Fe - Resolución* 121/21.
([111]) L-Artikolu 3 tad-Digriet Regolatorju 158/07.

(275) L-investigazzjoni żvelat li mill-2020 ma ngħata l-ebda tiġdid annwali skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692. Tabilħaqq, l-investigazzjoni sabet li ċerti kumpaniji fir-Renova Group kienu qed jipproduċu bijodiżil f'Santa Fe, aktar tard esportat minn Viterra u Molinos Agro, u bbenefikaw minn din l-eżenzjoni fil-passat, jiġifieri qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dawn il-kumpaniji kienu għadhom awtorizzati li jirċievu t-taxxa tal-boll u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (jiġifieri l-eżenzjoni tagħhom kienet għadha fil-perjodu mogħti ta' 15-il sena), waqfu jirċievu tiġdid annwali tal-eżenzjonijiet qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-produtturi esportaturi tal-bijodiżil inklużi fil-kampjun (LDC Arġentina, Molinos Agro u Viterra Argentina) ma kinux eliġibbli għall-eżenzjonijiet mit-taxxa minħabba li ma kellhomx direttament il-faċilitajiet ta' produzzjoni f'Santa Fe jew minħabba li l-benefiċjarji tal-eżenzjonijiet mit-taxxa kellhom jiġu awtorizzati esklussivament għall-attività promossa, f'dan il-każ il-produzzjoni tal-bijodiżil, filwaqt li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu attivi f'varjetà ta' produzzjonijiet u attivitajiet lil hinn mill-produzzjoni tal-bijodiżil ([112]).

(276) Għalhekk, minkejja li wieħed mill-produtturi tal-bijodiżil tiegħu kien għadu awtorizzat jirċievi t-taxxa tal-boll u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ir-Renova Group ma bbenefikax mill-eżenzjonijiet mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(277) L-investigazzjoni żvelat li kienu ngħataw eżenzjonijiet mit-taxxa abbażi tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 ([113]).

(278) Il-liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478, li tmur lura għall-1979, flimkien mad-Digriet Provinċjali 3856/1979 u d-Digriet Provinċjali 1361/2022 ([114]), stabbiliet sistema ta' promozzjoni tal-iżvilupp industrijali tal-provinċja, inkluż l-għoti ta' eżenzjonijiet mit-taxxa, tnaqqis jew differimenti, għal perjodu massimu ta' mhux aktar minn 10 snin ([115]). Kienet tapplika sistema ta' tiġdid annwali simili għal dik tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692.

(279) L-industriji kkonċernati minn din l-iskema kienu jinkludu dawk il-kumpaniji kollha involuti f'attività industrijali li tinvolvi "trasformazzjoni fiżika, kimika jew fiżikokimika fil-forma jew fl-essenza, ta' materja prima jew materjali fi prodotti ġodda, permezz ta' proċess indott, permezz tal-applikazzjoni ta' tekniki ta' produzzjoni uniformi, l-użu ta' makkinarju jew tagħmir u r-ripetizzjoni ta' operazzjonijiet jew proċessi unitarji, imwettqa f'installazzjonijiet fissi." ([116]). Din id-deskrizzjoni tinkludi l-produzzjoni tal-bijodiżil.

(280) Għalhekk, ir-relazzjoni bejn is-sistema ta' eżenzjoni mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 u s-sistema ta' eżenzjoni mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 hija skema speċjali meta mqabbla ma' skema ġenerali. Fil-fatt, il-qafas regolatorju għas-sistema ta' eżenzjoni mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 jipprevedi li "Għal każijiet mhux previsti f'dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet ikkontemplati fir-"Reġim ta' Promozzjoni Industrijali – Liġi 8,478", se jiġu applikati b'mod sussidjarju normi komplementari u regolatorji" ([117]). Għalhekk, filwaqt li l-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 kienet tapplika biss għal kumpaniji relatati mal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-bijodiżil, il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 applikat għal għadd usa' ta' industriji.

(281) Madankollu, il-produtturi tal-bijodiżil fil-provinċja ta' Santa Fe kkwalifikaw skont iż-żewġ liġijiet. B'mod partikolari, fil-każ tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478, ir-Renova Group ibbenefika mill-eżenzjonijiet mit-taxxa, peress li ma hemm l-ebda limitazzjoni fuq l-għadd ta' attivitajiet kummerċjali li fihom jista' jkun involut il-benefiċjarju.

(282) Dan jidher mill-fatt li produttur tal-bijodiżil ta' Renova Group, aktar tard esportat minn Molinos Agro u Viterra Argentina, ibbenefika minn taxxa tal-boll u eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, dan jidher ukoll mill-fatt li produttur esportatur fil-kampjun fil-Grupp Renova ngħata eżenzjoni ġdida mit-taxxa fuq l-introjtu gross, mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli u mid-dazju fuq vettura waħda ftit wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([112]) L-Artikolu 5(b) tal-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692.
([113]) *Ley* 8478, *Promoción industrial*.
([114]) *Decreto* 1361.
([115]) L-Artikoli 1 u 4(a).
([116]) L-Artikolu 4, id-Digriet Provinċjali 3856/1979.
([117]) L-Artikolu 5, id-Digriet Provinċjali 158/07.

(283) Fl-aħħar nett, ma nstabet l-ebda evidenza ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fatturat tal-Artikolu 127 Santa Fe għall-bejgħ għall-esportazzjoni u tal-Artikolu 183.29 Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Bolla ta' Santa Fe. Fir-rigward speċifiku tal-ewwel wieħed, il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) u l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun spjegaw li l-fatturat mill-esportazzjoni ma jikkostitwixxix fatturat rilevanti soġġett għat-taxxi provinċjali fuq l-introjtu gross, kif previst fl-Artikolu 179(c) tal-Kodiċi Fiskali ta' Santa Fe ([118]).

(284) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA ddikjara żbalji mhux speċifikati u interpretazzjoni parzjali fir-rigward ta' dan il-programm. Madankollu, peress li din l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata, il-Kummissjoni ċaħditha.

3.3.2.2. Benefiċċju

(285) Skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692, minkejja li grupp wieħed ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kien awtorizzat jirċievi t-taxxa tal-boll u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami l-ebda taxxa ma ġiet eżentata minħabba n-nuqqas ta' tiġdid annwali. Għalhekk, ma kien possibbli li jiġi kkalkolat l-ebda benefiċċju.

(286) Skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478, l-ebda taxxa ma ġiet eżentata peress li l-eżenzjonijiet għal grupp wieħed ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jew skadew qabel il-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew ingħataw wara.

3.3.2.3. Speċifiċità

(287) L-eżenzjonijiet mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe12692 huma speċifiċi *de jure* peress li kienu japplikaw biss għall-industriji relatati mal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-bijodiżil. Barra minn hekk, l-iskema hija wkoll speċifika għar-reġjun sa fejn tibbenefika biss lil dawk l-industriji msemmija li stabbilixxew attivitajiet jew investew fil-provinċja ta' Santa Fe.

(288) L-eżenzjonijiet mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 huma speċifiċi *de jure* peress li japplikaw biss għall-industriji deskritti fl-Artikolu 4 tad-Digriet Provinċjali 3856/1979, deskrizzjoni li tinkludi l-produzzjoni tal-bijodiżil. Barra minn hekk, l-iskema hija wkoll speċifika għar-reġjun sa fejn tibbenefika biss lil dawk l-industriji msemmija li stabbilew attivitajiet jew investew fil-provinċja ta' Santa Fe.

3.3.2.4. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(289) Peress li ma ġie riċevut l-ebda benefiċċju matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ma kien possibbli li jiġi kkalkolat l-ebda ammont ta' sussidju.

3.4. **Skemi oriġinarjament investigati li għalihom ma nstab l-ebda benefiċċju**

(290) L-applikant talab lill-Kummissjoni biex tinvestiga mill-ġdid ċerti programmi li l-Kummissjoni sabet li ma kinux ġew ipprovduti lill-produtturi esportaturi Arġentini inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali.

3.4.1. *L-għoti ta' self u finanzjament għall-esportazzjoni fuq termini preferenzjali u self preferenzjali*

(291) Fl-investigazzjoni oriġinali l-applikant sostna li l-Bank Nazzjonali tal-Arġentina – ġestit b'mod effettiv mill-GtA fuq bażi ta' kuljum permezz tal-awtorità tiegħu li taħtar il-membri kollha tal-bord – ipprovda finanzjament għall-esportazzjoni u self preferenzjali li minnhom tibbenefika speċifikament l-industrija tal-bijodiżil tal-Arġentina. Biex jirċievi kreditu fl-ambitu ta' dan il-programm, ir-riċevitur kellu juri li l-finanzjament ġie applikat għall-istadji varji tal-proċess ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodott.

([118]) *Ley* 3456, *Código Fiscal de la Provincia de Santa Fe*.

3.4.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(292) Ma nstabet l-ebda evidenza ta' xi self jew kreditu għall-esportazzjoni mill-Bank Nazzjonali tal-Arġentina lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.4.1.2. Konklużjoni

(293) Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma ġie pprovdut l-ebda self preferenzjali lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.4.2. *Dħul tal-gvern mitluf jew mhux miġbur skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils*

(294) L-applikant allega li l-Artikoli 13(d) u 15.1 tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils ippromwovew l-iżvilupp tal-bijofjuwils u pprovdew diversi mezzi biex jgħinu fl-iżvilupp u l-appoġġ tal-industrija domestika tal-bijodiżil, u għalhekk is-sussidju huwa speċifiku. Ġew awtorizzati diversi sussidji fiskali, inkluż id-deprezzament aċċellerat għal oġġetti kapitali. Biex tirċievi dan il-benefiċċju kumpanija trid tkun inkorporata fl-Arġentina u topera esklussivament għall-iżvilupp tal-bijofjuwils. Id-deprezzament aċċellerat jippermetti lill-produtturi tal-bijodiżil inaqqsu l-obbligazzjoni tat-taxxa tagħhom billi jnaqqsu l-introjtu taxxabbli tagħhom. It-tnaqqis tat-taxxi jikkwalifika bħala kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern, peress li huwa d-dħul mitluf. Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils jipprovdi lill-produtturi tal-bijodiżil il-possibbiltà li jnaqqsu l-bażi tat-taxxa li fuqha tiġi kkalkulata t-taxxa minima preżunta fuq l-introjtu. Biex tkun eliġibbli l-kumpanija jenħtieġ li tkun tinsab fl-Arġentina u topera esklussivament għall-iżvilupp tal-bijofjuwils, u li r-riċevitur jkun produttur tal-bijofjuwils.

3.4.2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(295) L-investigazzjoni sabet li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefika mill-benefiċċji promozzjonali stabbiliti fl-Artikoli 13(d) u 15 tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.4.2.2. Konklużjoni

(296) Din il-miżura ma ntużatx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils saru nulli bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils ([119]), u għalhekk ma kienx ċar jekk l-Artikoli 13(d) u 15.1 tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils kinux għadhom fis-seħħ u jekk ngħatawx xi benefiċċju matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.4.3. *Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-provinċja ta' Cordoba*

(297) L-applikant allega li l-provinċja ta' Cordoba stabbiliet diversi benefiċċji fiskali fil-Liġi Provinċjali ta' Cordoba 9397 ([120]), li jikkostitwixxu l-"adeżjoni provinċjali" mal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils. L-iżvilupp u l-użu sostenibbli tal-bijofjuwils kienu legalment eżentati għal terminu ta' 15-il sena mill-ħlas ta' taxxi fuq l-introjtu gross, l-industrijalizzazzjoni u l-ħżin tal-produzzjoni, il-foki ta' atti, kuntratti u operazzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-bijofjuwils. Il-kumpaniji inkorporati li jipproduċu, jipproċessaw u/jew jaħżnu l-bijofjuwils biss kienu eliġibbli. Il-proġetti tal-bijofjuwils jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ fil-forma ta' self mill-Bank Uffiċjali b'rata sussidjata u tnaqqis fil-konsum tal-enerġija.

3.4.3.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(298) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu disponibbli għall-produtturi tal-bijofjuwils li jinsabu fil-provinċja ta' Cordoba ([121]). L-investigazzjoni attwali kkonfermat din is-sejba. Madankollu, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni attwali ma pproduċa bijodiżil fil-provinċja ta' Cordoba.

([119]) L-Artikolu 21 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils.

([120]) *Ley 9397 Adhesion de la provincial a ley nacional no 26.093, y declaracion de interes public de la promocion de la produccion, procesamiento y uso sustentable de biocombustibles.*

([121]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (280).

3.4.3.2. Konklużjoni

(299) Għalhekk, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx minn din l-eżenzjoni mit-taxxa u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidju baqa' fis-seħħ.

3.4.4. *Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-provinċja ta' Buenos Aires*

(300) L-applikant allega li l-provinċja ta' Buenos Aires stabbiliet il-Liġi Provinċjali 13 719 biex teżenta l-ħlas ta' taxxi fuq l-introjtu gross u l-proprjetà immobbli għal 15-il sena, il-kundizzjonijiet huma li l-proġett jenħtieġ li jkun maħsub għal skopijiet ta' esportazzjoni u li l-impjant ikun jinsab fil-provinċja ta' Buenos Aires, kif ukoll li l-benefiċjarji kellhom jiġu kkwalifikati u rreġistrati fil-qafas tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils .

3.4.4.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(301) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu disponibbli għall-produtturi tal-bijofjuwils li jinsabu fil-provinċja ta' Buenos Aires ([122]). L-investigazzjoni attwali kkonfermat din is-sejba. Madankollu, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni attwali ma pproduċa bijodiżil fil-provinċja ta' Buenos Aires.

3.4.4.2. Konklużjoni

(302) Għalhekk, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx minn din l-eżenzjoni mit-taxxa u b'hekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidju baqa' fis-seħħ.

3.4.5. *Is-Sistema ta' Promozzjoni u ta' Żvilupp Industrijali tal-Provinċja ta' Santiago del Estero (PSPID, Province of Santiago del Estero System of Promotion and Industrial Development) — Liġi Provinċjali 6 750*

(303) L-applikant allega li fl-2005 ġiet implimentata sistema provinċjali fil-provinċja ta' Santiago del Estero għall-promozzjoni u l-iżvilupp industrijali biex jitrawmu industriji ġodda fil-provinċja u biex jiġu estiżi dawk eżistenti, skont il-Liġi Provinċjali 6 750 ta' Santiago del Estero ([123]). It-tmien benefiċċji li ġejjin kienu disponibbli: (1) rifużjoni sa 30 % tal-investiment magħmul, li ma jaqbiżx il-ħames snin; (2) rifużjoni sa 50 % jew kreditu ta' taxxa għall-finijiet tal-ħlas ta' taxxi futuri għal investimenti f'toroq, networks tal-elettriku ... imwettqa mill-kumpaniji assoċjati mal-proġetti; (3) eżenzjoni mit-taxxi provinċjali, attwali jew li għandhom jiġu ġġenerati, fuq bażi sħiħa jew gradwali; (4) faċilitajiet għax-xiri, ftehim dwar il-post jew it-tip ta' self speċifiku b'opzjoni ta' xiri fil-perjodu ta' ħames snin u l-kiri ta' proprjetà personali u proprjetà immobbli tal-Istat provinċjali; (5) il-forniment ta' assistenza amministrattiva, teknoloġika u finanzjarja, u servizzi ta' konsulenza teknika minn Organizzazzjonijiet tal-Istat; (6) l-appoġġ u l-parteċipazzjoni tal-istat fil-ġestjoni ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fit-taxxa u fit-tariffi, promozzjonijiet jew miżuri ta' protezzjoni u eżenzjonijiet oħra mit-taxxa (dazji żero) fl-ordni nazzjonali jew muniċipali; (7) sussidji sa 50 % tar-rata tal-imgħax tal-linja ta' kreditu għall-kumpaniji promossi f'konformità mat-termini stabbiliti; u (8) l-għoti ta' self għall-promozzjoni tal-investiment.

3.4.5.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(304) L-investigazzjoni sabet li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni attwali ma kien jinsab fil-provinċja ta' Santiago del Estero.

3.4.5.2. Konklużjoni

(305) Għalhekk, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx minn din l-eżenzjoni mit-taxxa u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidju baqa' fis-seħħ.

([122]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244, il-premessa (283).
([123]) *Provincia de Santiago del Estero, Ley* 6.750, *Sistema Provincial de Promocion y Desarrollo Industrial*.

3.5. **Skemi ġodda**

(306) L-applikant fit-talba identifika allegati sussidji ġodda li ma kinux ġew investigati fl-investigazzjoni oriġinali.

3.5.1. *Trasferiment dirett ta' fondi: Programm ta' finanzjament għall-kapital operatorju fl-industrija tal-bijodiżil*

(307) Ir-Riżoluzzjoni 947/2023 ([124]) ħolqot programm ta' finanzjament għas-settur tal-bijofjuwils fl-Arġentina, validu sal-31 ta' Diċembru 2023. L-objettiv ewlieni tar-Riżoluzzjoni kien li tippromwovi l-iżvilupp tal-industrija tal-bijofjuwils fl-Arġentina. Skont dan il-programm, ARS 988 000 000 mit-Teżor Nazzjonali ġew investiti fil-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Produttiv ("FONDEP, Fondo Nacional de Desarrollo de la Educación Peruana").

(308) Skont l-applikant, il-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Produttiv offra kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju għall-akkwiżizzjoni tal-inputs neċessarji għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Kif imfakkar fil-premessa (225), il-President tal-Bank Nazzjonali tal-Arġentina ddikjara b'mod espliċitu li l-għan tal-kreditu kien "li joħloq aktar impjiegi u li jkun jista' jkompli jesporta, kif ukoll li jiffranka l-munita barranija" ([125]).

3.5.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(309) L-investigazzjoni sabet li, billi kien maħsub għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, dan il-programm kien maħsub biex jappoġġa lill-produtturi tal-bijodiżil involuti fil-mandat domestiku, li huma differenti mill-esportaturi tal-bijodiżil. Filwaqt li xi produtturi tal-bijodiżil fir-Renova Group kienu involuti fil-mandat domestiku, dawn ma rrikorrewx għal finanzjament mill-FONDEP matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, l-investigazzjoni sabet li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefika minn finanzjament mill-FONDEP matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(310) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA ddikjara żbalji mhux speċifikati u interpretazzjoni parzjali fir-rigward ta' dan il-programm. Madankollu, peress li din l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata, il-Kummissjoni ċaħditha.

3.5.1.2. Konklużjoni

(311) Din il-miżura ma ntużatx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-iskema baqgħet disponibbli għall-produtturi eliġibbli tal-bijodiżil.

3.5.2. *Dħul mitluf permezz tal-Liġi l-ġdida tal-2021 dwar il-Bijofjuwils 27 640*

(312) L-applikant allega li l-Liġi l-ġdida tal-2021 dwar il-Bijofjuwils iddikjarat li l-bijofjuwils kienu eżentati mit-taxxa fuq il-fjuwils likwidi u mit-taxxa fuq id-diossidu tal-karbonju. Barra minn hekk, il-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils stabbiliet ħelsien mit-taxxa għall-bijofjuwils fil-forma ta' taxxa fuq il-valur miżjud aktar baxxa, għat-taxxi fuq l-introjtu, għat-taxxa fuq l-importazzjoni tad-diżil, għat-taxxa fuq l-infrastruttura idrika.

3.5.2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(313) L-investigazzjoni żvelat li l-Artikolu 22 tal-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils stabbilixxa li "Il-bijodiżil u l-bijoetanol mhux se jiġu ntaxxati mit-Taxxa fuq il-Fjuwil Likwidu (ICL, Liquid Fuel Tax) u mit-Taxxa fuq id-Diossidu tal-Karbonju (ICO2, Carbon Dioxide Tax), stabbiliti fit-Titolu III, il-Kapitoli I u II, rispettivament, tal-Liġi 23.966, bit-trattament imsemmi hawn fuq jestendi għall-istadji kollha tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni. Fil-każ tat-taħlita ta' bijofjuwils msemmija ma' fjuwils fossili, it-taxxa se tiġi imposta biss fuq il-komponent tal-fjuwils fossili li jifforma t-taħlita. It-trattament tat-taxxa previst f'dan l-artikolu se japplika sad-data tat-tmiem tar-reġim u se japplika sakemm il-materja prima ewlenija użata fil-proċessi ta' produzzjoni rispettivi tkun ta' oriġini nazzjonali".

([124]) *Ministerio de Economia, Resolución* 947/2023, *Programa de Financiamiento para Capital de Trabajo en la Industria del Biodiesel – Crease*.
([125]) https://biodiesel.com.ar/16276/biocombustibles-la-secretaria-de-energia-de-argentina-lanza-credito-a-tasa-preferencial-para-la-industria-del-biodiesel.

(314) Madankollu, l-Artikolu 4 tat-Titolu III tal-Liġi 23 966 stabbilixxa li "Fil-każ tal-bijodiżil u tal-fjuwil tal-bijoetanol, it-taxxa se tkun issodisfata bis-sħiħ bil-ħlas tat-taxxa fuq il-komponent tan-nafta, taż-żejt tal-gass u taż-żejt tad-diżil jew komponent intaxxat ieħor. Il-bijofjuwils fl-istat pur tagħhom mhumiex affettwati". Ma ġiet ipprovduta l-ebda rata għall-bijodiżil fl-Artikolu 4, b'kuntrast ma' fjuwils oħra.

(315) Għalhekk, ma kienx ċar jekk kienx hemm diskriminazzjoni fl-imposta tat-taxxa abbażi tal-oriġini tal-bijodiżil. Madankollu, kien evidenti li l-bijodiżil pur, kif inhu l-prodott ikkonċernat, ma kienx soġġett għat-taxxa. Barra minn hekk, b'kuntrast mal-allegazzjoni fit-talba, kien evidenti li t-taxxa ġiet imposta fuq il-fjuwils imħallta bbażati fuq il-bijodiżil, li huwa prodott minn impriżi li jħalltu aktar 'l isfel fil-katina tal-valur. Filwaqt li dawn is-sejbiet jistgħu jkunu rilevanti għall-analiżi tal-introjtu jew tal-appoġġ għall-prezz, kif indikat fil-premessi (225) u (227), peress li l-investigazzjoni attwali tikkonċerna l-bijodiżil u l-produtturi esportaturi tiegħu – u mhux il-fjuwils imħallta li jirriżultaw mill-bijodiżil – il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma bbenefikawx direttament minn din l-eżenzjoni mit-taxxa.

(316) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtA ddikjara żbalji mhux speċifikati u interpretazzjoni parzjali fir-rigward ta' dan il-programm. Madankollu, peress li din l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata, il-Kummissjoni ċaħditha.

3.5.2.2. Konklużjoni

(317) Din il-miżura ma ntużatx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mill-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għaliha.

3.6. **Konklużjoni dwar is-sussidjar**

(318) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun billi eżaminat l-uniku programm ta' sussidju li nstabu li bbenefikaw minnu matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li huwa l-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tal-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Biex tikkalkula s-sussidjar dovut għal din l-iskema, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-perċentwal ta' sussidjar, li huwa l-ammont ta' sussidju bħala perċentwal tal-fatturat tal-kumpanija ġġenerat minn prodotti bbażati fuq il-fażola tas-sojja. Dan il-perċentwal imbagħad intuża biex jiġi kkalkulat is-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Imbagħad ġie kkalkolat l-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata ta' prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u l-marġnijiet ikkalkulati bħala perċentwal tal-valur tal-Kostijiet, Assigurazzjoni u Nol (CIF) tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(319) L-ammont totali ta' sussidjar jaqbeż il-limitu *de minimis* imsemmi fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(320) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li, anki jekk ma jintużawx mill-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun, sussidji oħra oriġinarjament eżaminati baqgħu fis-seħħ flimkien ma' sussidji ġodda oħra. Għalhekk ġie konkluż li l-iskemi ta' sussidju investigati kienu fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.7. **Probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar**

(321) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar, jekk il-miżuri jitħassru.

(322) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni investigat l-elementi li ġejjin: l-iżviluppi futuri prevedibbli tal-politika tal-GtA, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Arġentina, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, inkluża r-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, u l-kapaċità ta' assorbiment possibbli minn pajjiżi terzi.

3.7.1. *Żviluppi futuri tal-politika tal-GtA*

(323) Ġie stabbilit li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun komplew jibbenefikaw minn sussidjar kumpensabbli mill-awtoritajiet Arġentini matul il-PIR. Ġie stabbilit li s-sussidjar kompla wkoll fil-livell tal-pajjiż, peress li l-biċċa l-kbira tal-iskemi kienu disponibbli fil-pajjiż kollu għall-esportaturi tal-bijodiżil.

(324) Fir-rigward tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u ż-żjut tal-fażola tas-sojja, matul il-verifika fuq il-post, il-GtA kkonferma li r-rati ta' 31 % għaż-żejt tal-fażola tas-sojja u ta' 33 % għall-fażola tas-sojja kienu għadhom applikabbli wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-informazzjoni pubblika kkonfermat li dan kien il-każ mill-inqas sa Lulju 2024 ([126]). Barra minn hekk, matul il-verifika fuq il-post, il-GtA kkonferma wkoll li r-rata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 29 % għall-bijodiżil kienet għadha applikabbli wkoll wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Bl-istess mod, l-informazzjoni pubblika kkonfermat li dan kien il-każ mill-inqas sa Lulju 2024 ([127]). Matul il-verifika fuq il-post, il-GtA żied ukoll li t-taxxi fuq l-esportazzjoni komplew ikunu dħul ewlieni għall-baġit federali tal-Arġentina.

(325) Fir-rigward tal-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni, filwaqt li komplew jiġu implimentati wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kif muri fil-premessa (132), il-GtA rrapporta li fl-20 ta' Diċembru 2023, wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-amministrazzjoni li għadha kif ġiet iffurmata tal-GtA adottat id-Digriet 70/2023 ([128]), li l-Artikolu 142 tiegħu stabbilixxa l-prinċipju li permezz tiegħu "*Is-Setgħa Eżekuttiva Nazzjonali ma tistax tistabbilixxi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet għal raġunijiet ekonomiċi. Dawn jistgħu jitwettqu biss bil-liġi*". Ir-restrizzjonijiet ġew ikkunsidrati għal raġunijiet ekonomiċi meta kienu diretti lejn serje ta' objettivi, inkluż "*biex il-prezzijiet interni jiġu stabbilizzati f'livelli konvenjenti jew biex jinżamm volum ta' provvista adegwat għall-ħtiġijiet tal-provvista tas-suq intern*" u "*biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-finanzi pubbliċi*". Barra minn hekk, l-Artikolu 144 iddikjara li "*Is-Setgħa Eżekuttiva Nazzjonali ma għandhiex tistabbilixxi projbizzjonijiet jew kwoti fuq l-esportazzjoni jew l-importazzjoni għal raġunijiet ekonomiċi*". Tali prinċipju tqiegħed fil-prattika bir-Riżoluzzjoni 302/2024 ([129]), adottata fit-8 ta' Mejju 2024, li ħassret ir-Riżoluzzjoni 276/2021 u l-volumi tal-ibbilanċjar tal-esportazzjoni.

(326) Il-prinċipju minqux fid-Digriet 70/2023 ġie segwit mill-abbozz tal-Liġi Omnibus ([130]), li kien jinkludi taqsima li tintroduċi qafas regolatorju ġdid għall-bijodiżil. Madankollu, din it-taqsima ma għaddietx mill-iskrutinju parlamentari u l-Liġi Omnibus eventwalment ġiet ippubblikata mingħajrha. Għalhekk, ir-rekwiżit tal-kontenut lokali u l-qafas għall-mandat domestiku tal-bijodiżil, inkluż l-iffissar tal-prezz domestiku tal-bijodiżil, ma ġewx modifikati wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-GtA ċċara li dawk it-taqsimiet kollha tal-Liġi Omnibus li ma ġewx mgħoddija mill-Kungress, bħat-taqsima li tittratta l-qafas il-ġdid għall-bijofjuwils, x'aktarx li jerġgħu jiġu ppreżentati lill-Kungress fil-forma u ż-żmien li kellu jiġi ddeterminat mill-GtA fil-futur, għalkemm ma sar l-ebda pass konkret f'din id-direzzjoni.

(327) Matul il-verifika fuq il-post, il-GtA spjega wkoll li kien hemm abbozz ta' liġi biex tiġi emendata l-Liġi tal-2021 dwar il-Bijofjuwils, pendenti f'wieħed mill-Kumitat parlamentari tal-Kamra Inferjuri. Il-proġett ġie propost mil-*Liga Bioenergética* grupp ta' sitt provinċji Arġentini fejn jinsabu l-bdiewa u l-produtturi tal-bijodiżil. Dan ġie rrappurtat ukoll f'informazzjoni pubblika ([131]). Madankollu, il-vjaġġ parlamentari tiegħu kien għadu pendenti.

(328) Fir-rigward tal-programm ta' kumpens għall-produtturi tal-fażola tas-sojja u tal-qamħirrum żgħar u ta' daqs medju, kif irrapportat fil-premessa (148), l-implimentazzjoni tiegħu waqfet f'Diċembru 2022, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([126]) "Argentina: Biofuels Annual", id-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA) - Global Agriculture Information Network (GAIN) Rapport Nru AR2024-0011, il-5 ta' Awwissu 2024 ("il-GAIN Report tal-2024"), pp. 10-11, disponibbli fuq: https://www.fas.usda.gov/data/argentina-biofuels-annual-9.

([127]) *Ibid.*

([128]) *Decreto* 70/2023, DNU-2023-70-APN-PTE - *Disposiciones*.

([129]) *Ministerio de Economía, Resolución* 302/2024, RESOL-2024-302-APN-MEC.

([130]) Eventwalment ippubblikat bħala *Ley* 27742, *Ley de Bases y Puntos de Partida para la Libertad de los Argentinos.*

([131]) 2024 GAIN Report, pp. 2 u 6.

(329) Minflok, fir-rigward tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fil-provinċja ta' Santa Fe, minkejja l-fatt li l-ebda benefiċċju ma seta' jiġi kkalkolat għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-investigazzjoni sabet li mhux biss l-eżenzjonijiet mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12692 kienu għadhom fis-seħħ (u produttur tal-bijodiżil ta' Renova Group, aktar tard esportat minn Molinos Agro u Viterra Argentina, kien għadu awtorizzat jirċievi l-eżenzjoni mit-taxxa tal-boll u mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, minkejja n-nuqqas tat-tiġdid annwali tal-benefiċċju), iżda wkoll li kienu għadhom fis-seħħ l-eżenzjonijiet mit-taxxa skont il-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 8478 (u produttur esportatur inkluż fil-kampjun fir-Renova Group ingħata eżenzjoni ġdida ftit wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami).

(330) Bħala konklużjoni, l-iskemi ta' sussidju kumpensabbli misjuba fl-investigazzjoni attwali jagħtu benefiċċji rikorrenti u, ma hemm l-ebda indikazzjoni li kwalunkwe bidla fl-iskemi fil-futur – li f'dan l-istadju tibqa' biss potenzjali – tkun suxxettibbli li twaqqaf il-benefiċċji li jirrikorru minnha. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-iskemi se jitneħħew kompletament b'mod gradwali fil-futur prevedibbli, jew li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jieqfu jiksbu benefiċċji taħt dawn l-iskemi.

(331) Wara d-divulgazzjoni finali, CARBIO sostniet li waħda biss mill-iskemi ta' sussidju kumpensabbli misjuba fl-investigazzjoni attwali tat benefiċċji rikorrenti, jiġifieri l-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata.

(332) Il-Kummissjoni ma qablitx. Kif iċċarat fil-premessa (329), filwaqt li l-Kummissjoni ma setgħetx tikkalkula benefiċċju għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami fir-rigward tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fil-provinċja ta' Santa Fe, mhuwiex ikkontestat li ġie riċevut benefiċċju wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fi kwalunkwe każ, kif indikat fil-premessa (329), ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-eżenzjonijiet mit-taxxa fil-provinċja ta' Santa Fe, se jitneħħew gradwalment fil-futur prevedibbli. Għalhekk, għall-finijiet tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar, din l-iskema tista' titqies ukoll bħala li tagħti benefiċċji rikorrenti. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(333) CARBIO rrapportat ukoll li, wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'Jannar 2025, id-Digriet 38/2025 naqqas ir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja minn 33 % għal 26 % ([132]). Għalhekk, kwalunkwe impatt fuq il-produtturi tal-fażola tas-sojja naqas. Barra minn hekk, skont CARBIO, minn Jannar 2025 it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja għalhekk tkun ogħla mit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil (29 %) u l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kwotazzjoni fil-premessa (115) fejn jiġu imposti rati ogħla tal-materja prima u rati aktar baxxi tal-prodotti lesti, u b'hekk tipprovdi vantaġġ fil-prezz lill-industriji downstream domestiċi.

(334) Il-Kummissjoni nnotat li dan l-aġġustament ulterjuri tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja kkonferma li l-GtA huwa intitolat li jaġġusta s-sistema tat-taxxa fuq l-esportazzjoni b'mod regolari. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan l-aġġustament ma rtirax il-miżuri ta' sussidju inkwistjoni u li se jkompli jingħata benefiċċju wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li d-Digriet 38/2025 immodifika wkoll ir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil minn 29 % għal 23 % ([133]), u b'hekk żamm il-kwotazzjoni fil-premessa (115) hawn fuq. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(335) CARBIO żiedet li t-tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja, meħud flimkien mal-fatti li l-marġni ta' sussidju wera tnaqqis fis-sussidjar meta mqabbel mal-investigazzjoni oriġinali, u li l-Kummissjoni sabet fil-premessa (328) li l-programm ta' kumpens għall-produtturi tal-fażola tas-sojja u tal-qamħirrum żgħar u ta' daqs medju ġew itterminati, jenħtieġ li jwasslu għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar.

(336) Il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm kontinwazzjoni ta' sussidjar, u l-fatturi msemmija minn CARBIO ma żvalutawx din il-konklużjoni, peress li l-miżuri l-oħra msemmija fil-premessi minn (101) sa (150) hawn fuq li flimkien jammontaw għall-forniment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata ma ġewx itterminati. Għalhekk, se jkompli jingħata benefiċċju wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([132]) *Decreto* 38/2025, DECTO-2025-38-APN-PTE - *Derecho de Exportación*.
([133]) Fl-ambitu tal-kodiċi doganali 3826 00 00.

3.7.2. *Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Arġentina*

(337) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina lejn l-Unjoni jsirux f'volumi sinifikanti jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u, magħhom, anki l-impenn fis-seħħ fejn il-produtturi esportaturi impenjaw ruħhom li jesportaw bi prezz minimu tal-importazzjoni fl-Unjoni.

(338) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku rrapportata mill-GtA, il-kapaċità tal-produzzjoni fl-Arġentina baqgħet stabbli mill-2020 għal 3 920 550 tunnellata ([134]). Kif diġà ġie indikat fil-premessa (47), il-kapaċità baqgħet stabbli wkoll fid-dawl tan-nixfa li ġarrbet l-Arġentina bejn l-2022 u l-2023, li jikkonferma n-natura temporanja ta' dan il-fenomenu.

(339) Meta mqabbel mal-produzzjoni attwali, dan irriżulta f'kapaċità ta' riżerva ta' aktar minn 2 miljun tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 3

Kapaċità ta' riżerva Arġentina (MT)

Sena	Kapaċità tal-produzzjoni	Produzzjoni	Kapaċità ta' riżerva
2020	3 920 550	1 157 364	2 763 186
2021	3 920 550	1 723 665	2 196 885
2022	3 920 550	1 909 618	2 010 932
PIR	3 920 550	1 184 444	2 736 106

Sors: It-tweġiba tal-kwestjonarju tal-GtA, li ġejja mill-GAIN Report tal-2023 għall-kapaċità tal-produzzjoni u minn bażi tad-data Arġentina disponibbli għall-pubbliku għall-produzzjoni.

(340) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami l-Arġentina kellha rata ta' użu ta' 30 % biss u żammet kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti, li jammontaw għal 15 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kif stabbilit fit-Tabella 4. Kif uriet id-data tal-esportazzjoni fit-Tabella 2, il-kapaċità ta' riżerva sostanzjali ma tistax tiġi assorbita mis-suq domestiku u għalhekk hija fil-biċċa l-kbira disponibbli għall-esportazzjonijiet. Minn dan isegwi li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u, magħhom, l-impenn fis-seħħ, jistgħu jerġgħu jibdew volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni, b'mod partikolari meta titqies l-attraenza tas-suq tal-Unjoni kif spjegat fil-premessi li ġejjin.

3.7.3. *Attraenza tas-suq tal-Unjoni*

(341) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx probabbli li l-produtturi esportaturi Arġentini jżidu l-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom bi prezzijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat il-livell tal-prezz medju tal-esportazzjonijiet Arġentini lejn swieq ta' pajjiżi terzi u qabblithom mal-livell medju tal-prezz tal-esportazzjonijiet Arġentini lejn is-suq tal-Unjoni, biex tiddetermina l-prezz potenzjali tal-esportazzjoni tal-bijodiżil fin-nuqqas tal-miżuri kumpensatorji.

(342) Sabiex tqabbel il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni mal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi fl-istess livell, il-Kummissjoni eżaminat il-livell tal-prezzijiet lejn l-Unjoni u l-livell tal-prezzijiet lejn pajjiżi terzi disponibbli pubblikament fl-istatistika Arġentina dwar l-esportazzjoni ([135]), it-tnejn fil-livell tal-prezz frank abbord (FOB).

([134]) 2023 GAIN Report, p. 16. Id-data f'miljuni ta' litri ġiet ikkonvertita f'tunnellati bl-ekwivalenza li ġejja: 1 000 l = 1 m3 = 0,885 t.
([135]) http://datos.energia.gob.ar/dataset/estadisticas-de-biodiesel-y-bioetanol/archivo/4e04bc74-8625-412c-acc2-48412f2509b4.

(343) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezz tal-esportazzjoni ta' unità tal-bijodiżil lejn l-Unjoni kien 25 % ogħla mill-prezz tal-esportazzjoni ta' unità lejn pajjiżi terzi (il-Kanada u ċ-Ċina), li jagħmel is-suq tal-Unjoni aktar profittabbli (u għalhekk aktar attraenti) għall-produtturi esportaturi Arġentini. B'mod prospettiv, meta jitqies li l-prezz tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni analizzat huwa influwenzat mill-prezz minimu tal-importazzjoni skont l-impenn, il-livell tal-prezzijiet lejn pajjiżi terzi juri l-livell potenzjali ta' prezzijiet sussidjati lejn l-Unjoni, fin-nuqqas tal-miżuri u tal-impenn.

(344) Tabilħaqq, il-verifika tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ippermettiet lill-Kummissjoni tiħem l-effetti tal-prezz minimu tal-importazzjoni stabbilit skont l-impenn. Il-verifika wriet li, jekk il-prezzijiet fl-Unjoni jkunu aktar baxxi mill-prezz minimu tal-importazzjoni, jew jekk ma jippermettux biżżejjed profitti minbarra l-prezz minimu tal-importazzjoni, il-produtturi esportaturi Arġentini jippreferu jesportaw iż-żejt tal-fażola tas-sojja jew prodotti intermedji oħra bħala żejt newtralizzat (prodott fl-istess linja ta' produzzjoni bħall-bijodiżil, iżda pass ieħor 'il quddiem fil-katina tal-produzzjoni), li mhumiex soġġetti għal dazji kumpensatorji mill-Unjoni u jkollhom kost tal-produzzjoni aktar baxx meta mqabbel mal-bijodiżil. Deċiżjoni kummerċjali bħal din ma teħtieġx perjodi ta' żmien twal ta' aġġustament peress li huwa estremament faċli li jinxteħlu u jingħalqu l-impjanti tal-bijodiżil. Għalhekk, il-prezz minimu tal-importazzjoni skont l-impenn jipprevjeni esportazzjonijiet anqas mill-prezz minimu tal-importazzjoni, li hu probabbli, fin-nuqqas tal-miżuri u tal-impenn.

(345) Il-Kummissjoni analizzat jekk l-Unjoni kinitx tikkostitwixxi suq attraenti għall-esportaturi tal-bijodiżil Arġentini.

(346) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw il-bijodiżil lejn l-Unjoni biss. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku rrapportata mill-GtA, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami l-Unjoni kienet l-ogħla destinazzjoni tal-esportazzjoni għall-bijodiżil Arġentin u din kienet is-sitwazzjoni mill-inqas mill-2020 ([136]). L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kkonfermat li "L-Unjoni Ewropea għadha s-suq ewlieni u prattikament esklussiv għall-bijodiżil Arġentin" ([137]).

(347) Barra minn hekk, kif imfakkar fil-premessa (243), il-mandat domestiku tal-bijodiżil ta' 7,5 %, effettiv għall-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u li baqa' l-istess anke wara dan il-perjodu, naqqas il-kwantità ta' bijodiżil ikkunsmat fis-suq domestiku tal-Arġentina meta mqabbel mal-mandat preċedenti ta' 10 % skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils u mal-mandat temporanju ta' 12,5 %. B'konsegwenza ta' dan, mandat domestiku baxx tal-bijodiżil jimbotta aktar produzzjoni lejn l-esportazzjoni, b'mod partikolari lejn l-Unjoni.

(348) B'mod aktar ġenerali, l-industrija tal-bijodiżil fl-Arġentina hija fil-biċċa l-kbira orjentata lejn l-esportazzjoni, b'kumpaniji iżgħar biss iddedikati għall-provvista tas-suq domestiku. Għall-kuntrarju, kumpaniji esportaturi akbar jinsabu tul ix-xmara Paraná, f'post strateġiku għall-esportazzjonijiet li jippermetti l-vjeġġ dirett lejn l-Unjoni u lejn destinazzjonijiet oħra tal-esportazzjoni.

3.7.4. *Kapaċità ta' assorbiment possibbli minn swieq ta' pajjiżi terzi*

(349) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat jekk is-swieq ta' pajjiżi terzi għandhomx il-kapaċità li jassorbu parti mill-produzzjoni tal-bijodiżil tal-Arġentina.

(350) Fl-2016, il-Perù u, fl-2017, l-Istati Uniti, li t-tnejn li huma kienu d-destinazzjonijiet tradizzjonali tal-esportazzjoni tal-bijodiżil Arġentin, imponew dazji anti-dumping u kumpensatorji fuq il-bijodiżil Arġentin, f'livell projbittiv ([138]).

([136]) http://datos.energia.gob.ar/dataset/estadisticas-de-biodiesel-y-bioetanol/archivo/4e04bc74-8625-412c-acc2-48412f2509b4.
([137]) 2024 GAIN Report, p. 19.
([138]) 2024 GAIN Report, p. 17.

(351) Kif jidher fit-Tabella 2, l-esportazzjonijiet mill-Arġentina lejn pajjiżi terzi żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Abbażi tal-istatistika Arġentina disponibbli għall-pubbliku ([139]), din iż-żieda kienet prinċipalment dovuta għal volumi ogħla ta' esportazzjoni lejn il-Kanada. B'mod ġenerali, madankollu, dawn l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi kienu jikkostitwixxu biss frazzjoni tal-volum totali tal-esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri 3,6 % biss, bis-sehem li jifdal ikun kompletament dirett lejn l-Unjoni. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-unika destinazzjoni oħra tal-esportazzjoni kienet iċ-Ċina, bi kwantità immaterjali ta' 21 tunnellata importati mill-Arġentina. Madankollu, iċ-Ċina għandha l-produzzjoni ta' bijodiżil tagħha stess u mhux se tkun tista' tassorbi żieda fil-volumi tal-esportazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li pajjiżi terzi x'aktarx li ma jkollhomx il-kapaċità li jassorbu l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil tal-Arġentina.

3.7.5. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar*

(352) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

(353) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mill-Arġentina komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet sussidjati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(354) Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni sabet li l-kapaċità żejda ta' riżerva fl-Arġentina kienet sinifikanti. L-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' daqs u prezzijiet tal-bejgħ indikat ukoll li l-esportazzjonijiet Arġentini x'aktarx ikunu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri kumpensatorji jiskadu.

(355) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li huwa probabbli li l-produtturi esportaturi Arġentini jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom tal-bijodiżil bi prezzijiet sussidjati lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri kumpensatorji u għalhekk anki l-impenn fis-seħħ jitħallew jiskadu.

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(356) Il-prodott simili kien manifatturat minn 43 produttur fl-Unjoni li kienu membri tal-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB, European Biodiesel Board) flimkien ma' madwar 20 produttur ieħor tal-Unjoni li mhumiex membri tal-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB). Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(357) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal madwar 14 925 455 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġiba aġġornata għall-kwestjonarju makro sottomess mill-EBB wara ż-żjara ta' verifika. Id-data tal-EBB dwar il-produzzjoni tal-bijodiżil tal-Unjoni kienet ibbażata fuq fornitur estern tal-informazzjoni dwar is-suq imsejjaħ Stratas.

(358) Minbarra dak li ġie indikat fil-premessa (16), fid-dawl taċ-ċifra riveduta tal-produzzjoni tal-Unjoni matul l-investigazzjoni, l-erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar 12 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Konsum tal-Unjoni

(359) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volumi tal-bejgħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni kif sottomessi mill-EBB u vverifikati fil-bini tiegħu u abbażi tal-Comext għad-data tal-importazzjoni.

([139]) http://datos.energia.gob.ar/dataset/estadisticas-de-biodiesel-y-bioetanol/archivo/4e04bc74-8625-412c-acc2-48412f2509b4.

(360) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2020	2021	2022	PIR
Konsum totali tal-Unjoni	17 052 598	17 411 472	18 082 244	18 543 184
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*102*	*106*	*109*

Sors: Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB), Comext

(361) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa b'mod pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat, f'konformità maż-żieda fil-mandati għall-użu u t-taħlit tal-bijodiżil fl-Unjoni.

4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(362) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi ta' statistika dwar l-importazzjonijiet minn Comext u GtA. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni fit-tabella 4, id-data dwar il-bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni kif ippreżentata mill-applikant, il-Comext u l-GtA.

(363) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mill-Arġentina (tunnellati)	874 199	1 292 775	997 210	490 644
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*148*	*114*	*56*
Sehem mis-suq	5,1 %	7,4 %	5,5 %	2,6 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*145*	*108*	*52*

Sors: EBB, Comext, GtA

(364) L-importazzjonijiet mill-Arġentina varjaw iżda b'mod ġenerali naqsu matul il-perjodu kkunsidrat (-44 % b'mod ġenerali). Is-sehem mis-suq tagħhom naqas minn 5,1 % fl-2020 għal 2,6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Ta' min jinnota li l-impenn imsemmi fil-premessa (2) hawn fuq baqa' effettiv matul il-perjodu kkunsidrat.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(365) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' Comext.

(366) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 6

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2020	2021	2022	PIR
L-Arġentina	732	1 076	1 419	1 425
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*147*	*194*	*195*

Sors: Comext

(367) Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Arġentina żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat (+95 % kumplessivament). Jenħtieġ li ż-żieda fil-prezz titqies fid-dawl tal-impenn imsemmi fil-premessa (2) hawn fuq u li baqgħet effettiva matul il-perjodu kkunsidrat.

(368) It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju.

(369) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bill qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

(2) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Arġentini li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (CIF), inkluż id-dazju kumpensatorju, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(370) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. It-tqabbil, espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, wera li l-prezzijiet Arġentini ma kinux qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' twaqqigħ tal-prezz jitqies fid-dawl tal-impenji fuq il-prezzijiet offruti mill-esportaturi Arġentini fl-2019.

4.4. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Arġentina

(371) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil minn pajjiżi terzi għajr l-Arġentina kienu prinċipalment miċ-Ċina, mir-Renju Unit u minn Singapore.

(372) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 7

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	PIR
Iċ-Ċina	Volum (tunnellati)	926 695	494 931	1 020 300	1 541 239
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*53*	*110*	*166*
	Sehem mis-suq	5,4 %	2,8 %	5,6 %	8,3 %

Pajjiż		2020	2021	2022	PIR
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	995	1 258	1 645	1 577
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*126*	*165*	*158*
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	608 155	990 082	1 032 790	1 100 392
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*163*	*170*	*181*
	Sehem mis-suq	3,6 %	5,8 %	6,1 %	6,5 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 027	1 361	1 615	1 297
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*132*	*157*	*126*
Singapore	Volum (tunnellati)	468 998	279 098	689 578	868 513
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*60*	*147*	*185*
	Sehem mis-suq	2,8 %	1,6 %	4 %	5,1 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 202	1 922	1 388	1 495
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*160*	*116*	*124*
Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	1 551 084	1 390 427	2 191 348	2 544 445
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*90*	*141*	*164*
	Sehem mis-suq	9,1 %	8 %	12,1 %	13,7 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	858	1 169	1 736	1 468
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*136*	*202*	*171*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	3 554 931	3 154 538	4 934 015	6 054 588
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*89*	*139*	*170*
	Sehem mis-suq	20,8 %	18,1 %	27,3 %	32,7 %

Pajjiż		2020	2021	2022	PIR
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	968	1 310	1 643	1 469
	Indiċi (2020 = 100)	*100*	*135*	*170*	*152*

Sors: *Comext (il-volum ([140]) u l-prezz medju ([141])) minbarra r-Renju Unit fl-2020 li għalih, fin-nuqqas ta' data konklużiva f'Comext, saru stimi tal-volumi u tal-prezzijiet abbażi tal-prezzijiet tal-GtA*

(373) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezz medju tal-importazzjoni ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Arġentina kien ġeneralment ogħla mill-prezz tal-importazzjoni mill-Arġentina. Madankollu, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mhumiex direttament komparabbli minħabba d-differenzi fil-flussi kummerċjali u/jew fil-materja prima użata. Tabilħaqq, tqabbil sinifikanti tal-prezzijiet, il-volumi u l-ishma tas-suq tal-bijodiżil minn oriġini differenti jista' jsir biss meta tiġi rikonoxxuta t-taħlita tal-prodott involuta. F'dan ir-rigward, il-bijodiżil Ċiniż sar minn materja prima li tattira prezz ogħla fis-suq tal-Unjoni minħabba primjum tal-għadd doppju skont id-Direttivi dwar l-Enerġija Rinnovabbli ("RED, Renewable Energy Directives") filwaqt li sehem kbir ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina kien ibbażat fuq l-għelejjel, kif ikkonfermat, fost l-oħrajn, mir-rapport Statistiku tal-2023 tal-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) ([142]), il-GAIN Reports dwar iċ-Ċina ([143]) u l-Unjoni Ewropea ([144]), l-informazzjoni dwar is-suq ([145]) u sensiela ta' investigazzjonijiet dwar id-difiża tal-kummerċ li saru mill-Kummissjoni ([146]).

(374) Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn Singapor, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet ma jirriflettux il-kundizzjonijiet attwali tas-suq. Fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni li joriġinaw mir-Renju Unit ([147]), dawn kienu fil-biċċa l-kbira prodotti kkumerċjalizzati ([148])" li possibbilment jinkludu bbilanċjar tal-pożizzjoni ta' produtturi transfruntieri tar-Renju Unit ([149])/tal-UE bi prezzijiet tat-trasferiment, li l-Kummissjoni ma setgħetx tkompli tittraċċa.

([140]) Data ta' Comext għall-bijodiżil pur u t-taħlitiet tiegħu.

([141]) Data ta' Comext għal bijodiżil pur biss. Data għall-kodiċi 2710 19 43 29 għal Singapore. Data għall-kodiċi 3826 00 10 għall-Arġentina, ir-Renju Unit u pajjiżi terzi oħrajn. Data għall-kodiċijiet 2710 19 43 29 u 3826 00 10 għal pajjiżi oħrajn għajr iċ-Ċina (għas-sehem tar-Renju Unit inkluż f'pajjiżi oħrajn għajr iċ-Ċina, tqies biss il-kodiċi 3826 00 10).

([142]) Statistical Report tal-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) 2023 disponibbli fuq https://ebb-eu.org/wp-content/uploads/2024/03/EBB_Statistical_Report2023-Final.pdf (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024).

([143]) GAIN. Biofuels Annual of 19 October 2023. China. Disponibbli fuq https://fas.usda.gov/data/china-biofuels-annual-9 (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024).

([144]) GAIN. Biofuels Annual of 14 August 2023. European Union. Disponibbli fuq https://fas.usda.gov/data/european-union-biofuels-annual-3 (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024).

([145]) Fid-dawl ta' https://www.reuters.com/business/energy/malaysian-2024-biofuel-output-seen-rising-if-b20-biodiesel-usage-expanded-2024-03-05/ (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024), il-bijodiżil Malażjan huwa bbażat fuq iż-żejt tal-palm. Għal ħarsa ġenerali globali, ara l-paġna 27 tar-rapport tal-UFOP dwar il-provvista tas-suq globali 2023/2024, disponibbli fuq https://www.ufop.de/files/8217/0548/9837/UFOP-2116_Report_Global_Market_Supply_A5_EN_23_24_160124.pdf.

([146]) Għal eżempju, ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1344 tat-12 ta' Awwissu 2019 li jimponi dazju kumpensatorju proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja, ĠU L 212, 13.8.2019, p. 1–52. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1344/oj. Il-premessa (32) tgħid: "L-investigazzjoni indikat li l-bijodiżil prodott fl-Indoneżja huwa primarjament ester metiliku taż-żejt tal-palm ("PME"), li huwa derivat miż-żejt tal-palm...".

([147]) Għal materja prima fir-Renju Unit, ara pereżempju https://www.gov.uk/government/statistics/bioenergy-crops-in-england-and-the-uk-2008-2023/bioenergy-crops-in-england-and-the-uk-2008-2023 u l-applikazzjoni fil-fajl pubbliku tal-investigazzjoni mis-Servizz tar-Rimedji Kummerċjali disponibbli fuq https://www.trade-remedies.service.gov.uk/public/case/AD0058/.

([148]) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-Renju Unit, pajjiż b'domanda domestika kbira għall-bijodiżil, tqiesu li kienu fil-biċċa l-kbira prodotti kkummerċjalizzati peress li l-volum tagħhom fit-tabella 12 tar-Regolament proviżorju kien bażikament id-doppju tal-produzzjoni totali tal-bijodiżil f'dak il-pajjiż. Din hija privattiva mit-tabella C.41.1 tal-OECD/FAO (2022), OECD-FAO Agricultural Outlook 2022–2031, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/f1b0b29c-en. Barra minn hekk, il-paġni 30-32 tal-applikazzjoni fil-file pubbliku tal-investigazzjoni mis-Servizz tar-Rimedji Kummerċjali disponibbli fuq https://www.trade-remedies.service.gov.uk/public/case/AD0058/ innutaw li l-grupp Greenergy kellu attivitajiet kbar ta' esportazzjoni. It-tabella fil-paġna 27 (150 000 – 200 000 tunnellata minn Olleco plus Argent) tal-istess applikazzjoni u l-istimi fil-paġna 29 (320 000 – 370 000 tunnellata għal Greenergy) tal-applikazzjoni jissuġġerixxu li l-produzzjoni tal-bijodiżil fir-Renju Unit kienet ta' madwar nofs miljun tunnellata (jew ftit aktar).

([149]) Ir-Renju Unit.

Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet ta' prattiki kummerċjali anormali fis-settur fir-Renju Unit matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ([150]). It-tielet, l-awtoritajiet rilevanti tar-Renju Unit kienu qed jagħtu awtorizzazzjonijiet ta' proċessar attiv lill-kumpaniji taż-żejt għal importazzjonijiet tal-bijodiżil, li ffaċilitaw il-kummerċ ta' bijodiżil ta' oriġini mhux mir-Renju Unit lejn l-Unjoni permezz tar-Renju Unit, u b'hekk l-istatistika ma tibqax tidher ċara. Dawn il-prattiki ntemmu biss reċentement ([151]) ([152]).

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(375) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni inkludiet evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(376) Kif imsemmi fil-premessa (16), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(377) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi ta' data li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju makro sottomessa mill-applikant. Id-data kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(378) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping, u l-irkupru mis-sussidjar tal-passat.

(379) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(380) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	PIR
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	14 768 456	15 301 256	15 286 729	14 925 455
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*104*	*104*	*101*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	21 360 776	21 525 776	21 925 776	21 933 276

([150]) Il-premessi (12) u (13) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1273 tas-7 ta' Mejju 2024 li ttemm l-investigazzjoni tal-possibbiltà ta' ċirkumvenzjoni, permezz ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Renju Unit, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Renju Unit kif ukoll jekk le, tal-miżuri kumpensatorji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja, u li jtemmu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, ĠU L, 2024/1273, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1273/oj.

([151]) https://rtfa.org.uk/2024/07/23/uk-renewable-fuels-industry-calls-for-inward-processing-policy-to-be-made-more-transparent/ (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024).

([152]) https://www.spglobal.com/commodityinsights/en/market-insights/latest-news/agriculture/040324-uk-to-instate-biofuel-import-duties-after-halting-exemptions (ikkonsultat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2024).

	2020	2021	2022	PIR
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*101*	*103*	*103*
Użu tal-kapaċità	69 %	71 %	70 %	68 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*103*	*101*	*98*

Sors: Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil/Stratas għall-2020-2023, applikant. Stimi mill-applikant għall-PIR (ibbażati fuq id-data "Stratas" għall-2022 u l-2023).

(381) Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità kienu f'livelli relattivament simili fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbla mal-2020. Madankollu, il-volumi tal-produzzjoni naqsu b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbla mal-2022.

4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(382) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PIR
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	12 623 468	12 964 160	12 151 019	11 997 951
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*103*	*96*	*94*
Sehem mis-suq	74 %	74,5 %	67,2 %	64,7 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*101*	*91*	*87*

Sors: Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB)

(383) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi kważi 10 punti perċentwali biex laħaq sehem mis-suq ta' 64,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq korrispondenti bdew jonqsu fl-2021.

4.5.2.3. Tkabbir

(384) L-industrija tal-Unjoni ma esperjenzat l-ebda tkabbir f'termini ta' produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat minkejja l-iżvilupp pożittiv tal-konsum tal-bijodiżil f'dak il-perjodu. Fil-fatt, il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqsu matul il-perjodu ta' referenza.

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(385) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	PIR
Għadd ta' impjegati	5 307	5 801	6 066	5 897
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*109*	*114*	*111*

	2020	2021	2022	PIR
Produttività (tunnellati/ impjegat)	2 783	2 638	2 520	2 531
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*95*	*91*	*91*

Sors: Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB)

(386) Il-Kummissjoni nnotat li mhux il-produtturi kollha tal-Unjoni rrapportaw data dwar l-impjiegi lill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) bl-istess approċċ u li kienu meħtieġa xi stimi għall-kumpaniji li ma jirrapportawx, u dan ħoloq xi nuqqasijiet fid-data disponibbli għall-Kummissjoni fir-rigward tal-impjiegi. Fi kwalunkwe każ, l-għadd stmat ta' impjegati ppreżentat hawn fuq tqies bħala raġonevolment preċiż u adegwat għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, jiġifieri peress li parti sinifikanti tad-data ġiet kontroverifikata mill-Kummissjoni nnifisha matul iż-żjarat ta' verifika fuq il-post lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u lill-applikant.

4.5.2.5. Id-daqs tal-marġni ta' sussidjar u l-irkupru minn prattiki passati ta' dumping/ kumpensabbli

(387) Il-marġnijiet ta' sussidjar tal-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun kienu ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali ta' sussidjar fuq l-industrija tal-Unjoni kien, madankollu, limitat peress li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Arġentina rriżultaw minn impenji.

(388) Kif innotat fil-premessa (3), il-prodott taħt rieżami diġà kien soġġett għal diversi investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji.

(389) Il-miżuri anti-dumping u antisussidji eżistenti kontra l-Istati Uniti (estiżi għal kunsinni mill-Kanada, b'xi eżenzjonijiet ([153])) ġew imġedda matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn il-miżuri kienu ineffettivi.

(390) Fl-2020, l-industrija tal-Unjoni wriet b'mod ċar sinjali ta' rkupru wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni oriġinali u l-impożizzjoni fl-2019 ta' miżuri kumpensatorji definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja ([154]).

(391) L-industrija tal-Unjoni kienet qed tibda tirkupra mis-sussidjar dannuż tal-bijodiżil fl-imgħoddi mill-Arġentina u l-Indoneżja meta volum dejjem akbar ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil miċ-Ċina bi prezzijiet baxxi wasal fis-suq tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping kellhom kemm effetti fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat, inkluża s-soppressjoni tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, u impatt negattiv ċar fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(392) L-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali mill-importazzjonijiet tal-bijodiżil Ċiniż matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-miżuri anti-dumping kontra ċ-Ċina li jkopru l-istess perjodu kkunsidrat bħar-rieżami preżenti ġew imposti provviżorjament f'Awwissu 2024 u mbagħad ikkonfermati fi Frar 2025 ([155]).

([153]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/731 tat-12 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 136, 13.5.2022, paġni 3–7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/731/oj).

([154]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja, (ĠU L 317, 9.12.2019, paġni 42–95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2092/oj).

([155]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/261 tal-10 ta' Frar 2025 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/261, 11.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/261/oj).

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(393) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u Kost unitarju tal-produzzjoni

	2020	2021	2022	PIR
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	799	1 068	1 518	1 355
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*134*	*190*	*169*
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	784	1 057	1 492	1 353
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*135*	*190*	*172*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(394) Mill-2020 sal-2022, il-prezzijiet tal-bejgħ segwew ix-xejriet fil-kostijiet, u t-tnejn żdiedu b'90 % sal-2022. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tirrifletti ż-żieda fil-kostijiet fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u kienet imġiegħla tbigħ kważi skont il-kost.

(395) Fi tmiem il-perjodu kkunsidrat, id-differenza bejn il-kost unitarju tal-produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ ta' unità naqset u bilkemm saret EUR 2.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(396) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	78 088	83 914	85 898	89 613
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*107*	*110*	*115*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(397) Bħala medja, il-kost lavorattiv tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdied bi 15 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Peress li l-kost lavorattiv jirrappreżenta mhux inqas minn 3 % tal-kost tal-manifattura tal-bijodiżil, iż-żieda fil-kostijiet lavorattivi - li ma hijiex f'kunflitt maż-żieda ġenerali medja ta' 12 % fil-kost lavorattiv fl-Unjoni fil-perjodu 2020-2023 skont il-Eurostat ([156]) - għandha impatt negliġibbli fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

([156]) Eurostat, Data annwali dwar il-kost lavorattiv – Nace Rev.2 (https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/bookmark/995c4de3-9520-4cc1-9dc2-3c78325a2fc8?lang=en).

4.5.3.3. Inventarji

(398) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 13

Inventarji

	2020	2021	2022	PIR
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	170 541	140 162	184 957	230 610
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*82*	*108*	*135*
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	1,2 %	0,9 %	1,2 %	1,6 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*75*	*100*	*133*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(399) Il-Kummissjoni kienet preċedentement iddikjarat li l-livell ta' stokkijiet huwa indikatur inqas sinifikanti għal dan it-tip ta' industrija ([157]). Il-Kummissjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni għamlet ħilitha biex iżżomm l-istokkijiet baxxi, iżda dan mhux dejjem kien possibbli fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq. Hija nnotat ukoll li, minħabba li l-prodott taħt rieżami jinbiegħ bl-ingrossa, konsenja waħda tista' tinkludi volum sinifikanti ta' aktar minn 10 000 tunnellata li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell tal-istokk, skont id-data preċiża tat-tranżazzjoni.

4.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(400) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	PIR
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	2 %	1 %	1,8 %	0,1 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*50*	*90*	*5*
Fluss tal-flus (EUR)	90 293 613	- 26 971 004	- 70 149 695	- 41 725 753
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*- 30*	*- 78*	*- 46*
Investimenti (EUR)	92 568 706	43 686 329	62 751 636	105 304 643
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*47*	*68*	*114*
Redditu fuq l-investimenti	8,4 %	5,8 %	10,5 %	1,3 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*69*	*126*	*15*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

([157]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244 tal-11 ta' Frar 2019 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina (ĠU L 40, 12.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/244/oj), il-premessa (394).

(401) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet f'livelli baxxi ħafna matul il-perjodu kkunsidrat u naqset għal ekwilibriju fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(402) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett iddeterjorat ħafna matul il-perjodu kkunsidrat u kienet negattiva ħafna mill-2021.

(403) L-investimenti fil-kumpaniji inklużi fil-kampjun varjaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod ġenerali, l-investimenti huma approvati snin qabel l-implimentazzjoni tagħhom. L-investimenti fl-aħħar parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienu proġetti previsti minn żmien twil qabel u kienu jikkonċernaw biss żewġ kumpaniji.

(404) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa b'mod negattiv, f'konformità mal-profittabbiltà, u kien baxx ħafna matul il-perjodu kollu kkunsidrat u b'1,3 % biss fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami minħabba b'mod partikolari l-livell baxx ħafna ta' profittabbiltà.

(405) Fir-rigward tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiġbor il-kapital, din ġiet imxekkla mill-fluss tal-flus negattiv ħafna mill-2021.

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(406) Il-valutazzjoni ta' hawn fuq tal-makroindikaturi u tal-mikroindikaturi ekonomiċi turi li l-industrija tal-Unjoni kienet qed issofri dannu materjali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, peress li tilfet sehem sinifikanti mis-suq u ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha ma kinitx biżżejjed biex tgħaddi ż-żieda qawwija fil-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, li rriżulta fit-tnaqqis tal-profittabbiltà tagħha, li affettwat b'mod negattiv ir-redditu fuq l-investimenti u l-fluss tal-flus. Il-fatt li ftit indikaturi (il-kapaċità tal-produzzjoni, in-numru ta' impjegati) ma ddeterjorawx ma jimminax is-sejba ta' dannu.

(407) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5. **KAWŻALITÀ**

5.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati**

(408) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mill-Arġentina naqsu b'44 %, kif muri fit-tabella 5, filwaqt li l-konsum żdied b'madwar 9 % (kif muri fit-tabella 4). Dan irriżulta fi tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Arġentina bi 2,4 punti perċentwali minn 5,1 % għal 2,7 %, fi żmien meta s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'aktar minn 9 punti perċentwali biex laħaq 64,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(409) Il-prezzijiet tal-esportaturi Arġentini inklużi fil-kampjun, li jirrappreżentaw 68 % tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentin fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ma waqqgħux il-prezzijiet tal-Unjoni. Minħabba li l-prezzijiet għall-importazzjonijiet Arġentini fit-tabella 6 għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu ogħla mill-prezzijiet tal-esportaturi Arġentini inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Arġentini ma waqqgħux il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(410) Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) sostniet li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentin ma kienu l-kawża tal-ebda dannu li l-produtturi tal-Unjoni setgħu sofrew.

(411) L-investigazzjoni ma ppermettietx li jiġi konkluż li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina kkontribwew għad-dannu materjali mġarrab mill-produtturi tal-bijodiżil tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5.2. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(412) L-analiżi ta' hawn fuq ma turi l-ebda żieda ġenerali fil-volum u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Arġentina matul il-perjodu kkunsidrat. L-impenji fis-seħħ kienu jinvolvu li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Arġentini sussidjati kienu għoljin biżżejjed u ma setgħux jipprevjenu lill-industrija tal-Unjoni milli tikseb ipprezzar sostenibbli u marġnijiet ta' profitt raġonevoli.

(413) L-industrija tal-Unjoni tilfet sehem sinifikanti mis-suq għall-benefiċċju ta' bijodiżil ibbażat fuq l-iskart oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi dannu fil-prezz ikkawżat minn importazzjonijiet mill-Arġentina.

(414) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fid-dawl tal-livell tal-prezzijiet tagħhom, l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ma setgħux ikkawżaw id-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

6. **IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU KKAWŻAT MILL-IMPORTAZZJONIJIET MILL-ARĠENTINA**

(415) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (407) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fit-taqsima ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax jiġi kkawżat minn importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina prinċipalment minħabba l-livell tal-prezz tagħhom li huwa influwenzat mill-eżistenza ta' impenn. Id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ta' bijodiżil miċ-Ċina ([158]). Il-Kummissjoni qieset li, fin-nuqqas ta' impenji, l-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali ta' sussidjar fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx ikun negliġibbli, minħabba l-volum tal-importazzjonijiet mill-Arġentina matul il-perjodu kkunsidrat u n-natura tal-prodott, li huwa prodott ta' komodità. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

(416) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Arġentina, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet fil-pajjiż ikkonċernat, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra; il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Arġentina fin-nuqqas ta' miżuri kumpensatorji; l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-impatt tal-volum potenzjali tal-importazzjoni u l-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(417) Kif muri fit-tabella 3 u fil-GAIN reports, ([159]) u konkluż fil-premessa (340), il-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti u għalhekk, il-kapaċità li jżidu b'mod sostanzjali l-produzzjoni tal-bijodiżil jekk is-sitwazzjoni tas-suq tkun favorevoli. Fil-kummenti tagħha wara l-bidu, CARBIO kkontestat dan il-punt minħabba li ma kienx se jkun hemm investimenti fil-futur prevedibbli, li l-produzzjoni tal-bijodiżil u l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Arġentina kienu naqsu u li din ix-xejra se tkompli fil-futur bħala riżultat tal-effetti tat-tisħin globali fl-Arġentina. Minkejja l-isfidi ffaċċjati fl-agrikoltura minħabba t-tisħin globali, jibqa' mhux ikkontestat li l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Arġentina ammontat għal aktar minn ħames darbiet il-konsum domestiku fl-2024 ([160]) u għal madwar 25 % tal-konsum tal-bijodiżil fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ([161]). Għalhekk, id-dikjarazzjonijiet tal-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) ġew miċħuda.

([158]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/261 tal-10 ta' Frar 2025 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/261, 11.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/261/oj).

([159]) Tabella 5 tal-GAIN Report– Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf.

([160]) Tabella 5 tal-GAIN Report– Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf.

([161]) Tabella 5 tal-GAIN Report– Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf.

(418) F'sottomissjoni datata l-15 ta' Marzu 2024, il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) sostniet li ma hemm l-ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' żieda fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentin fin-nuqqas ta' miżuri, minħabba t-telf ta' attraenza tas-suq tal-Unjoni wara ċerti inizjattivi leġiżlattivi (li jvarjaw minn uħud mill-Stati Membri li gradwalment eliminaw l-użu taż-żejt tal-fażola tas-sojja, għal Unjoni li tiffavorixxi l-bijodiżil ibbażat fuq l-iskart permezz ta' inizjattivi tal-Katina tal-provvista mingħajr deforestazzjoni tal-UE), il-mandati l-ġodda ta' taħlit fl-Arġentina u l-possibbiltà li l-Arġentina tbigħ il-bijodiżil fi swieq ġodda, jiġifieri l-Brażil ([162]).

(419) Il-Kummissjoni sabet li d-dikjarazzjonijiet tal-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) ma kinux sostnuti mill-fatti. Fir-rigward tal-allegata rikorrenza improbabbli ta' żieda fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentin fl-Unjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-Unjoni hija l-akbar konsumatur tal-bijodiżil fid-dinja, li jirrappreżenta madwar 23 % tal-konsum globali fl-2023 ([163]). Minkejja l-prezzijiet artifiċjalment għoljin fis-suq domestiku tal-Arġentina msemmija fil-premessa (239) u l-mandati l-ġodda ta' taħlit fl-Arġentina, il-konsum domestiku tal-bijodiżil fil-pajjiż ikkonċernat kien baxx ħafna u kien jirrappreżenta 0,9 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil Arġentin matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-esportazzjonijiet tal-bijodiżil kienu l-pilastru ewlieni tal-industrija tal-bijodiżil Arġentin u, għalkemm l-esportazzjonijiet varjaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq, l-Unjoni baqgħet is-suq ewlieni tal-esportazzjoni għall-bijodiżil Arġentin sena wara sena, kif muri fit-tweġiba għall-kwestjonarju sottomessa mill-Gvern tal-Arġentina ([164]). Importanti daqs l-esportazzjonijiet għall-industrija Arġentina, l-Arġentina kienet ikkonfrontata b'diffikultajiet dejjem akbar biex tbigħ barra mill-pajjiż. Kif innotat fil-premessa (350), l-awtoritajiet Peruvjani u tal-Istati Uniti tal-Amerka imponew miżuri antisussidji u anti-dumping għoljin fuq il-bijodiżil Arġentin li qatgħu l-importazzjonijiet tagħhom mill-Arġentina ([165]). Skont l-istatistika Arġentina, fl-2024, l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina lejn destinazzjonijiet għajr l-Unjoni kienu bażikament limitati għall-Kanada, kif innotat fil-premessa (351). L-esportazzjonijiet lejn il-Kanada ammontaw għal inqas minn 10 % tal-esportazzjonijiet Arġentini u kienu bi prezzijiet inqas attraenti meta mqabbla mal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Ma kien hemm l-ebda prospetti sinifikanti għall-produtturi Arġentini biex jesportaw lejn swieq oħra ([166]). Minkejja l-bidliet leġiżlattivi b'effett allegat fuq l-attraenza tas-suq tal-bijodiżil tal-Unjoni, l-Unjoni hija impenjata li tagħti spinta lill-alternattivi għad-diżil fossili tradizzjonali, inkluż permezz tal-bijodiżil konvenzjonali, kif ikkonfermat minn RED III ([167]). Fil-qosor, is-suq tal-Unjoni kien u huwa attraenti f'termini ta' daqs, prezz u aċċessibbiltà, għalhekk, hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat.

(420) Barra minn hekk, kif muri fit-tabella 5, matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat baqgħu materjali. Hemm 32 impjant tal-bijodiżil fl-Arġentina, li kollha jużaw żejt veġetali mit-tisħiq tal-fażola tas-sojja bħala materja prima ([168]), jiġifieri materja prima li, bħall-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tal-Unjoni, ma tattirax primjum tal-għadd doppju skont RED u b'hekk tiġbed prezzijiet aktar baxxi fis-suq mill-bijodiżil magħmul mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-d-Direttiva RED II. Il-bijodiżil huwa komodità u l-kompetizzjoni bejn il-bijodiżil Arġentin u l-bijodiżil magħmul fl-Unjoni fis-suq hija għalhekk xprunata mill-prezzijiet.

(421) Wara d-divulgazzjoni, CARBIO nnotat li n-nuqqas ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet Arġentini x'aktarx li ma jirriżultax f'rikorrenza ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni minħabba li: (1) l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina naqsu b'mod sinifikanti matul l-aħħar ftit snin u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fl-Arġentina injorat il-konklużjoni tal-Kummissjoni stess li l-produtturi tal-bijodiżil li jaqdu l-mandat domestiku Arġentin huma legalment impediti milli jesportaw; (2) ma hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz u l-impenn jikkumpensa kwalunkwe effett ta' kwalunkwe allegat sussidjar; u (3) il-kawża ta' kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni hija attribwita għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil Ċiniżi oġġett ta' dumping, kif ikkonfermat ukoll mill-Kummissjoni.

([162]) Fis-sottomissjoni tagħha t24.002793, il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) nnotat żieda fil-mandat tal-bijodiżil fil-Brażil għal 14 % minn Marzu 2024, u għal 15 % minn Marzu 2025 (żieda mit-12 % kurrenti). Il-parti żiedet li l-Brażil kien approva l-użu ta' bijodiżil importat fit-tanħlita obbligatorja minn Jannar 2024.

([163]) https://www.statista.com/statistics/1485491/biofuel-consumption-by-type-region-world/.

([164]) t24.007393.

([165]) GAIN Report – Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024, il-paġna 20. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf.

([166]) GAIN Report – Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf. Il-paġna 19 tgħid: "Ma hemm l-ebda esportazzjoni pproġettata lejn l-Istati Uniti, il-Perù, jew swieq diskrezzjonali oħra."

([167]) Għal aktar informazzjoni: https://energy.ec.europa.eu/topics/renewable-energy/renewable-energy-directive-targets-and-rules/renewable-energy-directive_en?prefLang=mt.

([168]) GAIN Report – Biofuels Annual, Argentina, il-5 ta' Awwissu, 2024. Disponibbli fuq https://apps.fas.usda.gov/newgainapi/api/Report/DownloadReportByFileName?fileName=Biofuels+Annual_Buenos+Aires_Argentina_AR2024-0011.pdf.

(422) Il-Kummissjoni ma qablitx mad-dikjarazzjonijiet ta' CARBIO hawn fuq. Dwar l-ewwel punt, ta' min jinnota li CARBIO rrikonoxxiet l-eżistenza ta' kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli li jistgħu potenzjalment jiġu esportati lejn l-Unjoni (anki jekk sa livell aktar baxx minn dak konkluż mill-Kummissjoni). Barra minn hekk, l-investigazzjoni sabet fil-premessa (40) li produttur tal-bijodiżil fil-grupp ta' produttur esportatur inkluż fil-kampjun ipproduċa bijodiżil aktar tard mibjugħ kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq tal-esportazzjoni. Għal produttur tal-bijodiżil bħal dan, l-allokazzjoni ta' kwota fi ħdan il-mandat tal-bijodiżil implikat kapaċità aktar baxxa ddedikata għall-esportazzjoni. Għalhekk, il-kapaċità għas-suq domestiku u l-kapaċità għall-esportazzjoni jinteraġixxu. Dwar it-tieni kwistjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-impenn fis-seħħ ma jikkumpensa l-ebda effett ta' kwalunkwe allegat sussidjar fin-nuqqas tal-miżuri attwali sal-punt li l-impenn ikun marbut mal-eżistenza tal-miżuri kumpensatorji nfushom. Fi kliem ieħor, fin-nuqqas ta' miżuri u l-impenn, it-twaqqigħ tal-prezz x'aktarx li jerġa' jseħħ. Fir-rigward tat-tielet punt, għalkemm l-investigazzjoni tar-rieżami kkonkludiet li d-dannu osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma kienx ikkawżat minn importazzjonijiet mill-Arġentina, hija kkonkludiet ukoll li jekk il-miżuri ma jinżammux id-dehra mill-ġdid tal-importazzjonijiet Arġentini bi prezzijiet inġusti tikkawża dannu u twaqqaf l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni mid-dannu li huwa mistenni bħala riżultat tal-impożizzjoni reċenti ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping.

(423) Meta jitqiesu s-sejbiet miġbura fil-qosor f'din it-taqsima, huwa għalhekk mistenni li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-esportaturi Arġentini jkollhom inċentiv li jesportaw lejn l-Unjoni bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni f'livelli simili għal dawk misjuba fl-investigazzjoni oriġinali. Dan jikkawża pressjoni fuq il-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni li mbagħad titlef il-volumi ta' bejgħ u/jew tkun obbligata tnaqqas il-livelli tal-prezzijiet tagħha, bl-impatt konsegwenti fuq il-profittabbiltà.

(424) Fuq din il-bażi, huwa konkluż li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina u x'aktarx li jerġa' jseħħ dannu materjali kkawżat minn importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina.

7. INTERESS TAL-UNJONI

(425) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri kumpensatorji eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija, tal-importaturi, tan-negozjanti u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

(426) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn aktar minn 60 produttur madwar l-Unjoni u tipprovdi impjieg dirett lil kważi 6 000 persuna. L-ebda produttur ma oppona l-investigazzjoni.

(427) Il-Kummissjoni ddeterminat li, jekk il-miżuri ma jiġġeddux, l-industrija tal-Unjoni, li operat b'ekwilibriju fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, issir waħda li tagħmel it-telf u tiffaċċja l-insolvenzi, minħabba żieda qawwija ta' bijodiżil bi prezz baxx mill-Arġentina li jkompli jikkomprometti l-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(428) Il-kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti tippermetti lill-industrija tal-Unjoni ssegwi l-proċess ta' rkupru tagħha u eventwalment tikseb livelli ta' profittabbiltà sostenibbli.

(429) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tiġdid tal-miżuri jkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. Interess ta' importaturi, kummerċjanti u distributuri mhux relatati

(430) Negozjant wieħed attiv fl-Unjoni rreġistra bħala parti interessata fil-proċediment iżda ma għamel l-ebda rappreżentazzjoni.

(431) Il-kumpaniji involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tad-diżil fossili involuti wkoll fit-taħlit obbligatorju tad-diżil fossili mal-bijodiżil ġew mistiedna jimlew kwestjonarji fil-bidu. L-unika waħda li wieġbet għall-kwestjonarju stqarret li ma kellhiex biżżejjed għarfien biex tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar tiġdid possibbli tal-miżuri. Għar-rispondent, il-bijodiżil kien parti żgħira ħafna mill-attività kummerċjali ġenerali. Fid-dawl ta' dan, il-pożizzjoni tal-parti u l-fatt li l-parti naqset milli tipprovdi l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni fil-livell ta' dettall meħtieġ, jiġifieri limitata għal dawk l-attivitajiet li jinvolvu l-bijodiżil (Arġentin), il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt materjali fuqha.

(432) CARBIO sostniet li l-impożizzjoni reċenti fuq id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil miċ-Ċina twassal għall-eliminazzjoni taċ-Ċina bħala sors ta' provvista u għalhekk is-suq tal-Unjoni se jkollu bżonn żieda fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil fis-snin li ġejjin. Madankollu, il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi huma f'livelli moderati, li jvarjaw minn 10 % sa 35,6 %, u ma jistgħux jitqiesu bħala projbittivi. Barra minn hekk, huma disponibbli sorsi alternattivi ta' provvisti mingħajr miżuri ta' difiża kummerċjali. Dan huwa evidenzjat mis-sehem sinifikanti mis-suq tal-importazzjonijiet minn diversi pajjiżi terzi oħra (ara t-Tabella 7). Il-Kummissjoni qieset li l-kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti tippermetti lill-industrija tal-Unjoni ssegwi l-proċess ta' rkupru tagħha u tkompli tforni s-suq domestiku tagħha.

(433) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tiġdid tal-miżuri ma jinvolvix detriment sinifikanti għall-interess tal-importaturi, tan-negozjanti u tad-distributuri. Dawn l-operaturi ekonomiċi huma parti mill-katina tal-provvista u se jgħaddu l-kostijiet li jirriżultaw mill-miżuri, jekk ikun hemm fin-nuqqas ta' impenji, lill-utenti u lill-konsumaturi.

7.3. L-interess tal-utenti u tal-konsumaturi

(434) Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-miżuri eżistenti affettwaw b'mod negattiv lill-utenti tal-bijodiżil tal-Unjoni. Ma hemm l-ebda evidenza li xi waħda mill-miżuri eżistenti kellha impatt negattiv fuq il-profittabbiltà tagħhom.

(435) Ta' min jinnota li l-prezzijiet finali tal-fjuwil pjuttost isegwu l-prezz taż-żejt fossili mhux maħdum ([169]) u li madwar 40 % tal-prezz tad-diżil fil-pompi tal-petrol fl-UE huwa taxxi ([170]), li jistgħu jiġu mmodulati skont id-diversi interessi jew ħtiġijiet. Barra minn hekk, jistgħu japplikaw inċentivi għall-użu tal-bijodiżil ([171]). Meta wieħed iżomm f'moħħu dawn il-fatti u l-perċentwal żgħir ta' bijodiżil (tipikament, mhux aktar minn 10 %) li ġeneralment jitħallat fid-diżil fossili, ma nstabet l-ebda evidenza li t-tiġdid tal-miżuri jmur b'mod ċar kontra l-interessi tal-utenti jew tal-konsumaturi jew jegħleb il-konsegwenzi pożittivi taż-żamma tal-istatus quo għall-industrija tal-Unjoni.

7.4. Fatturi oħrajn

(436) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li ż-żamma tal-miżuri eżistenti se tagħti spinta lill-isforzi tas-sostenibbiltà u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-katina tal-provvista u se jkollha effett pożittiv fuq l-industrija tal-forniturifl-Unjoni peress li d-dħul u l-użu tal-kapaċità se jiżdiedu.

7.5. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

(437) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina.

8. MIŻURI KUMPENSATORJI

(438) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidjar, il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miżuri kumpensatorji fuq il-bijodiżil mill-Arġentina jinżammu.

(439) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji individwali. L-applikazzjoni tad-dazji individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mill-Arġentina".

([169]) https://www.bmwk.de/Redaktion/EN/Artikel/Energy/petroleum-fuel-prices.html.

([170]) Fil-*Weekly Oil Bulletin* tagħha, il-Kummissjoni tipprovdi ħarsa ġenerali għal kull Stat Membru tal-UE tal-prezzijiet medji għad-diżil u l-petrol (Euro Super-95) u s-sehem tat-taxxa tal-prezz finali. Ara https://energy.ec.europa.eu/data-and-analysis/weekly-oil-bulletin_en.

([171]) Aktar dettalji mill-assoċjazzjoni FuelsEurope jinsabu fiċ-ċart disponibbli hawn: https://www.fuelseurope.eu/uploads/files/modules/documents/file/1688474562_PHVWHHTy6LUHcLLbJzKRaj44vRiRLrTghMB8aXzf.pdf#:~:text=No%20tax%20incentive%3A%20Biofuels%20do%20not%20bene%EF%AC%81t%20from,a%20percentage%20of%20fossil%20fuel%20content%20above%2070%25.

(440) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(441) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni anticirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija tar-rata(i) tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju applikabbli għall-pajjiż kollu.

(442) Il-premessa (2) ta' hawn fuq innotat li l-Kummissjoni aċċettat offerti ta' impenn bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245. Il-Kummissjoni kienet qieset li dawn jeliminaw l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati u jillimitaw sa grad suffiċjenti r-riskju ta' ċirkomvenzjoni.

(443) CARBIO u l-GtA sostnew li, jekk il-miżuri fis-seħħ jiġġeddu, l-impenn eżistenti għandu jitkompla. Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) qieset l-impenn bħala mekkaniżmu effettiv, li jaġixxi bħala fattur ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet għall-prezzijiet tal-importazzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni minħabba l-prezzijiet għoljin li bihom ġie nnegozjat il-bijodiżil Arġentin u l-marġni negattiv tat-twaqqigħ tal-prezz fit-talba (– 2 %). Il-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) nnotat li l-membri tagħha kienu dixxiplinati u impenjati li jkomplu bl-isforzi tagħhom fi ftehim imġedded.

(444) Il-Kummissjoni nnotat li r-rieżami ta' skadenza attwali huwa maħsub biex jivvaluta jekk il-kontinwazzjoni tal-miżuri kumpensatorji hijiex ġustifikata. Kwalunkwe valutazzjoni tal-impenn fis-seħħ hija barra ambitu tar-rieżami ta' skadenza attwali.

(445) Wara l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku għall-GtA, il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) minflok appella għat-tneħħija tal-impenji, iġġustifikata min-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA. Il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) qajjem b'mod partikolari r-rwol tal-gvernijiet fl-impenn skont ir-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) enfasizza li waħda mill-informazzjoni nieqsa elenkata fil-premessa (71), dwar il-prezzijiet u l-politiki tal-ipprezzar tal-produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja, kienet essenzjali biex jiġi stabbilit il-prezz minimu tal-importazzjoni skont l-impenn. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB) innota li l-GtA ma pprovdiex informazzjoni dwar suq likwidu u trasparenti ħafna, bħas-suq għall-fażola tas-sojja fl-Arġentina, u li Molinos Agro kkonfermat fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju li s-suq għall-fażola tas-sojja kien tali. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA kien jikser il-fiduċja li fuqha kienet ibbażata l-aċċettazzjoni tal-impenn.

(446) Il-GtA u CARBIO sostnew li l-informazzjoni dwar il-prezz li setgħet ġiet ipprovduta minn fornituri individwali tal-fażola tas-sojja fil-kuntest tar-rieżami ta' skadenza attwali kienet differenti mill-prezz tal-fażola tas-sojja fis-suq domestiku Arġentin, li huwa l-fattur rilevanti għad-determinazzjoni tal-prezz minimu tal-importazzjoni. Il-GtA indika wkoll li n-nuqqas ta' sottomissjoni tal-istess informazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali ma waqqafx il-qbil ta' impenn. Għaldaqstant, il-GtA u l-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) issottomettew li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA ma kienx jikkostitwixxi ksur tal-impenn, meta jitqies ukoll il-fatt li l-GtA ma kienx parti għalih. Barra minn hekk, skont il-GtA, it-tweġiba għall-kwestjonarju minn Molinos Agro turi li, jekk is-suq ikun trasparenti, ma hemm l-ebda użu prattiku biex jinżamm reġistru tal-produtturi tal-fażola tas-sojja. Fl-aħħar nett, l-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (CARBIO) sostniet li l-kontinwazzjoni tal-impenn kienet fl-interess tal-Unjoni.

(447) Il-Kummissjoni nnotat li kwalunkwe valutazzjoni tal-impenn fis-seħħ hija barra mill-ambitu tar-rieżami ta' skadenza attwali. Għalhekk, din l-affermazzjoni ma ġietx ikkunsidrata.

(448) Wara d-divulgazzjoni finali, CARBIO tenniet l-istess kummenti kif stabbilit fil-premessa (443), li kienu diġà indirizzati mill-Kummissjoni fil-premessa (444).

(449) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EBB tenna li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GtA fl-investigazzjoni preżenti fir-rigward tal-impenn fis-seħħ. Huma argumentaw li dan għandu jsir jew fil-kuntest tar-rieżami ta' skadenza preżenti, jew fil-kuntest ta' valutazzjoni separata. Barra minn hekk, l-EBB qies li n-nuqqas ta' informazzjoni preċiża dwar is-suq tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina jagħmilha impossibbli għall-Kummissjoni li tistabbilixxi prezz minimu tal-importazzjoni, peress li dan tal-aħħar jiġi kkalkolat abbażi tal-kwotazzjonijiet tal-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja ta' kull xahar ippubblikati mill-GtA. Għalhekk, skont l-EBB, l-impenn ma kellu l-ebda ġustifikazzjoni u kellu jiġi sospiż.

(450) Il-Kummissjoni tenniet li kwalunkwe valutazzjoni tal-impenn fis-seħħ hija barra mill-ambitu tar-rieżami ta' skadenza attwali. Madankollu, fil-prinċipju, dan ma jippreġudikax il-bidu ta' valutazzjoni ta' jekk kienx hemm ksur tal-impenn jew le, li fi kwalunkwe każ jibqa' separat mir-rieżami ta' skadenza attwali. Għalhekk, din l-affermazzjoni ma ġietx ikkunsidrata fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni.

(451) Barra minn hekk, l-EBB ipprovda għadd ta' talbiet li jikkonċernaw ir-relazzjoni bejn l-informazzjoni mhux ipprovduta mill-GtA u d-determinazzjoni tal-prezz minimu tal-importazzjoni.

(452) Il-Kummissjoni nnotat li kwalunkwe valutazzjoni tal-impenn fis-seħħ hija barra mill-ambitu tar-rieżami ta' skadenza attwali. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ma ġewx ikkunsidrati.

(453) Kull meta l-Kummissjoni tirtira, skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament bażiku, l-aċċettazzjoni tagħha ta' impenn wara xi ksur billi tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara l-fatturi rilevanti tal-impenn bħala invalidi, għandu jsir dejn doganali fil-ħin li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

(454) Ir-rati tad-dazju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mill-Arġentina u prodott mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-Arġentina". Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda rata ta' dazju individwali.

(455) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([172]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(456) Il-partijiet interessati kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Waslu kummenti mingħand il-GtA, CARBIO u l-EBB u ġew indirizzati fit-taqsimiet rilevanti ta' hawn fuq.

(457) Esportatur jew produttur li ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li ntuża biex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju applikabbli bħalissa għall-esportazzjonijiet tiegħu jista' jitlob lill-Kummissjoni biex isir soġġett għar-rata tad-dazju antisussidji għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li ntuża sabiex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju applikabbli għall-esportazzjonijiet tiegħu; (ii) mhuwiex relatat ma' kumpanija li għamlet dan u, għalhekk, hija soġġetta għad-dazji antisussidji; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

([172]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

(458) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([173]), meta ammont jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jrid jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(459) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li attwalment jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (il-Kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 33), ex 1518 00 91 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 33), ex 1518 00 95 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 95 21), ex 1518 00 99 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 91 33), ex 2710 19 42 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 42 21 u 2710 19 42 29), ex 2710 19 44 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 44 21, 2710 19 44 29 u 2710 19 44 33), ex 2710 19 46 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 33), ex 2710 19 47 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 33), 2710 20 11, 2710 20 16, ex 3824 99 92 (il-Kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 14 u 3824 99 92 17), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (il-Kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 33) ([174]), u li joriġinaw mill-Arġentina.

2. Ir-rati tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Aceitera General Deheza S.A.	33,4 %	C493
Bunge Argentina S.A.	33,4 %	C494
LDC Argentina S.A.	26,2 %	C495
Molinos Agro S.A.	25,0 %	C496
Viterra Argentina S.A.	25,0 %	C497
Vicentin S.A.I.C.	25,0 %	C498
COFCO International Argentina S.A.	28,2 %	C490
Cargill S.A.C.I.	28,2 %	C491
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw fl-Arġentina	33,4 %	C999

([173]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

([174]) Kif attwalment definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2522 tat-23 ta' Settembru 2024 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2522/oj (OJ L, 2024/2522 31.10.2024). Il-kopertura tal-prodott tiġi ddeterminata billi tiġi kkombinata d-deskrizzjoni tal-prodott fl-Artikolu 1(1) u d-deskrizzjoni tal-prodott tal-kodiċijiet NM u TARIC korrispondenti meħuda flimkien.

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu eżentati mid-dazju kumpensatorju impost mill-Artikolu 1, ġaladarba jkunu manifatturati, mibgħuta u fatturati minn kumpaniji li l-Kummissjoni aċċettat impenji mingħandhom u li l-ismijiet tagħhom huma elenkati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245, kif emendati minn żmien għal żmien, u jkunu ġew importati skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

2. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu eżenti mit-taxxa kompensatorja bil-kondizzjoni li: (a) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-anqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament; u (b) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn Ċertifikat ta' Impenn tal-Esportazzjoni skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament; u (c) l-oġġetti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura ta' impenn.

3. Dejn doganali għandu jiġġarrab fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera: (a) kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li ma ġewx issodisfati waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dak il-paragrafu u l-paragrafu 2; jew (b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament (UE) 2016/1037 f'Regolament jew Deċiżjoni li tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn.

Artikolu 3

Il-kumpaniji li l-Kummissjoni taċċetta impenji mingħandhom u li l-ismijiet tagħhom huma elenkati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245 kif sussegwentement emendati, u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet speċifikati hemmhekk, se joħorġu wkoll fattura għal tranżazzjonijiet li mhumiex eżentati mid-dazju kumpensatorju. Din il-fattura hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi stipulati fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

L-elementi li ġejjin ikunu indikati fil-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-Kumpanija lill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti, li huma soġġetti għall-Impenn:

(1) L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-OĠĠETTI SOĠĠETTI GĦAL IMPENN".

(2) L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali u l-isem tal-Kumpanija li timmanifattura l-oġġetti.

(3) In-Numru tal-Fattura Kummerċjali.

(4) Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.

(5) Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu approvati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

(6) Id-deskrizzjoni preċiża f'lingwaġġ sempliċi tal-prodotti u:

— speċifikazzjonijiet tekniċi tan-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— il-kodiċi NM,

— il-kwantità (li għandha tingħata f'unitajiet espressi f'Tunnellati Metriċi).

(7) Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:

— il-prezz għal kull unità (Tunnellata Metrika),

— it-termini tal-pagament applikabbli,

— it-termini tal-konsenja applikabbli,

— ir-roħs u l-iskonti totali.

(8) Isem il-kumpanija li taġixxi ta' importatur li lilha tinħareġ direttament il-fattura mill-Kumpanija.

(9) Isem l-uffiċjal tal-Kumpanija li ħareġ il-Fattura Kummerċjali u d-dikjarazzjoni li ġejja ffirmata:

"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-merkanzija mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperta minn din il-fattura ġiet manifatturata minn (Isem u indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi TARIC addizzjonali) fl-Arġentina fl-ambitu u skont it-termini tal-Impenn fuq il-prezz aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

ANNESS 2

Ċertifikat tal-impenn tal-esportazzjoni

Il-punti li ġejjin ikunu indikati fiċ-Ċertifikat tal-Impenn tal-Esportazzjoni li jinħareġ minn CARBIO għal kull Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ mill-Kumpanija lill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti li huma soġġetti għall-Impenn:

(1) L-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-Cámara Argentina de Biocombustibles ("CARBIO").

(2) L-isem tal-kumpanija msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245 li toħroġ il-Fattura Kummerċjali u l-isem tal-Kumpanija li timmanifattura l-merkanzija.

(3) In-Numru tal-Fattura Kummerċjali.

(4) Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.

(5) Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu kklerjati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

(6) Id-deskrizzjoni eżatta tal-oġġetti, inklużi:

— l-ispeċifikazzjoni teknika tal-prodotti, in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC) (jekk applikabbli),

— Kodiċi NM.

(7) Il-kwantità preċiża f'unitajiet esportati espressi f'Tunnellati Metriċi.

(8) L-għadd u d-data ta' skandenza (tliet xhur wara l-ħruġ) taċ-ċertifikat.

(9) Isem l-uffiċjal ta' CARBIO li ħareġ iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li dan iċ-ċertifikat qed jingħata għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni Ewropea tal-oġġetti koperti mill-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ li sar soġġett għall-Impenn u li ċ-ċertifikat qed jinħareġ fl-ambitu u skont it-termini tal-impenn offrut minn [il-kumpanija], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2019/245. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'dan iċ-ċertifikat hija korretta u li l-kwantità koperta minn dan iċ-ċertifikat ma taqbiżx il-limitu massimu tal-impenn."

(10) Data.

(11) Il-firma u t-timbru ta' CARBIO.

ANNESS 3

L-elementi li ġejjin għandhom jiġu indikati fil-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-Kumpanija fl-Unjoni Ewropea ta' oġġetti, li huma soġġetti għal dazji kumpensatorji:

(1) L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA OĠĠETTI SOĠĠETTI GĦAL DAZJI KUMPENSATORJI".

(2) L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali u l-isem tal-Kumpanija li timmanifattura l-merkanzija.

(3) In-Numru tal-Fattura Kummerċjali.

(4) Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.

(5) Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontu l-oġġetti fil-fattura għandhom jiġu approvati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

(6) Id-deskrizzjoni preċiża f'lingwaġġ sempliċi tal-oġġetti u:

— speċifikazzjonijiet tekniċi tan-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— il-kodiċi NM,

— il-kwantità (li għandha tingħata f'unitajiet espressi f'Tunnellati Metriċi).

(7) Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:

— il-prezz għal kull unità (Tunnellati Metriċi),

— it-termini tal-pagament applikabbli,

— it-termini tal-konsenja applikabbli,

— ir-roħs u l-iskonti totali.

(8) L-isem u l-firma tal-uffiċjal tal-Kumpanija li ħareġ il-Fattura Kummerċjali.